IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.10.2024
COM(2024) 474 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

**Werrej**

Akronimi ..... 3

Sommarju eżekuttiv ..... 4

1. Is-sitwazzjoni attwali dwar l-implimentazzjoni tal-RRF ..... 7

A. Talbiet għall-pagament u żborżi ..... 7

Il-pass tal-iżborżar żdied wara r-reviżjonijiet tal-RRPs ..... 7

Il-proċedura ta' sospensjoni qiegħda tintuża dejjem aktar, li tiffaċilita żborżi aktar rapidi ..... 8

Il-Kummissjoni kompliet toħroġ Bonds tal-UE biex tiffinanzja l-RRF ..... 10

Għadd dejjem akbar ta' miżuri huma eliġibbli għall-finanzjament taħt il-Bonds Ekoloġiċi ta' NextGenerationEU ..... 11

Il-kundizzjonalità makroekonomika u l-RRF ..... 12

B. Reviżjoni tal-RRPs ..... 13

RRPs aġġornati jibqgħu ambizzjuż wara r-reviżjonijiet li saru fl-2023 u fl-2024 ..... 13

Il-pakkett finanzjarju totali u l-kontribuzzjoni tal-RRF għal kull sitt pilastri ta' politika nbidlu wara r-reviżjonijiet tal-RRP ..... 14

Profili tal-pagamenti evolvew wara r-reviżjonijiet tal-RRPs ..... 15

Il-miri klimatiċi u diġitali tal-RRF għadhom qegħdin jintlaħqu mill-RRPs riveduti ..... 19

L-RRPs riveduti jikkontribwixxu għall-politiki soċjali u għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri madwar l-UE ..... 20

C. Riċevituri finali taħt l-RRF ..... 21

L-Istati Membri kollha jippubblikaw data dwar l-akbar 100 riċevitur finali ..... 21

L-akbar riċevituri finali jirċievu finanzjament għall-investimenti fis-sitt pilastri tal-politika tal-RRF kollha ..... 24

D: Kontrolli u awditjar fl-implimentazzjoni tal-RRF ..... 26

Il-Kummissjoni kompliet tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni ..... 27

L-RRF għadha taħt skrutinju mill-qrib mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri ..... 28

E. Komunikazzjoni u djalogi fl-2023-2024 ..... 30

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, u l-Istati Membri jibqgħu involuti b'mod kontinwu fl-implimentazzjoni tal-RRF ..... 30

Il-viżibbiltà tal-UE fl-implimentazzjoni tal-RRPs tista' tissaħħaħ aktar ..... 31

Il-mappa interattiva tipprovdi ħarsa ġenerali viżwali lejn il-proġetti appoġġati mill-RRF ..... 32

L-Istati Membri għadhom jorganizzaw avvenimenti annwali tal-RRF ..... 33

Il-Kummissjoni twettaq attivitajiet ta' komunikazzjoni rilevanti addizzjonali ..... 34
F. Sejbiet ewlenin mill-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-RRF ..... 35
L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tagħha wriet li l-RRF appoġġat l-irkupru u ġabet l-innovazzjoni fl-infiq tal-UE ..... 35
L-evalwazzjoni tinkludi kunsiderazzjonijiet utli għal strumenti futuri bbażati fuq il-prestazzjoni ..... 36
2. Progress fl-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ..... 39
A. Indikaturi komuni ..... 39
L-RRF kisbet eżiti reali sinifikanti fil-prattika ..... 39
B. *Data* ta' rapportar biannwali ..... 43
Il-biċċa l-kbira tal-objettivi intermedji u l-miri huma rrapportati li jiġu implimentati f'konformità mal-iskedi ta' żmien tal-RRPs ..... 43
C. Progress fis-sitt pilastri ta' politika ..... 45
L-Istati Membri għamlu progress viżibbli fl-implimentazzjoni fis-sitt pilastri tal-politika tal-RRF kollha ..... 45
D. Politiki biex tittejjeb il-kompetittività tan-negozji tal-UE ..... 62
L-RRPs jikkontribwixxu għal kompetittività mtejba tan-negozji tal-UE, b'madwar tliet miljun intrapriża li diġà bbenefikaw mill-appoġġ tal-RRF ..... 62
3. REPowerEU ..... 65
A. Ħarsa ġenerali lejn il-miżuri fil-kapitoli tar-REPowerEU ..... 67
Ir-riformi u l-investimenti addizzjonali tar-REPowerEU jindirizzaw il-konġestjonijiet, jgħinu biex titħaffef it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u tissaħħaħ is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija ..... 67
B. Ħarsa ġenerali lejn il-miżuri li għandhom dimensjoni transfruntiera jew multinazzjonali inklużi fil-kapitoli kollha tar-REPowerEU ..... 71
Il-miżuri tar-REPowerEU għandhom dimensjoni transfruntiera jew multinazzjonali qawwija ..... 71
4. Konklużjoni ..... 74

# Akronimi

| | |
|---|---|
| **BAR** | Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit |
| **COVID-19** | Marda tal-Coronavirus tal-2019 |
| **QEA** | Qorti Ewropea tal-Awdituri |
| **ETS** | Skema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet |
| **EUR** | Euro (€) |
| **RPPs** | Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza |
| **RRF** | Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza |
| **MWh** | Megawatt siegħa |
| **SMEs** | Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju |
| **STEP** | Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa |

# Sommarju eżekuttiv

**Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ("RRF", Recovery and Resilience Facility) hija l-qofol tal-inizjattiva NextGenerationEU, il-pjan ta' rkupru tal-Ewropa biex toħroġ aktar b'saħħitha u aktar reżiljenti mill-effetti ekonomiċi u soċjali mingħajr preċedent tal-pandemija tal-COVID-19.** L-RRF, mingħajr preċedent kemm fl-iskala kif ukoll fl-ambizzjoni, ġiet stabbilita fl-2021[1] bħala strument innovattiv u bbażata fuq il-prestazzjoni, li tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' taħlita ta' riformi u investimenti miftiehma minn qabel. L-RRF hija marbuta biż-żmien sal-2026.

Maż-żmien, l-RRF adattat għal sfidi ġodda u pprovdiet appoġġ kruċjali lill-Istati Membri wara l-aggressjoni mhux provokata tar-Russja kontra l-Ukrajna, u l-kriżi tal-enerġija li rriżultat minnha. Bir-**REPowerEU**, l-Istati Membri jistgħu jibbenefikaw minn riżorsi addizzjonali biex jagħtu spinta lir-riformi u lill-investimenti li jiddiversifikaw il-provvisti tal-enerġija tal-UE, jaċċelleraw it-tranżizzjoni ekoloġika, u jappoġġaw lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli.

**Fit-3 snin u nofs mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament RRF, l-Istati Membri għamlu użu mill-Faċilità biex javvanzaw l-aġendi ta' riforma u ta' investiment tagħhom**, f'konformità mal-prijoritajiet komuni tal-UE, u jindirizzaw kemm sfidi li ilhom jeżistu kif ukoll sfidi ġodda, bħala parti mill-irkupru tagħhom mill-kriżi tal-COVID-19.

**Wara xi dewmien fl-2023, fil-bidu l-kbira marbut mal-ħtieġa li jiġu adottati l-kapitoli tar-REPowerEU, ġew aċċellerati l-implimentazzjoni u l-iżborżi.** Sa tmiem Awwissu 2024, EUR 265,4 biljun kienu ġew żborżati lill-Istati Membri u madwar 85 % tal-objettivi intermedji u l-miri b'data tat-tlestija indikattiva sal-aħħar ta' Marzu 2024 kienu jew ġew ivvalutati bħala li ntlaħqu b'mod sodisfaċenti mill-Kummissjoni jew irrapportati bħala li tlestew mill-Istati Membri. Dan jirrappreżenta żieda kbira meta mqabbel mal-2023 fejn, kif irrapportat fir-rapport annwali preċedenti tal-RRF, il-Kummissjoni kienet żborżat madwar 58 % tal-ammont totali attwali (EUR 153,4 biljun) sal-1 ta' Settembru 2023. Jekk kollox imur skont il-pjan, sa tmiem is-sena, l-RRF se tkun żborżat aktar minn EUR 300 biljun mill-bidu tal-Faċilità.

**Il-Kummissjoni żiedet l-azzjonijiet tagħha biex tappoġġa l-isforzi ta' implimentazzjoni tal-Istati Membri, tissimplifika u tnaqqas il-piż amministrattiv.** Fid-19 ta' Lulju 2024, il-Kummissjoni adottat Gwida aġġornata dwar l-RRPs biex tissimplifika l-implimentazzjoni tal-RRF u ttejjeb l-effettività tagħha. Il-gwida aġġornata tiffoka b'mod speċjali fuq ir-reviżjonijiet tal-RRP, li se jibqgħu rilevanti biex jiġu indirizzati l-konġestjonijiet possibbli fl-implimentazzjoni. Din tipprovdi aktar ċarezza dwar l-ambitu tar-reviżjonijiet u l-possibbiltà li jiġi emendat RRP fejn Stat Membru jidentifika alternattiva aħjar għall-implimentazzjoni ta' miżura b'mod li jnaqqas il-piż amministrattiv. Barra minn hekk, bid-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar il-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa ("STEP",

[1] Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Strategic Technologies in Europe Platform)[2] (li emenda r-Regolament RRF), il-finanzjament mill-RRF u minn fondi oħrajn tal-UE issa jista' jiġi allokat ukoll għall-objettivi ta' STEP[3]. Din ir-raġuni legali għall-emenda ġdida ġiet riflessa fil-gwida. Il-gwida tissimplifika wkoll ir-rekwiżiti ta' rapportar għall-Istati Membri u tipprovdi aktar ċarezza dwar il-kundizzjonijiet li taħthom l-appoġġ mill-RRF u fondi oħrajn tal-UE jista' jiġi kkombinat biex jittejbu s-sinerġiji.

**L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-RRF ikkonfermat il-valur miżjud ta' strument li jikkombina r-riformi mal-investiment u l-approċċ tiegħu bbażat fuq il-prestazzjoni.** Il-punti b'saħħithom ewlenin tal-RRF huma l-enfasi tiegħu fuq l-iżborż meta mqabbel mal-progress fil-prattika u l-appoġġ tiegħu kemm għar-riformi kif ukoll għall-investimenti, li spiss isaħħu lil xulxin, taħt strument wieħed. L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-RRF, ippubblikata fi Frar 2024, enfasizzat l-appoġġ wiesa' mill-Istati Membri u minn partijiet ikkonċernati oħrajn kemm għan-natura tal-RRF li hija bbażata fuq il-prestazzjoni kif ukoll għall-kombinazzjoni ta' riformi u investimenti. Il-pagament fuq il-bażi tar-riżultati miksuba, aktar milli l-kostijiet imġarrba, jipprovdi prevedibbiltà u responsabbiltà kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-Kummissjoni. Il-kombinament tar-riformi u l-investimenti fi strument ta' finanzjament wieħed joħloq sinerġiji bejniethom, jinċentiva l-implimentazzjoni ta' riformi ewlenin u jappoġġa l-koerenza tal-pjanijiet nazzjonali. L-implimentazzjoni rapida u l-iżborżi rapidi juru li l-RRF appoġġat lill-Istati Membri fi żminijiet ta' kriżi, filwaqt li l-kombinament uniku ta' riformi u investimenti jgħin lill-ekonomiji tagħna jsiru aktar adattati għall-futur.

**L-RRF u l-komponent REPowerEU tagħha għandhom ukoll rwol ewlieni biex jgħinu lill-kumpaniji tal-UE jiksbu l-benefiċċji tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali**. Sal-31 ta' Awwissu 2024, aktar minn 2 800 000 kumpanija, l-aktar intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ("SMEs"), kienu bbenefikaw mill-appoġġ tal-RRF. Minbarra l-appoġġ finanzjarju dirett, l-RRPs ikkontribwew ukoll għall-implimentazzjoni ta' riformi sinifikanti biex jittejjeb l-ambjent tan-negozju madwar l-Istati Membri, pereżempju fl-oqsma tad-diġitalizzazzjoni tan-negozji, l-iffaċilitar tal-proċess għall-ħruġ tal-permessi, u t-titjib u tiġdid tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol.

**Fid-dawl tan-natura tal-RRF li hija marbuta biż-żmien, l-isforzi kollha għandhom jibqgħu ffukati fuq l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tal-RRPs sal-2026.** Filwaqt li l-implimentazzjoni u l-iżborżi kienu qegħdin jaċċelleraw, il-progress ivarja fost l-Istati Membri. Xi Stati Membri diġà ssottomettew erba' talbiet għall-pagament jew aktar, filwaqt li ftit oħrajn għadhom ma ssottomettew xejn. F'xi każijiet, għadhom jippersistu d-dewmien u l-isfidi ewlenin biex jiġu assorbiti l-fondi sa tmiem l-2026. L-Istati Membri kollha jeħtieġ li jkomplu bl-isforzi tagħhom biex jimplimentaw bis-sħiħ l-RRP rispettiv tagħhom qabel tmiem l-2026, meta l-Faċilità hija mistennija li tiskadi. Fejn rilevanti, l-RRPs xorta jistgħu jiġu

[2] Ir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP).

[3] Bis-saħħa tar-Regolament STEP, l-Istati Membri issa jistgħu jgħaddu ammont addizzjonali sa 6 % tal-allokazzjoni totali tal-RRF lill-kompartiment tal-Istat Membru ta' InvestEU għal azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' STEP, minbarra l-4 % diġà permessi mir-Regolament RRF. Barra minn hekk, meta l-Istati Membri jirrevedu l-RRPs tagħhom, dawn ikollhom iqisu bħala prijorità l-proġetti b'Siġill STEP.

riveduti biex jindirizzaw l-ostakli possibbli fl-implimentazzjoni u jilqgħu għall-isfidi emerġenti u li qegħdin jevolvu. Il-Kummissjoni tinsab lesta li tkompli tappoġġa lill-Istati Membri.

**Dan ir-rapport huwa t-tielet wieħed f'serje ta' pubblikazzjonijiet annwali dwar l-implimentazzjoni tal-RRF, kif meħtieġ skont l-Artikolu 31 tar-Regolament RRF**. Dan jippreżenta s-sitwazzjoni attwali rigward l-iżborżi, ir-reviżjonijiet tal-RRPs, l-iżviluppi relatati mal-awditjar u mal-kontroll, u l-attivitajiet ta' komunikazzjoni fost oħrajn (it-taqsima 1); il-progress fl-implimentazzjoni tal-objettivi intermedji u l-miri fil-pilastri tal-politika tal-RRF (it-taqsima 2); u ħarsa ġenerali lejn il-miżuri inklużi fil-kapitoli REPowerEU tal-Istati Membri (it-taqsima 3)[4]. Fl-anness I, l-iskedi informattivi tal-pajjiżi jiddeskrivu l-progress li sar f'kull Stat Membru, filwaqt li annessi addizzjonali jiffokaw fuq kunċetti speċifiċi rilevanti għall-implimentazzjoni tal-RRF. L-informazzjoni pprovduta f'dan ir-rapport hija bbażata fuq il-kontenut tal-RRPs sa mill-31 ta' Awwissu 2024; fuq id-*data* rrapportata mill-Istati Membri sa April 2024 bħala parti mill-obbligi ta' rapportar biannwali tagħhom; u fuq l-iżviluppi fl-implimentazzjoni tal-Faċilità sal-31 ta' Awwissu 2024, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

[4] L-informazzjoni pprovduta f'dan ir-rapport hija bbażata fuq il-kontenut tal-pjanijiet adottati kif ivvalutati mill-Kummissjoni, fuq id-*data* rrapportata mill-Istati Membri sa April 2024 bħala parti mill-obbligi ta' rapportar biannwali tagħhom, fuq *data* mit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u r-Reżiljenza sa mill-31 ta' Awwissu 2024, u fuq l-iżviluppi fl-implimentazzjoni tal-Faċilità sal-31 ta' Awwissu 2024, sakemm mhux speċifikat mod ieħor.

# 1. Is-sitwazzjoni attwali dwar l-implimentazzjoni tal-RRF

## A. Talbiet għall-pagament u żborżi

*Il-pass tal-iżborżar żdied wara r-reviżjonijiet tal-RRPs*

**Sal-31 ta' Awwissu 2024, aktar minn 40 % tal-fondi disponibbli tal-RRF kienu ġew żborżati lill-Istati Membri, bl-iżborż ta' għotjiet li jilħaq it-48 % u self li jaqbeż bi ftit it-30 %.** Mill-bidu tal-RRF, il-Kummissjoni rċeviet 63 talba għall-pagament minn 25 Stat Membru u żborżat EUR 265,4 biljun. Din iċ-ċifra tinkludi EUR 198,4 biljun żborżati f'termini netti mas-sottomissjoni tat-talbiet għall-pagament u l-ilħuq sodisfaċenti tal-objettivi intermedji u l-miri, EUR 56,6 biljun fi prefinanzjament tal-RRF mogħti lil 21 Stat Membru sal-31 ta' Diċembru 2021, u EUR 10,4 biljun fi prefinanzjament tar-REPowerEU żborżat lil 21 Stat Membru. EUR 170,8 biljun mill-ammont totali żborżat lill-Istati Membri jikkonċernaw appoġġ mhux ripagabbli u EUR 94,6 biljun jikkonċernaw self. Jekk jinżamm il-pass attwali tal-iżborżar, il-Kummissjoni tistenna li tkun żborżat aktar minn EUR 300 biljun sal-aħħar tal-2024. It-Tabella 1 tipprovdi ħarsa ġenerali lejn is-sottomissjoni tat-talbiet għall-pagamenti mill-Istati Membri u l-iżborżi totali korrispondenti mill-Kummissjoni, li jkopru kemm l-appoġġ kif ukoll is-self mhux ripagabbli, wara valutazzjoni pożittiva tal-objettivi intermedji u l-miri koperti mit-talba għall-pagament rispettiva.

**Wara l-pass aktar bil-mod tal-iżborżar fl-ewwel nofs tal-2023 hekk kif l-isforzi kienu mmirati lejn ir-reviżjonijiet tal-RRPs, l-iżborżi aċċelleraw mit-tieni nofs tas-sena.** Bejn l-1 ta' Settembru 2023 u l-31 ta' Awwissu 2024, ġew żborżati EUR 112,0 biljun lill-Istati Membri. Dan jinkludi EUR 10,4 biljun fi prefinanzjament tar-REPowerEU kif ukoll EUR 60,4 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli u EUR 41,2 biljun f'self żborżat mal-ilħuq sodisfaċenti tad-908 objettiv intermedju u mira vvalutati f'27 talba għall-pagament. B'paragun ma' dan, EUR 40,6 biljun ġew żborżati bejn l-1 ta' Settembru 2022 u l-31 ta' Awwissu 2023, b'EUR 26,9 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli u EUR 13,7 biljun f'self. Il-fondi kollha ġew żborżati mal-ilħuq sodisfaċenti tal-objettivi intermedji u l-miri vvalutati fi 17-il talba għall-pagament, peress li ma ġie żborżat l-ebda prefinanzjament matul dak il-perjodu.

**L-Istati Membri rċevew EUR 10,4 biljun fi prefinanzjament tar-REPowerEU fl-2023-2024.** L-Istati Membri li emendaw l-RRPs tagħhom biex jinkludu kapitolu dwar ir-REPowerEU fi tmiem l-2023 kellhom il-possibbiltà li jitolbu sa 20 % tal-finanzjament addizzjonali fil-forma ta' prefinanzjament, biex jiffinanzjaw il-miżuri tagħhom tar-REPowerEU[5]. 21 Stat Membru talbu u rċevew il-prefinanzjament tar-REPowerEU (ara t-Tabella 1). Il-Bulgarija, il-Ġermanja, l-Irlanda u l-Lussemburgu ma kinux eliġibbli għall-prefinanzjament tar-REPowerEU peress li l-kapitoli tagħhom tar-REPowerEU ma ġewx

[5] Ara l-Artikolu 21d tar-Regolament RRF.

adottati mill-Kunsill sal-aħħar tal-2023. In-Netherlands u l-Iżvezja ma talbu l-ebda prefinanzjament tar-REPowerEU.

*Tabella 1: Is-sitwazzjoni attwali dwar l-implimentazzjoni tat-talbiet għall-pagament tal-RRF, sal-31 ta' Awwissu 2024*

| | BE | BG | CZ | DK | DE | EE | IE | EL | ES | FR | HR | IT | CY | LV | LT | LU | HU | MT | NL | FI | PL | PT | RO | SI | SK | FI | SE |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **27** pjan approvati mill-Kummissjoni u adottati mill-Kunsill | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **21** prefinanzjament żborżati qabel il-31 ta' Diċembru 2021 u li jeskludu l-prefinanzjament tar-REPowerEU (EUR 56,6 biljun) | | ▲ | | | | | * | | | | | | | | | | ▲ | | ▲ | | ▲ | | | | | | ▲ |
| **21** prefinanzjament tar-REPowerEU żborżati (EUR 10,4 biljun) | | ● | | | ● | | ● | | | | | | | | | ● | | | ■ | | | | | | | | ■ |
| **26** Arranġament Operazzjonali ffirmati | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **63** talba għall-pagament sottomessi lill-Kummissjoni, inkluż self fejn rilevanti | 2x | 2x | 2x | 2x | 1x | 2x | 1x | 4x | 4x | 3x | 5x | 6x | 3x | 2x | 2x | 1x | | 2x | 1x | 1x | 1x | 5x | 3x | 3x | 4x | 1x | |
| **51** pagament żborżati mal-ilħuq sodisfaċenti tal-objettivi intermedji u l-miri (EUR 198,4 biljun) | | 1x | 2x | 2x | 1x | 2x | 1x | 3x | 4x | 3x | 5x | 5x | 1x | 2x | 2x | 1x | | 2x | | 1x | 1x | 4x | 2x | 2x | 3x | 1x | |

**Nota:** * L-Irlanda ma talbet l-ebda prefinanzjament. ▲ L-ebda prefinanzjament disponibbli peress li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill ma kinitx ġiet adottata sal-31 ta' Diċembru 2021, li kien prerekwiżit għall-prefinanzjament. ● L-ebda prefinanzjament tar-REPowerEU disponibbli peress li l-kapitolu tar-REPowerEU ma kienx ġie adottat sal-31 ta' Diċembru 2023, li kien prerekwiżit għall-prefinanzjament tar-REPowerEU. ■ In-Netherlands u l-Iżvezja ma talbu l-ebda prefinanzjament tar-REPowerEU.

**Sors:** Il-Kummissjoni Ewropea

### *Il-proċedura ta' sospensjoni qiegħda tintuża dejjem aktar, li tiffaċilita żborżi aktar rapidi*

**Il-possibbiltà li l-Kummissjoni tissospendi parzjalment il-pagamenti tipprovdi flessibbiltà għall-Istati Membri biex jirċievu żborż f'każ li jiffaċċjaw dewmien qasir fl-implimentazzjoni relatat ma' objettivi intermedji jew miri speċifiċi.** L-RRPs jorbtu kull ammont ta' żborż ma' sett fiss ta' objettivi intermedji u miri. Dan jiżgura l-progress fl-implimentazzjoni tal-Istati Membri iżda jfisser ukoll li d-dewmien f'objettiv intermedju jew f'mira waħda jista' jdewwem talba għall-pagament sħiħa. Il-metodoloġija ta' pagament parzjali tipprovdi l-flessibbiltà meħtieġa biex tiġi żborżata parti mill-fondi lejn l-Istati Membri u b'hekk isir progress fit-talba għall-pagament, meta għadd żgħir ta' objettivi intermedji jew miri jkunu għadhom ma ntlaħqux b'mod sodisfaċenti. Skont l-Artikolu 24(8) tar-Regolament

RRF, l-Istati Membri mbagħad ikollhom 6 xhur wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar is-sospensjoni parzjali tal-iżborż biex jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw l-ilħuq sodisfaċenti tal-objettiv/i importanti jew tal-mira/miri li jifdal. Wara dan il-perjodu, il-Kummissjoni tivvaluta mill-ġdid it-talba għall-pagament u jew tneħħi s-sospensjoni jekk l-objettiv/i importanti jew il-mira/miri speċifiċi jiġi vvalutat/jiġu vvalutati bħala milħuq/milħuqin, jew inkella tnaqqas l-allokazzjoni finanzjarja tal-Istat Membru jekk l-objettivi intermedji jew il-miri jibqgħu ma jintlaħqux b'mod sodisfaċenti.

**Iż-żieda fl-użu tal-pagamenti parzjali għenet biex jitħaffef l-iżborż tal-fondi tal-RRF.** Mill-pubblikazzjoni tal-metodoloġija għad-determinazzjoni tas-sospensjoni tal-pagamenti parzjali fl-2023[6], il-Kummissjoni ltaqgħet ma' sitt każijiet ta' talbiet għall-pagamenti fejn objettiv(i) intermedju/i jew mira/i li ma setgħetx jew ma setgħux jiġu vvalutati bħala li ntlaħqu b'mod sodisfaċenti. Bejn l-1 ta' Settembru 2023 u l-31 ta' Awwissu 2024, il-Kummissjoni vvalutat li t-talbiet għall-pagament sottomessi minn Spanja[7], l-Italja[8], il-Portugall[9], u r-Rumanija[10] kienu jinkludu objettiv(i) intermedju/i jew mira/i li ma setgħetx jew ma setgħux jiġu vvalutati bħala li ntlaħqu b'mod sodisfaċenti. Dan minbarra l-pagament diġà sospiż f'April 2023 għall-ewwel talba għall-pagament tal-Litwanja[11]. Barra minn hekk, il-valutazzjoni preliminari tal-ewwel talba għall-pagament tal-Belġju[12] tqis li objettiv intermedju wieħed ma setax jiġi vvalutat bħala li ntlaħaq b'mod sodisfaċenti[13].

**Fl-2024, il-Kummissjoni neħħiet kemm is-sospensjonijiet kif ukoll naqqset b'mod permanenti l-appoġġ tal-RRF għall-ewwel darba.** Fil-każ tal-Litwanja, fis-6 xhur wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' sospensjoni f'April 2023, l-awtoritajiet nazzjonali ħadu azzjoni politika addizzjonali u, f'Ottubru 2023, issottomettew informazzjoni addizzjonali lill-Kummissjoni dwar l-objettivi intermedji sospiżi. Il-Kummissjoni kkonkludiet li wieħed minn dawn iż-żewġ objettivi intermedji ntlaħaq b'mod sodisfaċenti, filwaqt li t-tieni wieħed kien għadu ma ntlaħaqx b'mod sodisfaċenti. Konsegwentement, il-Kummissjoni parzjalment neħħiet is-sospensjoni u żburżat EUR 14,9 miljun lil-Litwanja, b'rikonoxximent tal-progress li sar. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni naqqset ukoll l-allokazzjoni finanzjarja tal-Litwanja b'EUR

[6] Ara l-Anness II tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023) 99 final)

[7] Ara d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tad-19.7.2024 dwar is-sospensjoni parzjali tal-iżborż tar-raba' pagament parzjali ta' appoġġ mhux ripagabbli għal Spanja.

[8] Ara d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tas-26.7.2024 dwar is-sospensjoni parzjali tal-iżborż tal-ħames pagament parzjali ta' appoġġ mhux ripagabbli għall-Italja.

[9] Ara d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-22.12.2023 dwar is-sospensjoni parzjali tal-iżborż tat-tielet u r-raba' pagamenti parzjali ta' appoġġ mhux ripagabbli għall-Portugall.

[10] Ara d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-21.9.2023 dwar is-sospensjoni parzjali tal-iżborż tat-tieni pagament parzjali ta' appoġġ fil-forma ta' self lir-Rumanija.

[11] Ara d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-28.4.2023 dwar is-sospensjoni parzjali tal-iżborż tal-ewwel pagament parzjali ta' appoġġ mhux ripagabbli għal-Litwanja.

[12] Ara l-Valutazzjoni preliminari pożittiva tal-ilħuq sodisfaċenti tal-objettivi intermedji u l-miri relatati mal-ewwel talba għall-pagament sottomessa mill-Belġju fid-29 ta' Settembru 2023, trażmessa lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju mill-Kummissjoni Ewropea.

[13] Innota li l-valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni kienet għadha ma ġietx rieżaminata mill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju fiż-żmien tal-kitba u għalhekk id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-sospensjoni parzjali kienet għadha ma ġietx adottata sad-data ta' skadenza ta' dan ir-rapport annwali, jiġifieri l-31 ta' Awwissu 2024. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-sospensjoni parzjali tal-iżborż tal-ewwel pagament parzjali ta' appoġġ mhux ripagabbli lill-Belġju ġiet adottata fis-16 ta' Settembru 2024.

8,7 miljun, li tikkorrispondi għall-objettiv intermedju mhux milħuq[14]. Barra minn hekk, fil-każ tal-Portugall, l-awtoritajiet nazzjonali ħadu azzjoni politika fis-6 xhur wara s-sospensjoni għat-tielet u r-raba' pagamenti adottati f'Diċembru 2023. F'Ġunju 2024, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-objettivi intermedji u l-miri pendenti ntlaħqu b'mod sodisfaċenti. Għaldaqstant, il-Kummissjoni neħħiet kompletament l-ammont li qabel kien sospiż u żborżat EUR 720 miljun lill-Portugall[15]. F'Marzu 2024, ir-Rumanija ppreżentat ukoll ġustifikazzjonijiet addizzjonali biex turi li kienet wettqet il-miżuri meħtieġa għall-ilħuq sodisfaċenti tal-objettivi intermedji li kienu ġew sospiżi qabel. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta, il-Kummissjoni vvalutat li wieħed miż-żewġ objettivi intermedji ntlaħaq b'mod sodisfaċenti, filwaqt li t-tieni wieħed kompla ma jintlaħaqx b'mod sodisfaċenti. Il-Kummissjoni se tikkonkludi l-valutazzjoni tagħha wara li tkun tat il-possibbiltà lir-Rumanija li tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha fi żmien xahrejn mill-komunikazzjoni tal-konklużjonijiet tagħha, f'konformità mal-Artikolu 24(8) tar-Regolament RRF. Sal-31 ta' Awwissu 2024, kien għaddej il-perjodu ta' sospensjoni ta' 6 xhur fejn l-Istati Membri jistgħu jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw l-ilħuq sodisfaċenti tal-objettivi intermedji jew il-miri li jifdal għal Spanja u għall-Italja.

### *Il-Kummissjoni kompliet toħroġ Bonds tal-UE biex tiffinanzja l-RRF*

**Fl-2024, il-Kummissjoni kompliet tiġbor fondi fis-swieq permezz ta' approċċ ta' finanzjament unifikat**, li permezz tiegħu l-Kummissjoni toħroġ Bonds tal-UE ta' marka unika u talloka r-rikavati għal aggregazzjoni ta' finanzjament ċentrali li minnha jiġu ffinanzjati l-programmi ta' politika differenti tal-UE. Sal-31 ta' Awwissu 2024, l-ammont totali ta' bonds pendenti tal-UE kien ta' EUR 531,4 biljun, b'EUR 60,2 biljun minnhom fil-forma ta' bonds ekoloġiċi ta' NextGenerationEU. Il-Kummissjoni kompliet ukoll toħroġ Kambjali tal-UE ta' 3 xhur u 6 xhur biex tissodisfa l-ħtiġijiet ta' finanzjament fuq terminu qasir. Sal-31 ta' Awwissu 2024, il-Kambjali tal-UE pendenti kienu ta' EUR 20,9 biljun.

**Bir-rikavat li nġabar mill-ħruġ tal-Bonds tal-UE, il-Kummissjoni setgħet tkompli l-finanzjament bla xkiel tal-RRPs tal-Istati Membri.** Il-Kummissjoni għamlet l-iżborżi kollha lill-Istati Membri taħt l-RRF hekk kif kienu dovuti, bħala medja fi żmien 6 ijiem tax-xogħol wara l-awtorizzazzjoni tagħhom. Ma kien hemm l-ebda dewmien.

**F'Ġunju, il-Kummissjoni ħarġet il-pjan ta' finanzjament tagħha għat-tieni semestru tal-2024, b'mira ta' finanzjament sa EUR 65 biljun ta' Bonds tal-UE fit-tul bejn Lulju u tmiem Diċembru 2024.** Il-pjan ta' finanzjament tat-tieni nofs tal-2024 bena fuq it-tlestija tal-mira ta' EUR 75 biljun għall-ewwel semestru tal-2024, bi ħruġ li għandu l-għan li jimmobilizza finanzjament totali sa EUR 140 biljun fl-2024 (meta mqabbel ma' mira ta' finanzjament ta' EUR 120 biljun fl-2023).

[14] Ara d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tas-6.5.2024 dwar it-tnaqqis tal-ammont tal-ewwel pagament ta' appoġġ mhux ripagabbli għal-Litwanja.

[15] Ara d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tas-26.7.2024 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (C2023) 9290 tat-22.12.2023 dwar l-awtorizzazzjoni tal-iżborż tat-tielet u r-raba' pagament ta' appoġġ mhux ripagabbli u t-tielet u r-raba' pagament ta' appoġġ fil-forma ta' self għall-Portugall.

**Taħt NextGenerationEU u abbażi tat-talbiet għall-finanzjament tal-Istati Membri skont l-RRF u l-ħtiġijiet ta' finanzjament ta' programmi oħrajn tal-UE appoġġati minn NextGenerationEU, il-Kummissjoni tistenna li tiġbor sa EUR 712 biljun permezz tal-ħruġ ta' Bonds tal-UE sal-2026** (minn pakkett ta' programmi massimu ta' EUR 806,9 biljun[16]). Dan jagħmel lill-UE waħda mill-akbar emittenti ta' dejn iddenominat f'euro f'dan il-perjodu.

### *Għadd dejjem akbar ta' miżuri huma eliġibbli għall-finanzjament taħt il-Bonds Ekoloġiċi ta' NextGenerationEU*

**Fl-2020, il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li tiffinanzja sa 30 % ta' NextGenerationEU billi toħroġ bonds ekoloġiċi.** Dan juri l-impenn tal-Kummissjoni għal finanzjament sostenibbli, billi ġabet assi ekoloġiku ġdid bi klassifikazzjoni għolja u likwidu fis-suq, li tat aċċess għal investimenti ekoloġiċi għal firxa wiesgħa ta' investituri, u saħħet ir-rwol tal-Unjoni Ewropea u tal-euro fis-swieq tal-finanzi sostenibbli. L-ewwel Bond Ekoloġiku ta' NextGenerationEU inħareġ f'Ottubru 2021. Permezz ta' dan il-bond ta' 15-il sena, il-Kummissjoni ġabret EUR 12-il biljun, li jagħmilha l-akbar tranżazzjoni ta' bonds ekoloġiċi fid-dinja sal-lum. Minn dak iż-żmien, il-Kummissjoni ħarġet EUR 60,2 biljun ta' Bonds Ekoloġiċi ta' NextGenerationEU, bi ħruġ ġdid ikkalibrat biex jikkorrispondi għan-nefqa ekoloġika rrapportata mill-Istati Membri.

**In-nefqa nazzjonali għall-implimentazzjoni ta' miżuri ffinanzjati mill-Bonds Ekoloġiċi ta' NextGenerationEU, sal-31 ta' Awwissu 2024, kienet relatata l-aktar mal-miżuri tal-effiċjenza enerġetika (42,8 % tal-infiq allokat) u t-trasport nadif u l-infrastruttura (33,3 %).** L-enerġija nadifa u n-network kienet it-tielet l-akbar kategorija ta' nefqa, bi 8,4 % tal-infiq fost disa' kategoriji ta' nfiq li għalihom jistgħu jiġu allokati r-rikavati mill-bonds ekoloġiċi ta' NextGenerationEU.

**L-UE tavvanza l-finanzjament sostenibbli permezz tal-Bonds Ekoloġiċi ta' NextGenerationEU billi tidderieġi l-fondi f'firxa wiesgħa ta' proġetti ekoloġiċi.** L-UE saret wieħed mill-akbar emittenti ta' bonds ekoloġiċi fid-dinja, u b'hekk żiedet dan is-suq b'ammont sinifikanti. Bl-adeżjoni mal-Prinċipji tal-Bonds Ekoloġiċi tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tas-Suq Kapitali u bl-iżgurar ta' rapportar trasparenti, l-UE tistabbilixxi standard għoli fis-suq tal-bonds ekoloġiċi, filwaqt li tinkoraġġixxi l-fluss tal-kapital lejn investimenti ekoloġikament pożittivi. Il-Bonds Ekoloġiċi ta' NextGenerationEU mhux biss jindikaw l-impenn qawwi tal-UE għas-sostenibbiltà iżda jintegraw ukoll l-inizjattivi ekoloġiċi fl-irkupru ekonomiku mill-pandemija tal-COVID-19, filwaqt li jippromwovu perkors ta' tkabbir reżiljenti u sostenibbli għall-futur.

[16] Id-differenza bejn dawn iż-żewġ ammonti tikkorrispondi għall-ammont f'appoġġ għas-self tal-RRF disponibbli mhux mitlub mill-Istati Membri. Minħabba li l-iskadenza għat-talba ta' appoġġ għas-self issa skadiet, skont il-qafas legali attwali, dawn il-fondi li jifdal mhux se jinġabru mill-Kummissjoni fis-swieq finanzjarji biex jiġi ffinanzjat dan is-self.

**F'konformità mar-rekwiżiti ta' rapportar tal-Qafas tal-Bonds Ekoloġiċi ta' NextGenerationEU, f'Diċembru 2023 il-Kummissjoni ppubblikat l-ewwel Rapport komprensiv dwar l-Allokazzjoni u l-Impatt tal-Bonds Ekoloġiċi ta' NextGenerationEU**. L-analiżi turi li l-miżuri ffinanzjati minn dawn il-bonds jistgħu jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'44 miljun tunnellata fis-sena, ekwivalenti għal 1,2 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra aggregati tal-UE.

**Mill-aħħar rapport, minħabba l-inklużjoni ta' miżuri ġodda mill-kapitoli tar-REPowerEU li ġew adottati dan l-aħħar, l-aggregazzjoni ta' miżuri ppjanati eliġibbli għall-finanzjament bis-saħħa ta' bonds ekoloġiċi ta' NextGenerationEU żdiedet** b'aktar minn EUR 80 biljun biex tilħaq EUR 268,1 biljun ta' assi eliġibbli sal-31 ta' Awwissu 2024. Ir-rapport li jmiss se jiġi ppubblikat f'Novembru 2024, li juri żieda ulterjuri fl-ammont ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra li jistgħu jiġu evitati permezz tal-investimenti f'bonds ekoloġiċi ta' NextGenerationEU.

### *Il-kundizzjonalità makroekonomika u l-RRF*

**L-Artikolu 10 tar-Regolament RRF jgħaqqad flimkien l-RRF mal-qafas ta' governanza fiskali tal-UE.** B'mod speċifiku, l-Artikolu 10(1) tar-Regolament RRF jirrikjedi li l-Kummissjoni tagħmel proposta lill-Kunsill biex jissospendi l-impenji jew il-pagamenti rilevanti kollha jew parti minnhom fejn il-Kunsill jiddeċiedi f'konformità mal-Artikolu 126(8) jew (11) tat-TFUE li Stat Membru ma jkunx ħa azzjoni effettiva biex jikkoreġi d-defiċit eċċessiv tiegħu. Dan huwa l-każ sakemm il-Kummissjoni ma tkunx iddeterminat l-eżistenza ta' reċessjoni ekonomika severa għall-Unjoni kollha skont l-Artikoli 3(5) u 5(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97, jiġifieri l-klawżola liberatorja ġenerali tal-parti korrettiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. L-Artikolu 10(8) tar-Regolament RRF jirrikjedi li l-Kummissjoni twettaq rieżami tal-applikazzjoni tal-Artikolu 10 sa tmiem l-2024 u li tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dan ir-rapport jissodisfa dan ir-rekwiżit.

**Kien hemm każ wieħed biss mill-bidu tal-RRF li kien rilevanti għall-applikazzjoni tal-Artikolu 10 tar-Regolament RRF.** Fid-19 ta' Ġunju 2024, il-Kummissjoni pproponiet deċiżjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 126(8) tat-TFUE minħabba n-nuqqas tar-Rumanija li twettaq azzjoni effettiva b'rispons għal rakkomandazzjoni skont l-Artikolu 126(7) tat-TFUE, jiġifieri rakkomandazzjoni skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Ir-rakkomandazzjoni skont l-Artikolu 126(7) tat-TFUE kienet ġiet adottata mill-Kunsill fit-18 ta' Ġunju 2021 u rrakkomandat li r-Rumanija ttemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv sa mhux aktar tard mill-2024.

**Fl-2023, l-UE kienet għadha meqjusa li tinsab f'sitwazzjoni ta' reċessjoni ekonomika severa għall-UE kollha, hekk kif il-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir kienet għadha attivata.** Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni ma pproponietx is-sospensjoni tal-impenji jew tal-pagamenti tal-fondi tal-UE lir-Rumanija wara li l-Kunsill adotta d-deċiżjoni skont l-Artikolu 126(8) tat-TFUE fis-26 ta' Lulju 2024.

## B. Reviżjoni tal-RRPs

*RRPs aġġornati jibqgħu ambizzjużi wara r-reviżjonijiet li saru fl-2023 u fl-2024*

**L-avvenimenti ġeopolitiċi, l-inflazzjoni għolja, in-nuqqasijiet fil-katina tal-provvista u, f'xi każijiet, id-diżastri naturali għamluha diffiċli għall-Istati Membri biex jimplimentaw ċerti riformi u investimenti fl-RRPs tagħhom.** L-Istati Membri, appoġġati mill-Kummissjoni, setgħu jimmitigaw dawn ir-restrizzjonijiet esterni u jirrevedu l-miżuri rilevanti bl-użu tal-flessibbiltà inkorporata fir-Regolament RRF biex jemendaw l-RRPs fejn ċirkostanzi oġġettivi għamluha impossibbli li jintlaħqu l-objettivi intermedji u l-miri oriġinali (skont l-Artikolu 21 tar-Regolament RRF). L-Istati Membri introduċew ukoll il-kapitoli tar-REPowerEU fl-RRPs tagħhom, u b'hekk ibbenefikaw minn riżorsi addizzjonali u taw spinta lir-riformi u lill-investimenti li jiddiversifikaw il-provvisti tal-enerġija tal-UE, jaċċelleraw it-tranżizzjoni ekoloġika u jappoġġaw lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli. Dawn ir-reviżjonijiet kienu wkoll l-okkażjoni biex jiġu aġġornati l-RRPs biex titqies l-allokazzjoni finanzjarja riveduta lill-Istati Membri[17] u jiġi sfruttat l-appoġġ għas-self li jifdal[18] disponibbli taħt l-RRF.

**Ir-reviżjonijiet tal-RRPs żguraw li huma jindirizzaw l-impatt tal-inflazzjoni għolja u ta' ostakli min-naħa tal-provvista li affettwaw ir-riżerva ta' investiment.** L-RRPs kollha ġew aġġornati mill-inqas darba fl-2023 u xi wħud kienu soġġetti għal emendi mmirati addizzjonali: sad-data ta' skadenza tar-rapport (31 ta' Awwissu 2024), l-Istati Membri kollha kienu ssottomettew mill-inqas talba waħda biex jimmodifikaw l-RRPs tagħhom, 26 kienu ssottomettew kapitolu tar-REPowerEU, u 11-il Stat Membru kienu għamlu wkoll reviżjonijiet immirati addizzjonali (it-Tabella 2). Meta aġġornaw l-RRPs tagħhom, l-Istati Membri taw attenzjoni partikolari mhux biss għall-kwalità tal-miżuri iżda wkoll għall-grad ta' maturità tagħhom u l-orizzont ta' implimentazzjoni tagħhom, minħabba n-natura tal-RRF marbuta maż-żmien sal-2026. L-impenji li ma kinux għadhom jistgħu jinkisbu minħabba ċirkostanzi oġġettivi ġew aġġustati u, f'ħafna każijiet, ġew sostitwiti b'alternattivi aktar xierqa, filwaqt li l-ambizzjoni oriġinali tal-RRP inżammet intatta. L-ambitu wiesa' tal-RRF ippermetta l-flessibbiltà meħtieġa għall-Istati Membri biex jallokaw ir-riżorsi skont il-prijoritajiet tagħhom li qegħdin jevolvu, f'konformità mal-objettivi tal-RRF.

*Tabella 2: Sitwazzjoni attwali dwar is-sottomissjoni tal-RRPs u l-kapitoli tar-REPowerEU modifikati sal-31 ta' Awwissu 2024*

| | BE | BG | CZ | DK | DE | EE | IE | EL | ES | FR | HR | IT | CY | LV | LT | LU | HU | MT | NL | FI | PL | PT | RO | SI | SK | FI | SE |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **27** pjan approvati mill-Kummissjoni u adottati mill-Kunsill | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

[17] F'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament RRF, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli ta' kull Stat Membru ġiet aġġornata f'Ġunju 2022 abbażi tad-*data* tal-eżitu tal-Eurostat dwar il-bidla fit-tkabbir tal-PDG reali matul l-2020 u l-bidla aggregata fil-PDG reali għall-perjodu 2020-2021.

[18] L-Istati Membri setgħu jitolbu appoġġ fil-forma ta' self (addizzjonali) sal-31 ta' Awwissu 2023, kif stipulat fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament RRF. Mill-pakkett kumplessiv ta' EUR 385,8 biljun disponibbli għall-appoġġ fil-forma ta' self taħt l-RRF, ġew impenjati kważi EUR 291 biljun sa tmiem l-2023.

| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **42** reviżjoni sottomessi lill-Kummissjoni | 1x | 1x | 1x | 1x | 3x | 1x | 3x | 2x | 2x | 1x | **1x** | 3x | 2x | 1x | 2x | 2x | 1x | 1x | 1x | 1x | 2x | 2x | **1x** | 1x | 1x | 3x | 1x |
| **26** kapitolu tar-REPowerEU sottomessi lill-Kummissjoni | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **40** reviżjoni vvalutati mill-Kummissjoni | 1x | 1x | 1x | 1x | 3x | 1x | 3x | 2x | 2x | 1x | 1x | 3x | 2x | 1x | 1x | 2x | **1x** | 1x | 1x | 1x | 2x | 1x | 1x | 1x | 1x | 3x | 1x |
| **39** reviżjoni adottati mill-Kunsill | 1x | 1x | 1x | 1x | 3x | 1x | 3x | 2x | 2x | 1x | 1x | 3x | 2x | 1x | 1x | 1x | **1x** | 1x | 1x | 1x | 2x | 1x | 1x | 1x | 1x | 3x | 1x |


**Sors:** Il-Kummissjoni Ewropea

### *Il-pakkett finanzjarju totali u l-kontribuzzjoni tal-RRF għal kull sitt pilastri ta' politika nbidlu wara r-reviżjonijiet tal-RRP*

**Il-pakkett finanzjarju totali tal-RRF ġie ddeterminat bħala EUR 650 biljun fl-aħħar ta' Awwissu 2024.** Dan jinqasam f'EUR 359 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli u f'EUR 291 biljun f'self. Dan jinkludi l-appoġġ addizzjonali mhux ripagabbli ffinanzjat mill-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet ("ETS") u t-trasferimenti mir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit ("BAR") li saru disponibbli għall-Istati Membri mir-Regolament RRF emendat biex jappoġġaw ir-REPowerEU. L-EUR 359 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli jinqasmu f'(i) EUR 338 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli oriġinali tal-RRF, (ii) qrib EUR 19,5-il biljun f'appoġġ mhux ripagabbli tal-ETS, u (iii) qrib EUR 2 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli. L-Istati Membri setgħu jitolbu appoġġ fil-forma ta' self sa Awwissu 2023. Mill-pakkett totali ta' self disponibbli ta' EUR 385 biljun, kważi EUR 291 biljun ġew impenjati sal-aħħar tal-2023, jiġifieri l-iskadenza legali għall-impenji finanzjarji skont l-RRF. Dawn iż-żewġ bidliet (żieda fl-appoġġ mhux ripagabbli disponibbli permezz tal-ETS u l-BAR u inqas appoġġ fil-forma ta' self mitlub mill-pakkett totali disponibbli) wasslu għal pakkett totali tal-RRF ta' EUR 650 biljun sal-aħħar ta' Awwissu 2024. L-ammont irrapportat qabel ta' EUR 723 biljun kien jirrappreżenta l-ammont massimu ta' appoġġ mhux ripagabbli tal-RRF (EUR 338 biljun) u self tal-RRF (EUR 385 biljun) disponibbli mir-Regolament RRF.

**B'riżultat ta' dan u tar-reviżjonijiet tal-pjan relatati, il-kontribuzzjoni tal-RRPs għal kull pilastru ta' politika f'termini ta' kostijiet stmati nbidlet (ara l-Illustrazzjoni 1).** Filwaqt li f'termini assoluti l-kostijiet stmati żdiedu għal kull pilastru tal-politika, il-miżuri li jikkontribwixxu għall-pilastru 1 dwar it-tranżizzjoni ekoloġika u l-pilastru 3 dwar it-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv ġew imsaħħa u sehem ogħla tal-RRPs issa jikkontribwixxi għal dawn iż-żewġ objettivi.

*Illustrazzjoni 1: Sehem tal-kostijiet tal-RRF stmati li jikkontribwixxu għal kull pilastru tal-politika, qabel u wara r-reviżjonijiet tal-RRPs*




**Nota:** Kull miżura tikkontribwixxi għal tnejn mis-sitt pilastri tal-politika. Għalhekk, il-kontribut totali għall-pilastri kollha murija f'din iċ-ċart jammonta għal 200 % tal-fondi tal-RRF allokati lil Malta. Il-perċentwali murija għall-kontribuzzjoni għall-pilastri tat-tranżizzjoni ekoloġika u tat-trasformazzjoni diġitali huma differenti mill-perċentwali murija għall-kontribuzzjoni għall-objettivi klimatiċi u diġitali; dawn tal-aħħar huma kkalkolati skont metodoloġija differenti (iddettaljata fl-Annessi VI u VII tar-Regolament RRF).
**Sors:** It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u r-Reżiljenza

### *Profili tal-pagamenti evolvew wara r-reviżjonijiet tal-RRPs*[19]

**Il-profili tal-pagamenti skont l-RRF (jiġifieri l-ammont li għandu jiġi żborżat f'pagamenti parzjali għall-ilħuq sodisfaċenti ta' lista predefinita ta' objettivi intermedji u miri) ġew stabbiliti skont sett ta' prinċipji gwida**. Il-profili tal-pagamenti oriġinali ġew stabbiliti bħala riflessjoni ta' diversi fatturi, li jinkludu l-ħtiġijiet ta' finanzjament nazzjonali u l-ippjanar baġitarju, u l-proporzjon ta' objettivi intermedji u miri f'kull pagament kif ukoll l-importanza relattiva tagħhom. Bħala tali, ma hemm l-ebda relazzjoni lineari sempliċi bejn l-għadd ta' objettivi intermedji u miri f'pagament parzjali partikolari u d-daqs tal-iżborż relatat. Wara diskussjonijiet mal-Istati Membri, il-Kummissjoni pproponiet profili tal-pagamenti li ġew finalment approvati mill-Kunsill.


**Bir-reviżjoni tal-RRPs, il-profili tal-pagamenti evolvew biex jirriflettu ż-żieda tal-kapitoli tar-REPowerEU, il-bidliet fl-allokazzjoni finanzjarja għal kull Stat Membru u l-aġġustamenti għall-miżuri eżistenti tal-RRF**. L-adozzjoni tal-kapitoli tar-REPowerEU wasslet għal żieda fl-appoġġ totali għall-għotjiet lill-Istati Membri, b'objettivi intermedji u b'miri ġodda relatati mar-REPowerEU miżjuda mal-pagamenti parzjali eżistenti. Barra minn hekk, ir-reviżjonijiet tal-pjan kellhom ukoll l-għan li jirriflettu l-allokazzjoni finanzjarja


[19] L-analiżi f'din it-taqsima twieġeb rakkomandazzjoni mill-Parlament Ewropew li saret fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza tal-2021.


aġġornata (l-Artikolu 18 tar-Regolament RRF) u li jammontaw għal ċirkostanzi oġġettivi li jaffettwaw l-ilħuq tal-miżuri (l-Artikolu 21). Dan wassal għal bidliet fil-kontenut (eż. tnaqqis/żieda tal-miri kwantitattivi, sostituzzjoni tal-objettivi intermedji u l-miri b'alternattivi aħjar) u skedi ta' żmien għall-implimentazzjoni ta' għadd ta' miżuri fl-RRPs. Kemm il-bidla fl-allokazzjoni tal-għotjiet kif ukoll iż-żieda, it-tneħħija, u l-modifika tal-objettivi intermedji u l-miri ġew riflessi fil-profili tal-pagamenti riveduti f'konformità mal-prinċipji gwida użati meta ġew stabbiliti l-profili tal-pagamenti elenkati hawn fuq. Il-Kummissjoni qieset il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-profili tal-pagamenti jkunu proporzjonati mal-progress fl-implimentazzjoni tal-objettivi intermedji u l-miri, filwaqt li qieset l-importanza relattiva tagħhom, li jinċentivaw l-implimentazzjoni sħiħa tal-pjanijiet, u li, b'mod aggregat, jibqgħu kompatibbli mal-pjan ta' finanzjament tal-Unjoni.


**L-Illustrazzjoni 2 hawn taħt turi l-profili tal-pagamenti attwali għall-komponent tal-għotja ta' kull RRP**. Dawn juru s-sehem kumulattiv tal-ammont gross ta' kull pagament parzjali bħala perċentwal tal-allokazzjoni totali tal-għotja u s-sehem kumulattiv tal-għadd ta' objettivi intermedji u miri ta' kull pagament parzjali mill-għadd totali ta' objettivi intermedji u miri fil-komponent tal-għotja. Ma hemm l-ebda relazzjoni lineari bejn l-għadd ta' objettivi intermedji u miri f'pagament parzjali partikolari u d-daqs tal-iżborż relatat peress li l-profili tal-pagamenti huma stabbiliti f'konformità mas-sett ta' prinċipji msemmija hawn fuq.

*Illustrazzjoni 2: Perċentwal ta' appoġġ mhux ripagabbli (kumulattiv) u ta' objettivi intermedji u miri inklużi f'kull pagament parzjali, għal kull Stat Membru.*




100%
80%
60%
40%
20%
0%
1 2 3 4 5 6 7 8 9
1 2 3 4 5 6 7 8 9 10
1 2 3 4 5
1 2 3 4 5 6 7 8 9 10
1 2 3 4 5 6 7 8 9 10
1 2 3 4 5 6 7 8 9 10
Il-Grečja
Spanja
Franza
Il-Kroazja
L-Italja
Ċipru
Pagamenti parzjali
% tal-allokazzjoni tal-RRF żborżata f'kull pagament parzjali (kumulattiv)
% ta' objettivi intermedji u miri inklużi f'kull pagament parzjali...


100%
80%
60%
40%
20%
0%
1 2 3 4 5 6
1 2 3 4 5 6 7 8
1 2 3 4 5
1 2 3 4 5 6 7 8
1 2 3 4 5 6
1 2 3 4 5
1 2 3 4 5 6
Il-Latvja
Il-Litwanja
Il-Lussemburgu
L-Ungerija
Malta
In-Netherlands
L-Awstrija
Pagamenti parzjali
% tal-allokazzjoni tal-RRF żborżata f'kull pagament parzjali (kumulattiv)
% ta' objettivi intermedji u miri inklużi f'kull pagament parzjali (kumulattiv)





Nota: Ma hemm l-ebda relazzjoni lineari bejn l-għadd ta' objettivi intermedji u miri f'pagament parzjali partikolari u d-daqs tal-iżborż relatat. Dan għaliex il-profili tal-pagamenti ġew stabbiliti bħala riflessjoni ta' diversi fatturi, inklużi l-ħtiġijiet ta' finanzjament nazzjonali u l-ippjanar baġitarju, il-proporzjon ta' objettivi intermedji u miri f'kull pagament parzjali, u l-importanza relattiva tagħhom.

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

### *Il-miri klimatiċi u diġitali tal-RRF għadhom qegħdin jintlaħqu mill-RRPs riveduti*

**Wara r-reviżjonijiet tal-RRPs adottati, l-Istati Membri kollha komplew jiddedikaw mill-inqas 37 % tal-allokazzjoni tal-RRP tagħhom għal miżuri li jikkontribwixxu għall-objettivi klimatiċi u mill-inqas 20 % għall-objettivi diġitali (ara l-Illustrazzjoni 3).** Għall-RRF b'mod ġenerali, in-nefqa klimatika stmata żdiedet, u ammontat għal 42,5 % tal-allokazzjoni tal-RRF sal-aħħar ta' Awwissu (id-data ta' skadenza), filwaqt li n-nefqa diġitali stmata ammontat għal 26 %, u għalhekk ogħla miż-żewġ miri stabbiliti fir-Regolament.

*Illustrazzjoni 3: Sehem tal-allokazzjoni totali stmata tal-RRPs li tappoġġa l-objettivi klimatiċi u diġitali, wara r-reviżjoni tal-RRPs*




**Nota:** L-RRPs kellhom jispeċifikaw u jiġġustifikaw sa liema punt kull miżura tikkontribwixxi bis-sħiħ (100 %), parzjalment (40 %) jew ma għandha l-ebda impatt (0 %) fuq l-objettivi klimatiċi u/jew diġitali. Il-kontribuzzjonijiet għall-objettivi klimatiċi u diġitali ġew ikkalkolati bl-użu tal-Annessi VI u VII tar-Regolament RRF, rispettivament. Il-kombinazzjoni tal-koeffiċjenti mal-istimi tal-kostijiet ta' kull miżura tippermetti li jsir il-kalkolu sa liema punt il-pjanijiet jikkontribwixxu għall-miri klimatiċi u diġitali.


**Sors:** It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u r-Reżiljenza

### *L-RRPs riveduti jikkontribwixxu għall-politiki soċjali u għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri madwar l-UE*

**L-RRPs riveduti jkomplu jrawmu konverġenza soċjali 'l fuq.** Ammont totali stmat ta' madwar EUR 162,3 biljun fl-RRPs jikkontribwixxi għal miżuri ta' politika soċjali[20], li jirrappreżenta madwar 25 % tan-nefqa totali stmata. Wara r-reviżjonijiet tal-RRPs, kważi 30 % tan-nefqa soċjali stmata hija ddedikata għal investimenti u riformi fl-edukazzjoni u l-indukrar tat-tfal (tnaqqis ta' 4 punti perċentwali) u s-saħħa u l-kura fit-tul (tnaqqis ta' 5 punti perċentwali), rispettivament, filwaqt li 25 % tan-nefqa hija ddedikata għall-impjiegi u l-ħiliet (żieda ta' 6 punti perċentwali) u l-bqija għall-politiki soċjali (żieda ta' 3 punti perċentwali) (l-Illustrazzjoni 4). L-RPPs tal-Istati Membri issa jinkludu 423 (sotto)miżura b'enfasi fuq it-tfal u ż-żgħażagħ, mifruxa fuq diversi oqsma ta' politika, inkluża l-edukazzjoni fil-livelli kollha, l-appoġġ għall-impjiegi, u l-akkomodazzjoni.

[20] Minħabba l-importanza tal-infiq soċjali wara l-pandemija tal-COVID, ir-Regolament RRF ta s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta att delegat li jistabbilixxi metodoloġija għar-rapportar dwar in-nefqa soċjali, inkluż fuq it-tfal u ż-żgħażagħ, taħt l-RRF (l-Artikolu 29(4)b). Il-metodoloġija adottata mill-Kummissjoni tikklassifika n-nefqa kollha ffinanzjata mill-Faċilità relatata mar-riformi u l-investimenti f'disa' oqsma ta' politika wiesa', li mbagħad jiġu aggregati f'erba' kategoriji soċjali: (1) l-impjiegi u l-ħiliet, (2) l-edukazzjoni u l-indukrar tat-tfal, (3) is-saħħa u l-kura fit-tul, u (4) il-politiki soċjali; ara r- Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2021/2105.

*Illustrazzjoni 4: Sehem tan-nefqa soċjali tal-RRF stmata għal kull kategorija soċjali*





**Nota:** Din il-grafika turi d-diżaggregazzjoni tan-nefqa soċjali stmata fl-RRPs kollha. Il-kategoriji soċjali huma ddefiniti u applikati skont il-metodoloġija adottata mill-Kummissjoni b'konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Istati Membri fir-Regolament Delegat (UE) 2021/2105.

**Sors:** It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u r-Reżiljenza

**L-RRPs tal-Istati Membri jkomplu jikkontribwixxu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, bil-pjanijiet kollha ħlief tnejn li jinkludu miżuri li jimmiraw b'mod espliċitu li jikkontribwixxu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri.** L-RRPs riveduti fihom 136 (sotto)miżura b'enfasi fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Id-diżaggregazzjoni tal-miżuri rilevanti għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri għal kull Stat Membru hija pprovduta fl-Illustrazzjoni 5. Minbarra l-1367 (sotto)miżura li jikkontribwixxu b'mod espliċitu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-Istati Membri jkomplu jinkludu riformi u investimenti oħrajn fil-pjanijiet tagħhom li l-implimentazzjoni tagħhom tista' tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għal dawn id-dimensjonijiet. Dan jinkludi, pereżempju, riformi u investimenti fl-infrastruttura, it-trasport pubbliku jew il-konnettività diġitali. Miżuri bħal dawn jista' jkollhom impatt pożittiv f'termini ta' aċċess għal edukazzjoni mill-bogħod, servizzi (tas-saħħa) essenzjali u utilitajiet, jew li jippermettu lil persuni b'mobbiltà limitata jew li jgħixu f'żoni remoti jipparteċipaw f'attivitajiet ekonomiċi u fil-ħajja soċjali.

*Illustrazzjoni 5: Perċentwal ta' miżuri tal-RRP b'enfasi fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri*




**Sors:** It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u r-Reżiljenza

## C. Riċevituri finali taħt l-RRF

*L-Istati Membri kollha jippubblikaw data dwar l-akbar 100 riċevitur finali*

**Fil-bidu tal-2023, ġiet imsaħħa t-trasparenza fir-rigward tal-użu tal-fondi tal-RRF meta ġie emendat ir-Regolament RRF, fil-kuntest tar-REPowerEU, biex jirrikjedi li l-Istati Membri jiddivulgaw informazzjoni dwar l-akbar riċevituri finali taħt l-RRPs tagħhom.** Skont l-Artikolu 25a tar-Regolament RRF, l-Istati Membri jeħtiġilhom joħolqu portal disponibbli għall-pubbliku li jikkompila *data* dwar il-100 riċevitur finali li jirċievu l-ogħla ammont ta' finanzjament għall-implimentazzjoni ta' miżuri taħt il-Faċilità u li jaġġornaw dik id-*data* darbtejn fis-sena[21]. Fil-kuntest tal-RRF, ir-riċevituri finali jirreferu għall-aħħar entitajiet li rċevew il-fondi għall-implimentazzjoni ta' miżura RRF li ma humiex kuntratturi jew sottokuntratturi, bħaċ-ċittadini, in-negozji, l-awtoritajiet reġjonali jew lokali. Għalhekk dawn jistgħu jkunu persuni ġuridiċi jew fiżiċi[22]. F'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament, il-Kummissjoni tiċċentralizza u tippubblika d-*data* flimkien ma' links għall-portals nazzjonali tal-Istati Membri dwar it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u r-Reżiljenza[23].

**Sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u l-komparabbiltà tad-*data*, il-Kummissjoni pprovdiet gwida lill-Istati Membri.** Il-Kummissjoni ddiskutiet ir-rapportar dwar ir-riċevituri finali mal-Istati Membri f'diversi laqgħat tal-grupp ta' esperti informali tal-RRF, u

[21] Ir-Regolament jispeċifika wkoll liema informazzjoni għandha tiġi ppubblikata mill-Istati Membri, jiġifieri l-isem sħiħ tar-riċevitur, in-numru tal-VAT jew tal-identifikazzjoni tat-taxxa (jew identifikatur uniku differenti) fil-każ ta' persuna ġuridika, l-ammont riċevut u l-miżuri assoċjati li għalihom ir-riċevitur ikun irċieva finanzjament.

[22] Dan huwa f'konformità mar-Regolament RRF, fejn l-Artikolu 22(2)(d) isemmi lir-riċevituri finali bħala entitajiet separati minn kuntratturi u sottokuntratturi, u b'hekk jiżgura applikazzjoni konsistenti tal-interpretazzjoni tat-terminu fir-Regolament RRF kollu.

[23] https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/disbursements.html?table=finalRecipientByCountry

enfasizzat l-importanza tiegħu għat-tisħiħ tat-trasparenza. F'dan ir-rigward, u wkoll b'segwitu għal talba mill-Parlament Ewropew[24], l-anness V ta' dan ir-rapport jikkonsolida din il-gwida u jiċċara aktar il-kunċett tar-riċevitur finali skont ir-Regolament RRF u l-ambitu tal-pubblikazzjoni tad-*data* dwar l-akbar 100 riċevitur finali taħt l-RRF.

**Is-27 Stat Membru kollha ħolqu portal disponibbli għall-pubbliku bid-*data* dwar l-akbar 100 riċevitur finali.** L-Istati Membri kollha kienu diġà pprovdew l-ewwel sett ta' *data* dwar l-akbar 100 riċevitur finali fl-2023, u l-biċċa l-kbira pprovdew ukoll aġġornament aktar tard fis-sena. Il-Kummissjoni tistenna li l-Istati Membri kollha jaderixxu mad-data ta' skadenza biannwali għar-rapportar minn issa 'l quddiem u se timmonitorja mill-qrib li l-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligu tagħhom li jaġġornaw id-*data* darbtejn fis-sena. Fl-2024, kważi l-Istati Membri kollha diġà pprovdew l-ewwel aġġornament tad-*data* tagħhom, u l-Kummissjoni tistenna t-tieni aġġornament tad-*data* f'Ottubru.

**Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri pprovdew lista sħiħa ta' *data* dwar l-akbar 100 riċevitur finali taħt l-RRPs tagħhom, filwaqt li xi wħud minnhom ipprovdew listi li fihom inqas minn 100 riċevitur finali**, jiġifieri l-Bulgarija (19), l-Estonja (98), l-Ungerija (99), il-Litwanja (71), Malta (31) u r-Rumanija (98). F'xi każijiet, dan jista' jkun marbut mal-istat ta' implimentazzjoni tal-RRPs rispettivi tal-Istati Membri kkonċernati, fejn l-implimentazzjoni tal-miżuri qiegħda titħejja iżda l-fondi għadhom ma waslux għand ir-riċevituri finali. Ir-Regolament RRF jinkludi wkoll eżenzjonijiet[25] mill-obbligu li tiġi ppubblikata d-*data*, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju, li f'xi każijiet jistgħu jkunu rilevanti għar-rapportar dwar l-akbar riċevituri finali.

**Id-*data* dwar l-akbar riċevituri finali f'kull Stat Membru tista' tipprovdi għarfien siewi**, li jippermetti trasparenza akbar dwar id-distribuzzjoni tal-finanzjament tal-RRF. Id-*data* tissupplimenta d-*data* eżistenti dwar l-implimentazzjoni tal-RRPs, bħall-objettivi intermedji u l-miri milħuqin, u l-iżborżi għal kull pilastru, u tikkontribwixxi għall-mappa tal-proġetti appoġġati mill-RRF.


**L-ammonti ta' finanzjament żborżati lill-akbar riċevituri finali f'kull Stat Membru jvarjaw b'mod konsiderevoli**, f'konformità man-natura eteroġena tal-RRPs u d-differenzi fl-allokazzjonijiet finanzjarji. L-ogħla ammont riċevut minn riċevitur finali huwa ta' aktar minn EUR 22 biljun, filwaqt li l-inqas ammont riċevut minn wieħed mill-akbar riċevituri finali huwa ta' EUR 5 723. Il-valur medju tal-fondi riċevuti mill-akbar riċevituri finali huwa ta' kważi EUR 63 miljun u l-valur medjan huwa ferm aktar baxx għal madwar EUR 4,5 miljun. Bl-istess mod, is-somma tal-fondi li l-akbar riċevituri finali rċevew sa issa f'kull Stat Membru tirrappreżenta ishma differenti tal-pakketti totali tagħhom (ara l-Illustrazzjoni 6), kemm fost l-Istati Membri kif ukoll meta titqabbel is-somma tal-fondi riċevuti mill-akbar 10 riċevituri

[24] Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' April 2024 dwar l-għeluq tal-kontijiet għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022, Taqsima III – Il-Kummissjoni, §286(xiii).

[25] Dawn l-eżenzjonijiet jinkludu l-erba' każijiet li ġejjin: (i) appoġġ għall-edukazzjoni mħallas lil persuni fiżiċi u kwalunkwe appoġġ dirett ieħor imħallas lil persuni fiżiċi l-aktar fil-bżonn, (ii) kuntratti ta' valur baxx ħafna taħt il-EUR 15 000, (iii) appoġġ finanzjarju pprovdut permezz ta' strumenti finanzjarji għal ammont anqas minn EUR 500 000, u (iv) fejn id-divulgazzjoni toħloq riskju li tipperikola d-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni jew tal-entitajiet ikkonċernati jew li tagħmel ħsara lill-interessi kummerċjali tar-riċevituri.

finali u mill-akbar 100 riċevitur finali f'kull Stat Membru. Bħala medja, il-fondi totali riċevuti mill-akbar 100 riċevitur finali bħala sehem mill-allokazzjonijiet tal-Istati Membri jammontaw għal 22,1 %, filwaqt li l-fondi riċevuti mill-akbar 10 riċevituri finali jirrappreżentaw sehem ta' 14,3 % tal-allokazzjonijiet tal-Istati Membri.

*Illustrazzjoni 6: Somma tal-fondi riċevuti mill-akbar 10 u 100 riċevituri finali, bħala sehem mill-pakkett totali tal-Istati Membri*




Sors: Il-kalkolu tal-Kummissjoni Ewropea stess ibbażat fuq id-*data* tar-riċevituri finali pprovduta mill-Istati Membri.

**Il-biċċa l-kbira tal-akbar riċevituri finali rrapportati madwar l-Istati Membri huma entitajiet pubbliċi.** Skont l-istimi tal-Kummissjoni, 59,4 % tal-akbar 100 riċevitur finali madwar l-Istati Membri huma entitajiet pubbliċi u 40,7 % huma entitajiet privati[26]. L-akbar riċevituri finali għal kull Stat Membru li huma awtoritajiet pubbliċi rċevew total ta' madwar EUR 94,5 biljun, li jikkorrispondi għal 15 % tal-fondi impenjati kollha tal-RRF, u dawk li huma entitajiet privati rċevew EUR 65 biljun, li jirrappreżenta sehem ta' 10 % tal-fondi impenjati tal-RRF. Peress li ħafna miżuri tal-RRF huma mmirati lejn it-titjib tal-provvista ta' beni pubbliċi, f'oqsma bħas-saħħa, it-trasport jew id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi li ġeneralment jirrappreżentaw proġetti ta' investiment b'kostijiet għoljin u fuq skala kbira, l-awtoritajiet pubbliċi spiss ikunu r-riċevituri finali. Madankollu, l-RRF qiegħda tipprovdi wkoll appoġġ estensiv lis-settur privat u b'mod partikolari lill-SMEs, filwaqt li tappoġġa d-diġitalizzazzjoni tagħhom u t-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-impjegati tagħhom.


[26] F'konformità mal-Artikolu 25a tar-Regolament RRF, l-Istati Membri ma humiex meħtieġa jispeċifikaw jekk ir-riċevituri finali humiex entitajiet pubbliċi jew privati. Għalhekk, iċ-ċifri ppreżentati hawn huma bbażati fuq l-istimi tal-Kummissjoni stess.

### *L-akbar riċevituri finali jirċievu finanzjament għall-investimenti fis-sitt pilastri tal-politika tal-RRF kollha*

**Il-miżuri li għalihom l-akbar 100 riċevitur finali taħt l-RRF irċevew finanzjament huma distribwiti fost is-sitt pilastri ta' politika (l-Illustrazzjoni 7).** Dan juri li l-RRF toffri appoġġ komprensiv lill-Istati Membri fl-aktar oqsma ta' politika rilevanti. Fl-istess ħin, l-akbar riċevituri finali kienu involuti l-aktar fl-implimentazzjoni ta' miżuri li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika (23 %), segwiti mill-qrib minn investimenti fi tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv (22 %), it-trasformazzjoni diġitali u l-koeżjoni soċjali u territorjali (18 % għal kull waħda). Dan jissottolinja l-enfasi fuq l-istimulazzjoni tal-irkupru ekonomiku u soċjali wara l-kriżi tal-COVID-19, kif ukoll it-tħejjija tal-ekonomiji, is-soċjetajiet u l-amministrazzjonijiet pubbliċi tal-UE għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, f'konformità sħiħa mal-objettivi ġenerali tal-Faċilità.

**L-akbar ammonti riċevuti mir-riċevituri finali jappoġġaw proġetti infrastrutturali, id-diġitalizzazzjoni u l-mobbiltà, filwaqt li l-miżuri appoġġati l-aktar ta' spiss huma relatati ma' investimenti li jrawmu l-effiċjenza enerġetika.** B'mod ġenerali, l-*akbar somom* ta' finanzjament li r-riċevituri finali rċevew għall-implimentazzjoni tal-miżuri tal-RRP huma relatati mal-investimenti fl-infrastruttura u s-servizzi territorjali, il-gvern elettroniku u s-servizzi pubbliċi diġitali, u l-mobbiltà sostenibbli. Miżuri bħal dawn tipikament jirrappreżentaw proġetti li huma kbar, aktar għaljin u li jieħdu aktar żmien biex jiġu implimentati. Min-naħa l-oħra, l-akbar 100 riċevitur finali *ħafna drabi* rċevew finanzjament għall-implimentazzjoni ta' miżuri li jappoġġaw l-effiċjenza enerġetika. Oqsma ta' politika oħrajn fejn ir-riċevituri finali ħafna drabi jkunu rċevew finanzjament huma l-infrastruttura u s-servizzi territorjali, il-gvern elettroniku u s-servizzi pubbliċi diġitali, l-edukazzjoni ġenerali, vokazzjonali u l-edukazzjoni għolja, u r-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni.

*Illustrazzjoni 7: Il-kontribuzzjoni tal-ammonti riċevuti u l-miżuri assoċjati li l-akbar 100 riċevitur finali jirċievu appoġġ għas-sitt pilastri ta' politika*[27]




**Sors:** Il-kalkolu tal-Kummissjoni Ewropea stess ibbażat fuq id-*data* tar-riċevituri finali pprovduta mill-Istati Membri.

## D: Kontrolli u awditjar fl-implimentazzjoni tal-RRF

**Il-qafas ta' kontroll tal-RRF tal-Kummissjoni jinkludi żewġ saffi: kontrolli biex tiġi pprovduta assigurazzjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-iżborżi tal-Kummissjoni lill-Istati Membri, u kontrolli biex tiġi żgurata protezzjoni adegwata tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.** Fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet, jitwettqu kontrolli *ex ante* bir-reqqa qabel ma jsir kwalunkwe żborż sabiex jiġi vvalutat l-ilħuq sodisfaċenti ta' kull objettiv intermedju u mira inklużi fit-talba għall-pagament. Wara l-iżborż, il-Kummissjoni twettaq ukoll awditi *ex post* ibbażati fuq ir-riskju dwar l-objettivi intermedji u l-miri biex tikseb assigurazzjoni addizzjonali li l-informazzjoni pprovduta mill-Istat Membru kienet korretta. Flimkien ma' dan, sabiex jiġi żgurat li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġu protetti, il-Kummissjoni vvalutat kull sistema ta' kontroll nazzjonali *ex ante*, u, fejn meħtieġ, introduċiet objettivi intermedji fuq is-sistemi ta' kontroll li jridu jintlaħqu qabel kwalunkwe pagament futur. Jitwettqu awditi tas-sistema bbażati fuq ir-riskju biex jiġu vverifikati l-proċeduri fis-seħħ fl-Istati Membri biex jiġu pprevenuti, identifikati u kkoreġuti l-frodi, il-korruzzjoni, u l-kunflitt ta' interessi, kif ukoll il-finanzjament doppju, u

[27] Dawn iċ-ċifri huma bbażati fuq il-metodoloġija tal-ittaġġjar tal-pilastri żviluppata għat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u r-Reżiljenza, fejn kull miżura fl-RRPs tiġi attribwita għal qasam ta' politika primarju u sekondarju biex jiġi rifless li l-miżuri jistgħu jikkontribwixxu għal aktar minn objettiv ta' politika wieħed. Is-sitt pilastri ta' politika huma: it-tranżizzjoni ekoloġika; it-trasformazzjoni diġitali; it-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv; il-koeżjoni soċjali u territorjali; ir-reżiljenza tas-saħħa u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali; politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss.

jitwettqu awditi tal-konformità addizzjonali biex tiġi vverifikata l-affidabbiltà tal-ħidma tal-awditu mwettqa mill-awtoritajiet tal-awditjar nazzjonali.

### *Il-Kummissjoni kompliet tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni*

**Mill-1 ta' Settembru 2023 sal-31 ta' Awwissu 2024, il-Kummissjoni wettqet 17-il awditu *ex post* dwar l-objettivi intermedji u l-miri[28].** L-għażla tal-objettivi intermedji u l-miri hija ggwidata minn valutazzjoni tar-riskju li tqis diversi fatturi. Abbażi ta' din il-valutazzjoni tar-riskju[29], il-Kummissjoni vverifikat b'kollox 82 mis-748 objettiv intermedju u mira inklużi fit-talbiet għall-pagament imħallsa fl-2023. Sabiex tiddetermina l-kampjun tal-awditjar tagħha, il-Kummissjoni qieset ukoll jekk objettiv intermedju jew mira għall-istess miżura kinitx diġà awditjata mill-Kummissjoni fis-sena preċedenti u/jew kinitx diġà awditjata mill-Awtoritajiet tal-Awditjar nazzjonali li jipprovdu assigurazzjoni raġonevoli lill-Kummissjoni. Sal-31 ta' Awwissu 2024, il-Kummissjoni awditjat ukoll l-10 objettivi intermedji u miri inklużi fit-talbiet għall-pagament imħallsa fl-2024. Il-Kummissjoni ma sabet l-ebda evidenza li l-objettivi intermedji u l-miri awditjati ma ntlaħqux b'mod sodisfaċenti. Kwalunkwe diskrepanza oħra identifikata bejn id-*data* ddikjarata u d-*data* awditjata tibqa' fil-marġni ta' 5 % ikkunsidrat mill-Kummissjoni għall-valutazzjoni tagħha.

**Mill-1 ta' Settembru 2023 sal-31 ta' Awwissu 2024, il-Kummissjoni wettqet erba' awditi tas-sistema dwar il-Protezzjoni tal-Interessi Finanzjarji tal-Unjoni[30].** L-erba' awditi koprew tliet korpi ta' koordinazzjoni u 11-il korp ta' implimentazzjoni, bħal ministeri, jew aġenziji, li ntgħażlu abbażi ta' qafas ta' valutazzjoni tar-riskju. Sa tmiem l-2023, is-sistema ta' kontroll ta' kull Stat Membru kienet ġiet awditjata mill-inqas darba. Fil-kuntest ta' dawn l-awditi tas-sistema u xogħol ieħor tal-awditjar, il-Kummissjoni wettqet ukoll kontrolli mmirati fuq il-konformità mal-għajnuna mill-Istat u mal-proċeduri tal-akkwist pubbliku, li jkopru kemm il-proċeduri fis-seħħ għall-prevenzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku, kif ukoll l-implimentazzjoni reali ta' dawn il-proċeduri fuq miżuri kkampjunati.

**Abbażi tal-ħidma tal-awditjar attwali, il-Kummissjoni identifikat stampa ġenerali pożittiva, għalkemm hemm lok għal titjib, fir-rigward tal-implimentazzjoni tas-sistemi ta' kontroll intern madwar l-Istati Membri.** Ġew identifikati prattiki tajbin għal xi whud mill-korpi ta' implimentazzjoni awditjati, bħal proċeduri fis-seħħ għad-detezzjoni ta' frodi, korruzzjoni, kunflitt ta' interessi possibbli, u finanzjament doppju, b'mod partikolari bl-użu ta' għodod ta' estrazzjoni ta' *data* bħal ARACHNE[31]. Madankollu, il-Kummissjoni qajmet ukoll firxa ta' tħassib speċifiku, li spiss kien relatat mhux mas-sistema nazzjonali b'mod

[28] Dawn l-awditi jikkonċernaw talbiet għall-pagamenti sottomessi mill-Ġermanja, mill-Estonja, mill-Greċja, minn Franza, mill-Kroazja, mill-Italja, mil-Latvja, mil-Lussemburgu, minn Malta, mill-Polonja, mill-Portugall, mir-Rumanija, mis-Slovenja u mis-Slovakkja.

[29] Il-valutazzjoni tar-riskju hija bbażata fuq għadd ta' kriterji, bħat-tip u l-għadd ta' awtoritajiet ta' implimentazzjoni, it-tip u l-għadd ta' riċevituri finali, l-ittaggjar applikat, u l-kumplessità tal-mekkaniżmu ta' verifika.

[30] Saru awditi tas-sistema fil-Belġju, fil-Litwanja, fin-Netherlands, u fis-Slovakkja.

[31] ARACHNE hija għodda tal-IT integrata għall-estrazzjoni ta' *data* u għall-arrikkiment tad-*data* żviluppata mill-Kummissjoni Ewropea. ARACHNE tgħin biex tidentifika proġetti li jużaw diversi fondi tal-UE fejn jeżisti riskju potenzjali ta' finanzjament doppju. Din turi benefiċjarji, kuntratturi, sottokuntratturi, sħab, u membri tal-konsorzju involuti f'ħafna proġetti irrispettivament mir-rwol tagħhom fid-diversi proġetti.

ġenerali iżda biss ma' korpi individwali fi Stat Membru, bħal nuqqas ta' koordinazzjoni u superviżjoni, kwistjonijiet ta' ġbir ta' *data*, strateġiji kontra l-frodi u valutazzjonijiet tar-riskju ta' frodi mhux lesti, u titjib meħtieġ fir-rigward tal-kontrolli *ex ante*. L-Istati Membri bdew jimplimentaw it-titjib meħtieġ li jirriżulta minn dawn is-sejbiet tal-awditjar u l-Kummissjoni qiegħda timmonitorja l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mill-qrib.

### *L-RRF għadha taħt skrutinju mill-qrib mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri*

**Minbarra l-awditi mwettqa mill-Kummissjoni nnifisha, l-RRF hija skrutinizzata mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri ("QEA") permezz ta' awditi dwar kull pagament individwali kif ukoll għadd kbir ta' awditi tal-prestazzjoni dwar l-istruttura tal-RRF jew oqsma tematiċi speċifiċi.** S'issa l-QEA awditjat il-pagamenti kollha tal-RRF li saru lill-Istati Membri. Barra minn hekk, tliet awditi tal-prestazzjoni speċifikament iddedikati għall-RRF ġew iffinalizzati sal-31 ta' Awwissu 2024, fosthom dwar il-valutazzjoni tal-RRPs tal-Kummissjoni, it-tfassil tas-sistema ta' kontroll tal-Kummissjoni għall-RRF, u dwar il-qafas stabbilit mill-Kummissjoni biex timmonitorja l-prestazzjoni tal-RRF. Tmien[32] awditi tal-QEA oħrajn li jiffukaw fuq l-RRF jew għadhom ma ġewx ippubblikati jew inkella huma mistennija li jiġu ffinalizzati sa tmiem l-2024 u ħames awditi ulterjuri se jibdew jew huma mistennija li jibdew sa tmiem l-2024, bħal awditu ddedikat fuq l-RRPs riveduti u l-kapitoli tar-REPowerEU tagħhom. Barra minn hekk, kwistjonijiet relatati mal-RRF huma kkunsidrati wkoll fir-Rieżamijiet tal-QEA u fir-rapporti tematiċi speċjali dwar oqsma ta' politika speċifiċi jew programmi oħra, bħal f'awditu riċenti dwar il-qafas tal-Unjoni dwar l-istat tad-dritt[33].

**Bħal fis-snin preċedenti, il-QEA awditjat il-pagamenti kollha tal-RRF li saru fis-sena finanzjarja 2023, jiġifieri t-23 pagament tal-RRF li sar lil 17-il Stat Membru.** Il-QEA eżaminat ukoll b'mod speċifiku l-awditi *ex post* imwettqa mid-DĠ ECFIN u l-objettivi intermedji tal-awditjar u tal-kontroll inklużi fl-RRPs. Dan ix-xogħol tal-awditjar jiżdied mal-awditi nazzjonali ta' qabel u ta' wara s-sottomissjoni dwar id-*data* inklużа fit-talbiet għall-pagamenti u l-awditi proprji tal-Kummissjoni. Fir-rapport annwali tagħha għas-sena finanzjarja 2023, il-QEA tidentifika sejbiet b'impatt finanzjarju b'rabta ma' sitt pagamenti mhux ripagabbli li saru lill-Istati Membri fl-2023. Wara li eżaminat bir-reqqa s-sejbiet tal-QEA, il-Kummissjoni tqis li l-valutazzjonijiet oriġinali tagħha ta' "lħuq sodisfaċenti" huma korretti. Hija tinnota fit-tweġibiet tagħha li l-konklużjonijiet tal-QEA huma prinċipalment ibbażati fuq differenzi fl-interpretazzjoni tal-Kummissjoni u tal-QEA tar-rekwiżiti legali, jew differenzi fil-ġudizzju kwalitattiv dwar każijiet speċifiċi jew kunċetti legali usa' tal-RRF. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tipprovdi żewġ dokumenti ta' spjegazzjoni fl-anness ta' dan ir-Rapport Annwali. L-Anness II jispjega l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-eliġibbiltà tal-miżuri fid-dawl tad-data tal-bidu "retroattiva" prevista mill-koleġiżlaturi fl-Artikolu 17(2) tar-

[32] Dawn ikopru, fost l-oħrajn, id-dimensjonijiet tat-tranżizzjoni ekoloġika u tat-trasformazzjoni diġitali tal-RRF, l-assorbiment tal-fondi RRF, is-suq tax-xogħol u, separatament, ir-riformi tal-ambjent tan-negozju inklużi fl-RRPs, is-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri, u l-prevenzjoni ta' finanzjament doppju bejn l-RRF, il-Politika ta' Koeżjoni u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa. Awditi u rieżamijiet tal-prestazzjoni oħrajn jistgħu jittrattaw ukoll l-RRF jew il-miżuri appoġġati mill-RRF. Ir-rapporti speċjali kollha tal-QEA huma kkomplementati minn tweġibiet uffiċjali tal-Kummissjoni, li huma pubbliċi u disponibbli fuq is-sit web tal-QEA.

[33] Ara r-Rapport Speċjali tal-QEA 03/2024: L-istat tad-dritt fl-UE – Qafas imtejjeb biex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-UE, iżda għad hemm riskji

Regolament RRF. L-Anness III jispjega l-applikazzjoni mill-Kummissjoni tal-klawżola ta' eliġibbiltà dwar is-sostituzzjoni tan-"nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti".

**Il-Kummissjoni ssegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-QEA b'ħeffa.** Il-Kummissjoni s'issa rċeviet 28 rakkomandazzjoni relatata mal-RRF mir-rapporti annwali jew mir-rapporti speċjali tal-QEA[34]. Tlieta biss ġew miċħuda bis-sħiħ mill-Kummissjoni, peress li l-Kummissjoni nnotat li r-rakkomandazzjonijiet ma setgħux jiġu implimentati f'konformità mal-bażi legali u mal-objettivi tar-Regolament RRF. Mill-25 rakkomandazzjoni l-oħrajn tal-RRF li ġew riċevuti, il-Kummissjoni tqis li 24 ġew implimentati, kollha fil-ħin, li jħalli biss waħda li għad trid tiġi implimentata sa tmiem l-2024. Pereżempju, wara r-rakkomandazzjoni tal-QEA, il-Kummissjoni ppubblikat metodoloġiji dwar it-trattament tat-treġġigħ lura tal-objettivi intermedji jew tal-miri, ippubblikat metodoloġija għal sospensjonijiet parzjali jew sħaħ, tejbet iż-żamma tar-rekords u d-dokumentazzjoni dwar il-valutazzjonijiet tat-talbiet għall-pagament tagħha, organizzat skambji ta' prattika tajba fost l-Istati Membri, u rrieżaminat l-objettivi intermedji u l-miri taħt reviżjoni biex tiżgura ċ-ċarezza tar-rekwiżiti.

**Filwaqt li bbenefikat mis-sejbiet u mir-rakkomandazzjonijiet minn diversi awditi[35], il-Kummissjoni ħadet approċċ dinamiku għall-awditjar u l-kontroll u rrevediet u kompliet issaħħaħ il-qafas tal-awditjar u l-kontroll tagħha għall-RRF.** Bħala eżempju, il-Gwida aġġornata dwar il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza[36], adottata fid-19 ta' Lulju 2024, tipprovdi gwida addizzjonali biex tiżgura l-adegwatezza kontinwa tal-kontrolli biex jiġi identifikat u evitat kwalunkwe riskju ta' finanzjament doppju, filwaqt li tiffaċilita sinerġiji fl-użu tal-fondi tal-UE. Sabiex jiġu pprovduti aktar trasparenza u ċarezza, l-Anness IV ta' dan ir-rapport jiġbor fil-qosor kif il-Kummissjoni tinterpreta l-kunċett ta' finanzjament doppju kif previst mill-Artikolu 9 tar-Regolament RRF, li jipprevedi addizzjonalità ta' finanzjament filwaqt li jippermetti taħlita ta' appoġġ tal-RRF ma' programmi oħrajn tal-UE. Bħala parti mill-gwida aġġornata, il-Kummissjoni ppubblikat ukoll qafas għat-tnaqqis u l-irkupri, li jkopri r-raġunijiet kollha għat-tnaqqis u l-irkupri skont ir-Regolament RRF[37]. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kompliet issaħħaħ il-qafas ta' kontroll tagħha. Fis-sena li għaddiet, hija rrevediet l-istrateġiji ta' kontroll u awditjar tal-RRF biex issaħħaħ il-kontrolli *ex ante*, biex tkopri aħjar ir-riskji potenzjali relatati mal-implimentazzjoni tal-RRF kif ukoll biex tirrifletti l-kontrolli msaħħa tagħha dwar l-effettività tas-sistemi ta' kontroll intern tal-Istati Membri biex tiżgura l-konformità mar-regoli tal-UE u dawk nazzjonali, issaħħaħ il-

[34] Ara r-Rapport speċjali tal-QEA 21/2022: Il-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza; Rapport Speċjali tal-QEA 07/2023: It-tfassil tas-sistema ta' kontroll tal-Kummissjoni għall-RRF; Rapport Speċjali tal-QEA 26/2023: Il-qafas ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; Rapport Annwali tal-QEA għas-sena finanzjarja 2021 u Rapport Annwali tal-QEA għas-sena finanzjarja 2022.

[35] Dawn l-awdituri jinkludu s-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-Kunsill Ewropew, u l-Parlament Ewropew.

[36] Ara l-Avviż tal-Kummissjoni – Gwida dwar il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza (C/2024/4618).

[37] Il-qafas legali tal-RRF jipprevedi tliet raġunijiet distinti li permezz tagħhom il-Kummissjoni tista' tinvolvi ruħha fi tnaqqis u rkupri: (1) każijiet ta' frodi, korruzzjoni, u kunflitt ta' interessi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni; (2) każijiet ta' ksur serju ta' obbligu tal-Ftehim ta' Finanzjament jew tal-Ftehim ta' Self; (3) każijiet fejn l-informazzjoni u l-ġustifikazzjoni sottostanti għal talba għall-pagament jinstabu li ma humiex korretti.

kooperazzjoni bejn id-DĠ dwar kwistjonijiet ta' awditjar, u tkopri b'mod espliċitu r-riskji potenzjali tat-treġġigħ lura fil-ħidma tagħha.

## E. Komunikazzjoni u djalogi fl-2023-2024

### *Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, u l-Istati Membri jibqgħu involuti b'mod kontinwu fl-implimentazzjoni tal-RRF*

**Il-Kummissjoni ilha tinvolvi ruħha mill-qrib mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill mill-bidu tal-implimentazzjoni tal-RRF.** Il-Kummissjoni tkompli taqsam mingħajr dewmien l-RRPs immodifikati kollha sottomessi mill-Istati Membri, kif ukoll il-valutazzjonijiet preliminari kollha tat-talbiet għall-pagament, kemm mal-Parlament Ewropew kif ukoll mal-Kunsill fuq termini ugwali. Dan jiżgura fluss trasparenti ta' informazzjoni b'livell għoli ta' involviment bejn l-istituzzjonijiet matul il-fażi ta' implimentazzjoni. Fir-rigward tal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni qiegħda torganizza skambji regolari biex tiddiskuti suġġetti orizzontali li jikkonċernaw l-RRF.

**Mindu ġiet stabbilita l-RRF, il-Kummissjoni ġiet mistiedna u pparteċipat f'16-il Djalogu dwar l-Irkupru u r-Reżiljenza ta' livell għoli[38] mal-Parlament Ewropew.** Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinvolvi ruħha b'mod regolari mal-Membri tal-Parlament Ewropew fil-Grupp ta' Ħidma permanenti tal-Kumitati konġunti ECON-BUDG u ħadet sehem b'kollox f'35 laqgħa. Barra minn hekk, il-Kummissjoni hija mistiedna fuq bażi regolari f'diversi kumitati oħrajn biex tiskambja fehmiet dwar kwistjonijiet relatati mal-RRF, inklużi l-kumitati REGI, CONT u ENVI. Il-Kummissjoni tkompli tippubblika l-preżentazzjonijiet kollha mwettqa fil-kuntest tal-Grupp ta' Ħidma permanenti, fuq sit web iddedikat[39] u tistenna bil-ħerqa li taħdem mal-Parlament Ewropew li għadu kif ġie elett.

**Il-Kummissjoni stabbiliet ukoll il-grupp informali ta' esperti tagħha biex jiskambja mal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tal-RRF u ta' spiss qiegħda torganizza skambji ta' fehmiet u prattiki tajbin.** Dan il-grupp huwa forum importanti għal diskussjoni fost l-esperti mill-Istati Membri u għall-aspetti trażversali tal-Kummissjoni dwar l-RRF. Il-Kummissjoni tippubblika d-dokumenti rilevanti kollha, bħal aġendi, minuti, u oħrajn, fuq sit web iddedikat[40]. Sal-lum, il-Kummissjoni organizzat 28 laqgħa tal-grupp ta' esperti informali tal-RRF, inklużi żewġ workshops ta' "pariġġar" personali organizzati fi Brussell fejn l-Istati Membri ltaqgħu biex jaqsmu l-esperjenza tagħhom u jiddiskutu l-isfidi komuni. L-ewwel workshop ġie organizzat fit-28 ta' Novembru 2023 u kopra l-governanza u l-kapaċità amministrattiva. It-tieni workshop ġie organizat fl-4 ta' Lulju 2024 u ffoka speċifikament fuq l-applikazzjoni mill-Istati Membri tal-prinċipju "La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti".

[38] Is-16-il Djalogu dwar l-Irkupru u r-Reżiljenza sar fis-16 ta' Settembru 2024, jiġifieri wara d-data ta' skadenza ta' dan ir-rapport annwali.

[39] Informazzjoni pprovduta lill-Parlament Ewropew jew lill-Kunsill dwar il-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

[40] Reġistru ta' gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni u ta' entitajiet simili oħrajn Kummissjoni, Grupp informali ta' esperti dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (E03772).

*Il-viżibbiltà tal-UE fl-implimentazzjoni tal-RRPs tista' tissaħħaħ aktar*

**Fir-rigward ta' fondi oħrajn tal-Unjoni, l-Istati Membri huma obbligati jiżguraw li r-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni taħt l-RRF jirrikonoxxu l-oriġini u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament.** Minkejja dawn l-obbligi ta' komunikazzjoni u ta' viżibbiltà, ir-riżultati ta' stħarriġ tal-Ewrobarometru tal-2022[41] juru li, filwaqt li hemm għarfien tajjeb fost iċ-ċittadini tal-UE dwar l-eżistenza tal-RRPs għall-pajjiżi tagħhom (b'differenzi bejn l-Istati Membri), ma hemmx għarfien biżżejjed li l-RRPs huma ffinanzjati (kompletament jew parzjalment) mill-UE. Dan juri l-ħtieġa li l-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom. Fl-istess ħin, aktar minn nofs l-Ewropej (55 %, +2 punti perċentwali mill-ħarifa tal-2023) jaħsbu li NextGenerationEU jista' jkun effettiv biex iwieġeb għall-isfidi ekonomiċi kurrenti[42].

**F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni Ewropea organizzat żewġ avvenimenti fi Brussell matul l-2024 biex tirrifletti fuq il-kisbiet tal-RRF s'issa u biex tagħti spinta lill-komunikazzjoni madwarhom.** L-ewwel, fid-9 ta' April 2024, il-Kummissjoni Ewropea u l-Presidenza Belġjana tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea organizzaw avveniment fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-RRF. L-avveniment kien ukoll opportunità biex wieħed iħares 'il quddiem lejn l-isfidi li fadal u kif jiġi żgurat li l-RRF jilħaq l-objettivi tiegħu fit-3 snin li kien fadal. Fit-12 ta' April 2024, matul il-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażagħ organizzata kull sentejn biex tippromwovi l-involviment taż-żgħażagħ, saret sessjoni dwar l-impatt pożittiv tal-RRF fuq iż-żgħażagħ. Is-sessjoni ffokat fuq l-esperjenzi ta' tmien parteċipanti żgħażagħ minn madwar l-UE li bbenefikaw mill-miżuri tal-RRF b'modi differenti.







[41] Flash Eurobarometer FL515: Pjan ta' Rkupru tal-UE "NextGenerationEU"

[42] Ewrobarometru standard 101 - Rebbiegħa 2024 - Mejju 2024 - Stħarriġ tal-Ewrobarometru (europa.eu)






**Il-konformità mar-rekwiżiti tal-komunikazzjoni hija wkoll sistematikament parti mill-awditi *ex post* tal-objettivi intermedji u l-miri mwettqa mill-Kummissjoni.** F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tkompli wkoll tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tagħhom tal-istrateġiji ta' komunikazzjoni inklużi fl-RRPs. Tmien Stati Membri bħalissa qegħdin jipparteċipaw fi proġett ta' Strumenti ta' Appoġġ Tekniku[43] multinazzjonali dwar il-bini ta' kapaċitajiet għal komunikazzjoni effettiva tal-benefiċċji tal-RRPs.

### *Il-mappa interattiva tipprovdi ħarsa ġenerali viżwali lejn il-proġetti appoġġati mill-RRF*

Bl-għan li tkompli żżid il-viżibbiltà u t-trasparenza tal-RRF, **il-Kummissjoni regolarment taġġorna l-mappa interattiva ta' proġetti appoġġati mill-RRF** f'kull Stat Membru[44].


Il-mappa ġiet imnedija f'Marzu tal-2023 u tipprovdi ħarsa ġenerali lejn ir-riformi u l-investimenti magħżula, tindika l-pożizzjoni ġeografika tagħhom u toffri informazzjoni dwar is-sitwazzjoni attwali tagħhom. Il-mappa tinkludi wkoll links għal riżorsi online li jipprovdu informazzjoni aktar iddettaljata, bħal siti web nazzjonali tal-RRF u, fejn disponibbli, is-siti web tal-proġetti speċifiċi ffinanzjati mill-RRF.

S'issa, **żdiedu mal-mappa aktar minn 1 800 proġett fl-Istati Membri kollha.**

[43] L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (TSI, Technical Support Instrument) huwa l-programm tal-UE li jipprovdi għarfien espert tekniku mfassal apposta lill-Istati Membri tal-UE biex ifasslu u jimplimentaw ir-riformi. Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ara https://commission.europa.eu/funding-tenders/find-funding/eu-funding-programmes/technical-support-instrument/technical-support-instrument-tsi_en?prefLang=mt.

[44] Ara https://commission.europa.eu/business-economy-euro/economic-recovery/recovery-and-resilience-facility_mt#map.

*Illustrazzjoni 8: Mappa tal-proġetti appoġġati mill-RRF*




Sors: It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u r-Reżiljenza

### *L-Istati Membri għadhom jorganizzaw avvenimenti annwali tal-RRF*

L-avvenimenti annwali jlaqqgħu flimkien rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali u tal-Kummissjoni, partijiet ikkonċernati (inklużi sħab soċjali u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili) u riċevituri ta' appoġġ tal-RRF, fost l-oħrajn, biex jiddiskutu l-progress fl-implimentazzjoni tad-diversi proġetti proposti mill-Istati Membri fl-RRPs nazzjonali tagħhom.

**Sa Awwissu tal-2024, seħħew 33 avveniment annwali f'24 Stat Membru.** Matul il-perjodu tar-rapportar (mill-1 ta' Settembru 2023 sal-31 ta' Awwissu 2024), kien hemm 14-il avveniment annwali. Il-kooperazzjoni stabbilita sew bejn l-Uffiċjali tas-Semestru Ewropew fir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni u l-amministrazzjonijiet nazzjonali tikkontribwixxi għas-suċċess ta' dawn l-avvenimenti. Dawn jipprovdu opportunitajiet eċċellenti biex l-udjenza titwessa' lil hinn mill-partijiet ikkonċernati regolari tal-RRF u jipprovdu sensibilizzazzjoni ferm usa'.

**Eżempju ta' avveniment annwali tal-RRF**

Fl-14 ta' Marzu 2024, l-Avveniment Annwali dwar l-RRP ta' Spanja laqqa' flimkien partijiet ikkonċernati ewlenin, inklużi rappreżentanti mill-Kummissjoni Ewropea, mill-gvern Spanjol, mill-awtoritajiet reġjonali u lokali, u diversi sħab bħal benefiċjarji tal-proġetti, akkademiċi, organizzazzjonijiet soċjali u NGOs. L-avveniment kellu tliet bordijiet tematiċi li esploraw l-isforzi ta' Spanja biex taċċellera t-tranżizzjoni ekoloġika, ittejjeb il-kompetittività u tindirizza l-isfidi tal-implimentazzjoni tal-RRP rivedut.




*Il-Kummissjoni twettaq attivitajiet ta' komunikazzjoni rilevanti addizzjonali*

**Il-komunikazzjoni dwar il-benefiċċji tal-RRPs nazzjonali hija wkoll kompitu ewlieni ta' komunikazzjoni tar-Rappreżentanzi kollha tal-Kummissjoni Ewropea għall-Istati Membri.** Minbarra l-avvenimenti annwali, bosta attivitajiet oħrajn ta' sensibilizzazzjoni huma implimentati f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Uffiċjali tas-Semestru Ewropew u ma' timijiet oħrajn fi ħdan ir-Rappreżentanzi. Se jsegwu erba' kampanji lokalizzati pilota fl-Awstrija, fil-Kroazja, fiċ-Ċekja u fis-Slovenja, u fi Stati Membri oħrajn.

**Il-Kummissjoni ilha wkoll tikkomunika b'mod estensiv dwar l-implimentazzjoni tal-RRF mal-istampa, sa mill-bidu tal-RRF.** Il-Kummissjoni regolarment tikkomunika ma' korrispondenti nazzjonali u ġurnalisti speċjalizzati biex tiżgura kopertura wiesgħa u fehim wiesa' mill-pubbliku ġenerali tal-kwistjonijiet ewlenin relatati mal-RRF u l-implimentazzjoni tagħha fil-prattika, bil-ħruġ ta' aktar minn 200 stqarrija għall-istampa u materjal għall-istampa u l-organizzazzjoni ta' bosta konferenzi stampa u laqgħat ta' informazzjoni teknika kemm fi Brussell kif ukoll fl-Istati Membri, bl-appoġġ tar-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni.

## F. Sejbiet ewlenin mill-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-RRF

### *L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tagħha wriet li l-RRF appoġġat l-irkupru u ġabet l-innovazzjoni fl-infiq tal-UE*

**L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-RRF ġiet ippubblikata fil-21 ta' Frar 2024, f'konformità mal-Artikolu 32 tar-Regolament RRF, u tivvaluta kif l-RRF qiegħda tilħaq l-objettivi tagħha, abbażi tal-evidenza disponibbli dak iż-żmien.** L-evalwazzjoni tirrikonoxxi li tasal kmieni wisq biex jiġi vvalutat l-impatt ekonomiku sħiħ tal-istrument. Din tħares lejn dak li ħadem tajjeb u dak li jista' jittejjeb u tidentifika t-tagħlimiet ewlenin meħuda, li jistgħu jgħinu biex jiġu informati r-riflessjonijiet dwar strumenti futuri possibbli ta' finanzjament ibbażati fuq il-prestazzjoni. Valutazzjoni aktar komprensiva tal-impatt tal-Faċilità se tiġi inkluża fl-evalwazzjoni *ex post* tal-RRF, li għandha tiġi ppubblikata fl-2028.

**L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tkopri r-rekwiżiti ta' evalwazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 32(2) tar-Regolament RRF u l-ħames kriterji ta' evalwazzjoni stabbiliti fil-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar tal-Kummissjoni Ewropea u fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[45].** L-ambitu jinkludi t-tfassil tal-RRPs u l-implimentazzjoni tal-Faċilità fl-Istati Membri kollha sal-1 ta' Frar 2024. Il-valutazzjoni bbenefikat minn rapport estern indipendenti mħejji minn konsorzju ta' riċerkaturi[46], li pprovda valutazzjoni oġġettiva tal-progress. Dan ġie ssupplimentat minn *data* miżmuma mill-Kummissjoni Ewropea u disponibbli fuq it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u r-Reżiljenza[47], minn rapporti uffiċjali mill-Istati Membri u minn istituzzjonijiet oħrajn tal-UE, kif ukoll minn feedback minn diversi partijiet ikkonċernati, inklużi awtoritajiet reġjonali u lokali.

**L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu turi li l-RRF wittiet it-triq għall-irkupru ekonomiku tal-UE wara l-pandemija.** It-tħabbira tal-RRF ikkontribwiet għat-tnaqqis tal-firxiet tal-bonds sovrani, u l-investiment pubbliku inżamm wara l-kriżi tal-COVID-19, u żdied minn 3,0 % fl-2019 għal 3,5 % fl-2023. Madwar nofs iż-żieda mistennija fl-investiment pubbliku bejn l-2019 u l-2025 hija relatata mal-investiment iffinanzjat mill-baġit tal-UE, b'mod partikolari mill-RRF. L-immudellar tal-Kummissjoni jissuġġerixxi li NextGenerationEU għandha l-potenzjal li żżid il-PDG reali tal-UE sa 1,4 % fl-2026 'il fuq minn xenarju mingħajr NextGenerationEU[48]. Is-simulazzjonijiet mudell jissuġġerixxu wkoll żieda mdaqqsa u fuq medda qasira ta' żmien fl-impjiegi fl-UE (sa 0,8 %).

---

[45] *Il-Linji Gwida tal-Kummissjoni Ewropea dwar Regolamentazzjoni Aħjar* (2021), disponibbli fuq: https://commission.europa.eu/system/files/2021-11/swd2021_305_en.pdf.

[46] Il-konsorzju kien magħmul minn CEPS, ECORYS, NIESR, CSIL u Wavestone.

[47] https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/index.html

[48] Ir-riżultati tas-simulazzjonijiet jiddependu fuq is-suppożizzjonijiet magħmula rigward il-produttività u l-addizzjonalità tal-proġetti ta' investiment iffinanzjati; madankollu, dawn ma jqisux l-impatt tar-riformi, li għandhom il-potenzjal li jkomplu jżidu t-tkabbir Ewropew fuq terminu twil.

**L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu turi li l-RRF għandha rwol ewlieni fl-appoġġ ta' riformi strutturali u prijoritajiet ta' politika komuni tal-UE.** Ir-riformi u l-investimenti strutturali appoġġati mill-RRF rawmu progress fuq prijoritajiet ta' politika komuni, b'mod partikolari fir-rigward tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u l-konverġenza soċjoekonomika. Filwaqt li għadu kmieni wisq biex jiġi vvalutat l-impatt sħiħ tal-Faċilità, l-evalwazzjoni tinkludi eżempji evidenti ta' riformi u investimenti appoġġati mill-RRF. L-eżempji jinkludu t-titjib tal-funzjonament tal-amministrazzjonijiet pubbliċi kif ukoll l-effettività tas-sistemi ġudizzjarji, għall-effiċjenza enerġetika, għas-servizzi pubbliċi diġitali, għat-trasport sostenibbli, għall-edukazzjoni u t-taħriġ, għar-riċerka u l-innovazzjoni, għall-protezzjoni soċjali u għall-aċċess għas-suq tax-xogħol.

**L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-RRF enfasizzat il-valur miżjud tal-approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni u tal-għoti ta' appoġġ finanzjarju biex jiġu inċentivati r-riformi strutturali.** L-evalwazzjoni tinnota li l-approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni tal-RRF huwa strumentali fit-tisħiħ tal-effettività tal-Faċilità: l-iżborżi mat-twettiq ta' outputs konkreti (jiġifieri objettivi intermedji u miri) huma rapidi. Il-kombinazzjoni tar-riformi u l-investimenti fi strument ta' finanzjament wieħed toħloq sinerġiji bejniethom, filwaqt li l-integrazzjoni ta' aġenda komprensiva ta' riforma u investiment f'RRP wieħed tappoġġa l-koerenza interna tal-pjanijiet. Wieħed mill-aktar suċċessi notevoli tal-RRF huwa l-kapaċità ppruvata tagħha li tinċentiva l-implimentazzjoni tar-riformi strutturali, inklużi r-riformi rrakkomandati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Fis-sentejn ta' qabel l-RRF, is-sehem tas-CSRs ta' bejn l-2016 u l-2017 li laħaq mill-anqas "xi progress" żdied b'sitt punti perċentwali biss minn 53 % fl-2018 għal 59 % fl-2020. B'paragun ma' dan, is-sehem tas-CSRs ta' bejn l-2019 u l-2020 li laħaq mill-anqas "xi progress" żdied bi 17-il punt perċentwali minn 52 % fl-2021 qabel l-implimentazzjoni tal-RRF għal kważi 69 % fl-2023.

### *L-evalwazzjoni tinkludi kunsiderazzjonijiet utli għal strumenti futuri bbażati fuq il-prestazzjoni*

**L-RRF ħolqot kostijiet tad-dħul għall-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri, b'lok għal aktar simplifikazzjoni.** Fir-rigward tat-tfassil tal-istrument, fl-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu l-Istati Membri jirreferu għall-obbligi kkombinati marbuta ma' (i) l-evidenza meħtieġa biex jiġi ppruvat li ntlaħqu l-objettivi intermedji u l-miri, (ii) rekwiżiti ta' rapportar eżiġenti, pereżempju l-indikaturi komuni u d-*data* biannwali; u (iii) il-qafas tal-awditjar u tal-kontroll. Il-qafas tal-awditjar u tal-kontroll stabbilit fir-Regolament RRF jitqies bħala kumpless, b'mod partikolari minħabba d-duplikazzjoni perċepita bejn il-kontrolli u l-awditi mill-awtoritajiet nazzjonali, mill-Kummissjoni u mill-QEA. L-Istati Membri jaraw lok għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' kontroll u ta' awditjar, l-iżgurar ta' koordinazzjoni aħjar fost l-atturi involuti u l-evitar ta' kontrolli multipli. Fl-aħħar nett, xi awtoritajiet nazzjonali indikaw ukoll nuqqas ta' flessibbiltà fil-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-objettivi intermedji u l-miri u l-proċeduri riġidi u intensivi fir-riżorsi għar-reviżjoni tal-RRPs.

**Il-kapaċità amministrattiva tal-Istati Membri hija kruċjali għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-RRPs tagħhom.** Ħafna Stati Membri ma saħħewx biżżejjed il-kapaċità amministrattiva, inkluż fil-livelli lokali u reġjonali, kif indikat pereżempju mill-Kumitat tar-Reġjuni. Dan xekkel il-kapaċità tal-Istati Membri biex jimplimentaw il-pjanijiet tagħhom. Barra minn hekk, il-kunsens politiku dwar l-implimentazzjoni ta' riformi ewlenin, pereżempju marbuta ma' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż jew ma' objettivi intermedji tal-awditjar u tal-kontroll, huwa kruċjali. Id-dewmien ewlieni fl-implimentazzjoni tal-RRPs jidher fejn il-kapaċità amministrattiva tal-Istati Membri hija limitata u/jew fejn l-Istati Membri (għadhom) ma kinux kapaċi jilħqu objettivi intermedji ta' riforma kruċjali.

**L-involviment ta' awtoritajiet reġjonali u lokali, sħab soċjali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn huwa fattur ewlieni fl-ippjanar u fl-implimentazzjoni tal-miżuri tal-RRP.** Filwaqt li r-Regolament RRF jirrikjedi li l-Istati Membri jinkludu informazzjoni dwar il-konsultazzjonijiet imwettqa meta jabbozzaw l-RRPs tagħhom, il-livell u l-forma tal-involviment ta' dawn il-partijiet ikkonċernati jiddependu fuq l-oqfsa legali nazzjonali u jistgħu jvarjaw b'mod sinifikanti minn Stat Membru għal ieħor. Flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali, li jassumu r-rwol ewlieni ta' koordinazzjoni u sorveljanza, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, kif ukoll is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati oħrajn, ukoll għandhom rwol kruċjali x'jaqdu. Fl-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili indikaw l-involviment insuffiċjenti mill-Istati Membri fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni tal-RRPs. Filwaqt li dan jista' jiġi spjegat parzjalment bil-ħtieġa ta' ħeffa fit-tfassil tal-RRPs f'kuntest ta' kriżi, huwa kruċjali li, fil-futur, l-involviment mill-qrib tagħhom jappoġġa s-sjieda u l-implimentazzjoni fil-prattika.

**B'reazzjoni għall-għarfien mill-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-RRF, il-Kunsill adotta Konklużjoni u l-Kummissjoni aġġornat il-gwida tagħha.** Fit-12 ta' April 2024, l-ECOFIN adotta Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-RRF[49], li indikaw il-piż amministrattiv ogħla milli mistenni relatat mal-implimentazzjoni tal-RRF, kemm għall-Kummissjoni kif ukoll għall-Istati Membri. Il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jidentifikaw modi biex jissimplifikaw u jtejbu l-implimentazzjoni tal-RRPs, filwaqt li jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE. F'dan l-ispirtu, il-Kummissjoni eżaminat modi kif tissimplifika l-implimentazzjoni tal-RRF fi ħdan il-qafas tal-leġiżlazzjoni kurrenti. Fid-19 ta' Lulju 2024, il-Kummissjoni adottat il-gwida aġġornata tagħha dwar l-RRPs[50], li tintroduċi bosta elementi ta' simplifikazzjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-RRF. B'mod partikolari, il-Gwida aġġornata:

- tipprovdi aktar ċarezza dwar il-possibbiltà li jiġi emendat RRP skont l-Artikolu 21 tar-Regolament RRF, fejn Stat Membru jidentifika alternattiva aħjar biex jimplimenta miżura b'mod li jnaqqas il-piż amministrattiv marbut mal-implimentazzjoni ta' dik il-miżura u mingħajr ma jnaqqas l-ambizzjoni tal-pjan;

[49] Disponibbli fuq: https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-8868-2024-INIT/mt/pdf.

[50] Disponibbli fuq: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=OJ:C_202404618.

- tiddefinixxi b'mod aktar ċar l-ambitu għal bidliet oħrajn li jistgħu jsiru għal RRP skont l-Artikolu 21 tar-Regolament RRF;
- tispjega ċ-ċirkostanzi li fihom l-arranġamenti operazzjonali jistgħu ma jkollhomx bżonn jiġu riveduti wara l-emenda ta' RRP, biex jitnaqqas il-piż amministrattiv marbut ma' dawn ir-reviżjonijiet; u
- tipprovdi aktar ċarezza dwar il-kundizzjonijiet li taħthom hija possibbli kombinazzjoni *pro rata* ta' appoġġ mill-RRF u fondi oħrajn tal-UE, filwaqt li jiġi evitat finanzjament doppju.

B'mod parallel, il-Kummissjoni ssimplifikat ukoll ir-rekwiżiti ta' rapportar tal-Istati Membri sa fejn possibbli skont ir-Regolament RRF, billi naqqset l-informazzjoni mitluba fil-kuntest tar-rapportar biannwali dwar l-implimentazzjoni tal-RRPs u billi ppermettiet lill-Istati Membri jħassru l-Anness II[51] tagħhom mill-arranġamenti operazzjonali.

[51] L-Anness II jelenka l-passi ta' monitoraġġ: dawn huma passi addizzjonali mhux vinkolanti fejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali jridu jipprovdu informazzjoni addizzjonali dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri rilevanti. Peress li dawn il-passi ta' monitoraġġ ma humiex vinkolanti u ma humiex obbligatorji skont ir-Regolament RRF, l-inklużjoni tal-Anness II fil-ftehim operazzjonali hija fakultattiva.

# 2. Progress fl-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

## A. Indikaturi komuni

*L-RRF kisbet eżiti reali sinifikanti fil-prattika*

**L-Indikaturi Komuni juru l-progress fl-implimentazzjoni tal-RRPs lejn il-kisba tal-objettivi ġenerali u speċifiċi u l-prestazzjoni ġenerali tal-RRF[52].** Id-*data* tiġi rrapportata mill-Istati Membri darbtejn fis-sena u tkopri 14-il indikatur[53]. Filwaqt li l-Indikaturi Komuni jirriflettu riżultati konkreti tal-prestazzjoni li jirriżultaw mill-miżuri tal-RRF, dawn ma humiex l-unika għodda biex jiġi segwit il-progress fl-implimentazzjoni tal-RRF. L-Indikaturi Komuni huma rrapportati flimkien mal-progress dwar aktar minn 6 000 objettiv intermedju u mira li jidhru fir-rapportar biannwali mill-Istati Membri.

**L-RRF ikkontribwiet għal outputs u riżultati konsiderevoli fl-14-il indikatur differenti.** Sal-lum, id-*data* ta' ħames ċikli ta' rapportar ġiet rieżaminata u ppubblikata fuq it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u r-Reżiljenza[54], li tkopri l-progress miksub fil-perjodu minn Frar 2020 sa Diċembru 2023. L-Illustrazzjoni 9 turi is-sitwazzjoni kurrenti tal-indikaturi komuni, li tirrifletti kisbiet importanti lejn l-objettivi tal-Faċilità u l-prijoritajiet ewlenin tal-UE.

[52] Kif ġie analizzat fid-dettall fl-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu, ir-riżervi metodoloġiċi japplikaw għall-indikaturi komuni. Filwaqt li l-għan tagħhom huwa li jirrapportaw dwar il-prestazzjoni u l-progress ġenerali tal-RRF lejn l-objettivi tagħha, dawn ma jkoprux b'mod komprensiv l-investimenti kollha inklużi fl-RRPs u ma jkoprux bis-sħiħ il-kontribut tar-riformi, li huwa diffiċli li jitkejjel bl-użu ta' indikaturi kwantitattivi. Il-metodoloġija tal-ġbir tad-*data* sottostanti tal-indikaturi komuni xi kultant tagħmilha impossibbli li l-oriġini speċifika u l-kontribut tagħhom għall-objettivi tal-RRF jiġu diżassoċjati, b'mod partikolari peress li ma hemm l-ebda punt ta' tqabbil (kontrofattwali fin-nuqqas tal-RFF). Barra minn hekk, l-indikaturi komuni ma jinkludux il-valuri finali fil-mira, li jillimita l-użu tagħhom fil-kuntest ta' evalwazzjoni u fid-determinazzjoni tal-effettività tal-RRF. Dan il-punt ġie mtenni mill-feedback li wasal mingħand l-Istati Membri.

[53] Ir-Regolament RRF jirrikjedi li l-Istati Membri jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar l-indikaturi komuni u jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tispeċifika l-indikaturi komuni li għandhom jintużaw għal dan ir-rapportar. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2021/2106 jiddefinixxi l-14-il indikatur inkwistjoni. Hemm żewġ tipi ta' indikaturi. L-indikaturi tar-riżultati jkejlu r-riżultati speċifiċi ta' attività jew proġett appoġġat mill-RRF (eż. kapaċità operazzjonali addizzjonali installata għall-enerġija rinnovabbli). L-indikaturi tar-riżultati jaqbdu bidla fis-sitwazzjoni u l-effetti tagħha għall-benefiċjarji (eż. persuni li jibbenefikaw minn servizzi diġitali pubbliċi ġodda jew taħriġ). Mill-14-il indikatur komuni, erbgħa huma diżaggregati skont il-ġeneru. L-Istati Membri jirrapportaw darbtejn fis-sena dwar dawn l-indikaturi komuni sat-28 ta' Frar (li jkopri l-il-perjodu tar-rapportar ta' Lulju u Diċembru tas-sena preċedenti) u sal-31 ta' Awwissu (li jkopri l-il-perjodu tar-rapportar ta' Jannar sa Ġunju tal-istess sena). Il-Kummissjoni tippubblika d-*data* tal-indikaturi komuni fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u r-Reżiljenza, wara li twettaq kontrolli tad-*data* biex tiżgura l-komparabbiltà tad-*data*. F'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni, meta d-*data* tiġi ppubblikata fil-livell ta' kull Stat Membru, din tiġi ppreżentata f'termini relattivi. Madankollu, il-Kummissjoni ma għandha l-ebda bażi legali biex tawditja jew tivverifika l-kwalità tad-*data* ppreżentata mill-Istati Membri u lanqas biex tbiddel jew tiċħad rapportar speċifiku mill-Istati Membri. Il-kontrolli tal-Kummissjoni huma limitati għall-plawżibbiltà u l-komparabbiltà ġenerali tad-*data*.

[54] https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/index.html

*Illustrazzjoni 9: Is-sitwazzjoni attwali tal-indikaturi komuni*





**Sors:** It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u r-Reżiljenza

Sa tmiem l-2023, **madwar 34 miljun Megawatt siegħa ("MWh") ta' ffrankar fil-konsum annwali tal-enerġija** kien diġà nkiseb bis-saħħa tal-appoġġ mill-RRF (l-Illustrazzjoni 10). It-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija tagħna u ż-żieda fl-effiċjenza enerġetika huma fost il-prijoritajiet ewlenin tal-UE u prekundizzjoni għat-tranżizzjoni tal-enerġija nadifa. L-indikatur komuni (1) ikopri t-tnaqqis fil-konsum annwali tal-enerġija primarja miksub b'appoġġ mill-RRF. Għal kuntest, l-iffrankar tal-enerġija miksub s'issa jaqbeż il-konsum annwali kollu tal-elettriku tad-Danimarka[55]. Eżempji huma t-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija fil-bini, fl-iskejjel, fl-isptarijiet jew fl-intrapriżi.

[55] Id-*data* tal-Eurostat dwar il-Provvista, it-trasformazzjoni u l-konsum tal-elettriku fl-2023, ara https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/nrg_cb_e/default/table?lang=en.

*Illustrazzjoni 10: L-evoluzzjoni tal-iffrankar fil-konsum annwali tal-enerġija primarja, f'MWh*





**Nota:** Din il-graff turi l-indikatur komuni 2. Dan huwa indikatur tal-istokk li huwa kumulattiv u jiżdied maż-żmien. Għalhekk, il-valuri inkrementali huma rrapportati mill-Istati Membri.

**Sors:** It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u r-Reżiljenza

Sa Diċembru tal-2023, **il-miżuri ta' appoġġ tal-RRF għenu lil kważi 15-il miljun dar jiksbu aċċess għal networks tal-Internet b'kapaċità għolja ħafna** (l-Illustrazzjoni 11). L-indikatur komuni (5) jirrifletti l-għadd ta' djar (abitazzjonijiet) li kisbu aċċess għal networks tal-Internet b'kapaċità għolja ħafna permezz ta' miżuri taħt l-RRF, inklużi networks 5G u veloċità tal-gigabits. Jingħaddu djar li qabel ma kellhom l-ebda aċċess jew aċċess aktar bil-mod. L-aċċess għal infrastruttura diġitali b'veloċità għolja huwa prerekwiżit għal trasformazzjoni diġitali inklużiva u huwa rifless bħala prijorità fl-RRPs kollha.

*Illustrazzjoni 11: L-evoluzzjoni ta' abitazzjonijiet addizzjonali b'aċċess għall-Internet ipprovdut permezz ta' networks b'kapaċità għolja ħafna*




**Nota:** Din il-graff turi l-indikatur komuni 5. Dan huwa indikatur tal-istokk li huwa kumulattiv u jiżdied maż-żmien. Għalhekk, il-valuri inkrementali huma rrapportati mill-Istati Membri.

**Sors:** It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u r-Reżiljenza.

**Fit-tieni nofs tal-2023 biss, aktar minn 3 miljun persuna tħarrġu bis-saħħa tal-appoġġ tal-RRF** (l-Illustrazzjoni 12). B'kollox, l-edukazzjoni jew it-taħriġ ta' aktar minn 11,8-il miljun persuna ġew appoġġati mill-RRF sa mill-bidu tagħha. Il-kriżi tal-COVID-19 ukoll fixklet ħafna s-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-UE, u l-indikatur komuni (10) jirrifletti l-kontribut tal-RRF għall-edukazzjoni u t-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet. Ir-riformi u l-investimenti fl-edukazzjoni u t-taħriġ huma kruċjali biex iħejju liċ-ċittadini għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, u biex jiżguraw li jkollhom il-possibbiltà li jiżviluppaw il-ħiliet li jeħtieġu. Qiegħda ssir enfasi partikolari fuq it-taħriġ biex jittejbu l-ħiliet diġitali, fid-dawl tal-importanza dejjem tikber tagħhom fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà.

*Illustrazzjoni 12: L-evoluzzjoni fl-għadd ta' parteċipanti fl-edukazzjoni jew it-taħriġ*





**Nota:** Din il-graff turi l-indikatur komuni 10. Dan l-indikatur komuni huwa indikatur tal-fluss, li huwa relatat mal-prestazzjoni fil-perjodu tar-rapportar tas-6 xhur partikolari biss u, għalhekk, jista' jvarja bejn il-perjodi ta' rapportar.

**Sors:** It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u r-Reżiljenza

**L-RRF għen lil 800 000 intrapriża jew permezz ta' appoġġ monetarju jew *in natura*** fit-tieni nofs tal-2023 (l-Illustrazzjoni 13). B'kollox, aktar minn 2,8 miljun intrapriża ġew appoġġati mill-RRF sa mill-bidu tagħha. Il-kriżi tal-COVID-19 kellha impatt kbir fuq l-ekonomija kollha tal-UE u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ("SMEs") sofrew b'mod partikolari. Meta wieħed iħares lejn l-appoġġ ipprovdut biex jagħti spinta lill-ekonomiji tal-UE u biex jgħin lill-intrapriżi, l-indikatur komuni (9) juri l-għadd ta' intrapriżi appoġġati minn miżuri taħt l-RRF.

*Illustrazzjoni 13: L-evoluzzjoni tal-intrapriżi appoġġati (inklużi dawk mikro, żgħar, medji u kbar)*




Nota: Din il-graff turi l-indikatur komuni 9. Dan l-indikatur komuni huwa indikatur tal-fluss, li huwa relatat mal-prestazzjoni fil-perjodu tar-rapportar tas-6 xhur partikolari biss u, għalhekk, jista' jvarja bejn il-perjodi ta' rapportar.

Sors: It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u r-Reżiljenza

**F'konformità mal-prinċipji tal-integrazzjoni tal-ġeneri u tal-opportunitajiet indaqs għal kulħadd imsemmija fir-Regolament, erbgħa mill-indikaturi komuni jiddiżaggregaw id-*data* skont il-ġeneru.** Skont id-*data* rrapportata mill-Istati Membri, madwar 55 % tal-parteċipanti fl-edukazzjoni jew fit-taħriġ appoġġati mill-finanzjament tal-RRF huma nisa (indikatur komuni 10). L-indikatur komuni 8 juri li madwar 40 % tar-riċerkaturi li jaħdmu f'faċilitajiet ta' riċerka appoġġati huma nisa. L-indikatur komuni 11 dwar l-għadd ta' persuni f'impjieg jew involuti f'attivitajiet ta' tfittix ta' impjieg jindika li aktar minn 60 % ta' dawk appoġġati huma nisa filwaqt li l-indikatur komuni 14 juri l-għadd ta' żgħażagħ li jirċievu appoġġ mill-RRF huwa relattivament ibbilanċjat bejn il-ġeneri[56].

## B. *Data* ta' rapportar biannwali


### *Il-biċċa l-kbira tal-objettivi intermedji u l-miri huma rrapportati li jiġu implimentati f'konformità mal-iskedi ta' żmien tal-RRPs*

**85 % tal-objettivi intermedji u l-miri li kienu dovuti sat-T1 tal-2024 jew ġew ivvalutati mill-Kummissjoni bħala li ntlaħqu jew awtorrapportati mill-Istati**


[56] Xi Stati Membri stmaw id-diżaggregazzjoni skont il-ġeneru peress li d-*data* reali kienet diffiċli biex tinġabar jew ma nġabret xejn.

**Membri bħala li tlestew**[57]**.** B'mod speċifiku, 1 419 mill-3 171 objettiv intermedju u mira li kienu mistennija sat-T1 tal-2024 ġew ivvalutati bħala li ntlaħqu mill-Kummissjoni u 1 267 oħrajn ġew irrapportati bħala li tlestew mill-Istati Membri (l-Illustrazzjoni 14). Madankollu, 485 objettiv intermedju u mira oħrajn dovuti sat-T1 tal-2024 (jew 15,3 %) ġew irrapportati mill-Istati Membri bħala li ma tlestewx.

*Illustrazzjoni 14: Il-progress ta' objettivi intermedji u miri li jħarsu lura, għat-T1 tal-2020 sat-T1 tal-2024*




*Illustrazzjoni 15: Il-progress tal-objettivi intermedji u l-miri dovuti fil-futur, għat-T2 tal-2024 sat-T2 tal-2025*





Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

**L-implimentazzjoni tal-objettivi intermedji u l-miri hija rrapportata li hija fit-triq it-tajba għat-12-il xahar li ġejjin.** L-objettivi intermedji u l-miri li għandhom jitlestew bejn it-T2 tal-2024 u t-T1 tal-2025 ġew irrapportati l-aktar bħala "fit-triq it-tajba" mill-Istati Membri (kważi 83 %, jew 996 minn 1 199 objettiv intermedju u mira). L-Istati Membri jindikaw li lestew 93 objettiv intermedju u mira (8 %) qabel id-data ppjanata u rrapportaw 110 (jew 9 %) bħala "mdewma" (l-Illustrazzjoni 15). Fost ir-raġunijiet għad-dewmien, l-Istati Membri enfasizzaw id-dewmien amministrattiv, l-effetti ta' proċeduri leġiżlattivi mdewma jew ta' dewmien fit-tlestija tal-objettivi intermedji meħtieġa preċedenti, il-konsegwenzi tal-inflazzjoni għolja u tat-tfixkil fil-katina tal-provvista, is-sottoskrizzjoni baxxa jew l-aċċettazzjoni ta' proġetti, id-diffikultà fl-implimentazzjoni ta' proġetti kbar u kumplessi, kif ukoll implimentazzjoni aktar bil-mod milli mistenni.

[57] Skont iċ-ċifri taċ-ċiklu ta' rapportar biannwali tar-rebbiegħa tal-2024. F'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament RRF, l-Istati Membri jeħtiġilhom jirrapportaw darbtejn fis-sena fil-kuntest tas-Semestru Ewropew dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-RRPs tagħhom. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2106 jispeċifika aktar dan l-obbligu, u jistabbilixxi l-iskadenzi għar-rapportar biannwali sa mhux aktar tard mit-30 ta' April u mill-15 ta' Ottubru. L-Istati Membri jirrapportaw il-progress tagħhom fil-kisba tal-objettivi intermedji u l-miri tagħhom li kienu mistennija fil-passat u li huma dovuti 12-il xahar fil-futur. Filwaqt li d-*data* hija rrapportata mill-Istati Membri nfushom u ma tiġix ivverifikata mill-Kummissjoni, din tipprovdi rendikont komprensiv dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet kollha u tippermetti l-monitoraġġ tal-progress fl-implimentazzjoni tal-RRPs. L-objettivi intermedji u l-miri li diġà ġew ivvalutati bħala li ntlaħqu b'mod sodisfaċenti mill-Kummissjoni fil-kuntest ta' talba għal pagament huma kklassifikati bħala "milħuqin". L-istatus tal-progress ta' kull objettiv intermedju u mira li jħarsu lura (jiġifieri dawk ippjanati li jintlaħqu sat-trimestru qabel id-data tar-rapportar) jista' jkun ikklassifikat bħala jew "komplut" jew "mhux komplut". L-istatus ta' objettivi intermedji u miri li jħarsu 'l quddiem (jiġifieri dawk ippjanati li jintlaħqu fit-trimestru tad-data tar-rapportar u t-tliet trimestri ta' wara) jista' jkun ikklassifikat bħala "komplut", "fit-triq it-tajba" jew "imdewwem".

**Il-progress fl-implimentazzjoni tal-objettivi intermedji u l-miri huwa stabbli fis-sitt pilastri ta' politika kollha (l-Illustrazzjoni 16).** It-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inkluživ, u l-pilastri tat-tranżizzjoni ekoloġika jinkludu l-aktar objettivi intermedji u miri milħuqin u li tlestew (1 616 u 1 527 rispettivament), filwaqt li ammont tajjeb jinsabu fit-triq it-tajba li jitwettqu sat-T1 tal-2025. Is-saħħa u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali u l-pilastri tat-trasformazzjoni diġitali, kif ukoll il-koeżjoni soċjali u territorjali huma wkoll ferm ogħla minn 1 000 objettiv intermedju u mira li intlaħqu, tlestew jew li jinsabu fit-triq it-tajba.

*Illustrazzjoni 16: Objettivi intermedji u miri li jikkontribwixxu għas-sitt pilastri tar-Regolament RRF u l-istatus rispettiv tagħhom sat-T1 tal-2025*




Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

## C. Progress fis-sitt pilastri ta' politika


### *L-Istati Membri għamlu progress viżibbli fl-implimentazzjoni fis-sitt pilastri tal-politika tal-RRF kollha*

#### Tranżizzjoni ekoloġika

**L-RRF se tgħin biex jintlaħqu l-miri tal-UE biex jitnaqqsu l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mill-anqas 55 % sal-2030 u biex tintlaħaq in-newtralità klimatika sal-2050.** Il-miżuri appoġġati mill-RRF qegħdin jikkontribwixxu biex tintlaħaq l-ambizzjoni klimatika tal-UE billi jippromwovu l-mobbiltà sostenibbli, iżidu l-effiċjenza enerġetika u jippromwovu varar ogħla ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Dawn se jiżguraw ukoll il-progress lejn l-adattament għat-tibdil fil-klima u objettivi ambjentali oħrajn bħat-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja, il-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari jew ir-restawr u l-protezzjoni tal-bijodiversità.

Wara l-adozzjoni tal-kapitoli tar-REPowerEU, total ta' EUR 346 biljun[58] – aktar minn 50 fil-mija tal-allokazzjoni totali tal-Istati Membri sal-lum – ġie ddedikat għal miżuri li jikkontribwixxu għall-pilastru tat-tranżizzjoni ekoloġika.

*Illustrazzjoni 17: Il-perċentwal tal-objettivi intermedji u l-miri li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika vvalutati bħala li ntlaħqu jew irrapportati bħala li tlestew, għal kull RRP*




Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

**B'mod ġenerali, il-progress fl-implimentazzjoni tal-miżuri relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika kien tajjeb.** Madwar terz tal-objettivi intermedji u l-miri ġew irrapportati bħala li tlestew jew ġew ivvalutati bħala li ntlaħqu b'mod sodisfaċenti mill-Kummissjoni. B'mod speċifiku, 1 080 mill-3 214-il objettiv intermedju u mira relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika diġà huma rrapportati bħala li tlestew mill-Istati Membri jew ġew ivvalutati bħala li ntlaħqu mill-Kummissjoni, li jikkorrispondu għal rata ta' progress ta' madwar 34 % (inklużi 19 % ivvalutati fit-talbiet għall-pagament). 355 minn dawn l-objettivi intermedji u miri li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika ġew ivvalutati mill-Kummissjoni bħala li ntlaħqu bejn l-1 ta' Settembru 2023 u l-31 ta' Awwissu 2024. Filwaqt li għadu kmieni wisq biex jiġi vvalutat l-impatt sħiħ tal-RRF fuq it-tranżizzjoni ekoloġika peress li l-effetti finali se jimmaterjalizzaw biss fuq perjodu itwal, l-objettivi intermedji u l-miri "ekoloġiċi" diġà milħuqin għenu biex jiżdied ir-ritmu għat-tranżizzjoni ekoloġika. L-eżempji pprovduti fil-kaxxa ta' hawn taħt jenfasizzaw il-miżuri ewlenin b'objettivi intermedji u miri li tlestew matul il-perjodu tar-rapportar (mill-1 ta' Settembru 2023 sal-31 ta' Awwissu 2024).

**Eżempji ta' miżuri rilevanti b'objettivi intermedji u miri milħuqin taħt il-pilastru tat-tranżizzjoni ekoloġika**

[58] Din l-illustrazzjoni turi l-kost stmat ibbażat fuq il-metodoloġija tal-ittaġġjar tal-pilastri għat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u r-Reżiljenza u tikkorrispondi għall-miżuri allokati għall-pilastru tat-tranżizzjoni ekoloġika bħala pilastru tal-politika primarju u/jew sekondarju.

**Riformi:**

- **Spanja** (i) adottat ir-Rapport dwar il-Baġit Ekoloġiku biex tidentifika l-ispejjeż ekoloġiċi fil-liġi annwali tal-baġit f'konformità mal-metodoloġija u l-qafas ta' monitoraġġ tal-UE; (ii) approvat l-Istrateġija dwar il-Foresti; (iii) emendat il-liġi orizzontali dwar il-proprjetà biex jiġu ffaċilitati x-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni tal-bini u aċċess imtejjeb għall-finanzi; u (iv) approvat Strateġija Ferrovjarja biex tistabbilixxi xenarju ċar ta' ppjanar tal-mobbiltà sostenibbli għall-mezz tat-trasport ferrovjarju u biex tallinja l-prijoritajiet ta' investiment fis-settur.
- **Il-Polonja** (i) aġġornat il-Programm Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Arja tagħha, filwaqt li tat mandat għat-tmiem tas-sussidji pubbliċi lil sorsi tas-sħana mħaddma bil-faħam u introduċiet serje ta' miżuri u politiki biex ittejjeb b'mod effettiv il-kwalità tal-arja; u (ii) emendat l-Att dwar l-Effiċjenza Enerġetika biex tiffaċilita l-użu ta' Kuntratti tar-Rendiment fl-Użu tal-Enerġija, u b'hekk tippromwovi investimenti fl-effiċjenza enerġetika fi proġetti pubbliċi u privati biex titħaffef is-sostituzzjoni ta' sorsi tas-sħana niġġiesa.
- **Il-Finlandja** adottat l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa fuq l-Elettriku u Ċerti Fjuwils. Id-dispożizzjoni fil-liġi tad-dħul fis-seħħ tal-Att tindika bidla fit-tassazzjoni eżistenti ta' tipi differenti ta' enerġija bil-għan li tikkontribwixxi għat-tneħħija gradwali tal-fjuwils fossili billi tippromwovi l-elettrifikazzjoni tal-industrija u tħeġġeġ l-investiment f'teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju.

**Investimenti:**

- **L-Italja** (i) bniet aktar minn 200 km ta' mogħdijiet għar-roti fiż-żoni metropolitani u fil-bliet li jospitaw l-universitajiet, li se jiffaċilitaw l-ivvjaġġar bejn l-universitajiet, in-nodi intermodali u punti oħrajn f'żoni metropolitani; (ii) tejbet ir-reżiljenza ta' aktar minn 172 km ta' ferroviji fil-ferroviji tan-nofsinhar, li jinkludi t-tiġdid tal-linja ferrovjarja fuq sitt rotot differenti; u (iii) naqqset il-landfills irregolari minn 34 għal 14, li jirrappreżenta tnaqqis ta' 60 %, filwaqt li tejbet il-ġestjoni tal-iskart u naqqset il-pressjoni ambjentali.
- **Il-Portugall** (i) installa 1 730 stazzjon tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku addizzjonali sabiex jibni b'mod effettiv fuq in-network eżistenti u jespandih biex jappoġġa l-użu ta' vetturi aktar nodfa; u (ii) iffirma kuntratti għall-akkwist ta' 257 xarabank b'emissjonijiet żero u l-kostruzzjoni ta' infrastruttura tal-iċċarġjar iddedikata għall-użu fiż-żoni Metropolitani ta' Liżbona u Porto sabiex it-trasport pubbliku jiġi ddekarbonizzat.
- **Iċ-Ċekja** (i) lestiet 26 proġett relatat mal-immodernizzar tal-linji ferrovjarji, li jimmodernizzaw l-istazzjonijiet ferrovjarji b'binarji mibnija mill-ġdid u sikuri, u pjattaformi aċċessibbli u mingħajr ostakli u b'intensità enerġetika mnaqqsa u żieda fil-kumditàfil-binjiet tal-istazzjonijiet; (ii) bniet aktar minn 24 km ta' mogħdijiet għar-roti biex tiġi ffaċilitata l-mobbiltà mhux motorizzata; u (iii) lestiet 15-il proġett biex


tistabbilixxi protezzjoni reżiljenti kontra l-għargħar, inkluża l-ġestjoni effiċjenti tal-ilma tax-xita fiż-żoni urbani, li se tipproteġi liċ-ċittadini kontra r-riskji ta' għargħar.

### Trasformazzjoni diġitali

**L-RRF tipprovdi kontribut sinifikanti għat-trasformazzjoni diġitali fl-Unjoni.** L-RRPs ikopru firxa ta' miżuri, inkluż il-varar ta' infrastrutturi diġitali tal-ġenerazzjoni li jmiss u teknoloġiji avvanzati, l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali għall-popolazzjoni ġenerali u l-forza tax-xogħol (permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ), u l-appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tal-intrapriżi kif ukoll tas-servizzi pubbliċi. Total ta' EUR 166,2 biljun se jiġu allokati biex jappoġġaw il-pilastru tat-trasformazzjoni diġitali[59].

**L-Istati Membri għamlu progress sinifikanti fl-implimentazzjoni ta' miżuri relatati mat-trasformazzjoni diġitali**, u aktar minn terz tal-objettivi intermedji u l-miri relatati huma rrapportati bħala li tlestew jew huma vvalutati mill-Kummissjoni bħala li ntlaħqu. B'mod speċifiku, 877 mill-2 464 objettiv intermedju u mira relatati mat-trasformazzjoni diġitali diġà huma rrapportati bħala li tlestew mill-Istati Membri jew ġew ivvalutati bħala li ntlaħqu mill-Kummissjoni, li jikkorrispondu għal rata ta' progress ta' 35 % (inkluż 19 % vvalutati fit-talbiet għal pagament). 290 minn dawn l-objettivi intermedji u l-miri li jikkontribwixxu għat-trasformazzjoni diġitali ġew ivvalutati mill-Kummissjoni bħala li ntlaħqu bejn l-1 ta' Settembru 2023 u l-31 ta' Awwissu 2024 (il-perjodu tar-rapportar). L-eżempji pprovduti fil-kaxxa ta' hawn taħt jenfasizzaw miżuri ewlenin b'objettivi intermedji u miri li tlestew matul il-perjodu tar-rapportar.

*Illustrazzjoni 18: Il-perċentwal tal-objettivi intermedji u l-miri li jikkontribwixxu għat-trasformazzjoni diġitali vvalutati bħala li ntlaħqu jew irrapportati bħala li tlestew, għal kull RRP*




Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

[59] Din l-illustrazzjoni turi l-kost stmat ibbażat fuq il-metodoloġija tal-ittaġġjar tal-pilastri għat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u r-Reżiljenza u tikkorrispondi għall-miżuri allokati għall-pilastru tat-trasformazzjoni diġitali bħala pilastru primarju u/jew sekondarju.

**Eżempji ta' miżuri rilevanti b'objettivi intermedji u miri milħuqin taħt il-pilastru tat-trasformazzjoni diġitali**

Riformi:

- L-Att dwar il-Gvern Miftuħ implimentat **fin-Netherlands** isaħħaħ it-trasparenza u l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi. L-awtoritajiet pubbliċi u semipubbliċi issa jipprovdu informazzjoni aktar aċċessibbli u kompatibbli faċilment liċ-ċittadini, lill-istampa u lill-media, lill-Membri tal-Parlament u lill-persunal tagħhom.
- **Fil-Latvja**, ġiet adottata l-Istrateġija tas-Saħħa Diġitali, li sservi bħala pjan direzzjonali għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali fis-settur tal-kura tas-saħħa li huma sikuri u jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-pazjenti u tal-industrija. L-istrateġija tkopri aspetti bħall-ġestjoni tad-*data*, l-użu tad-*data* għar-riċerka, is-sistemi u s-soluzzjonijiet tal-IT tas-settur tas-saħħa pubblika, is-sistemi tal-IT privati, l-iskambju transfruntier tad-*data* u l-ħiliet diġitali meħtieġa għall-implimentazzjoni u l-użu ta' kwalunkwe soluzzjoni diġitali ġdida għas-saħħa.

Investimenti:

- **Franza** nediet b'suċċess l-applikazzjoni l-ġdida tal-identità diġitali sovrana, li tippermetti lill-utenti jaċċessawha mingħajr xkiel. B'riżultat ta' dan, inħarġu aktar minn 12,5-il miljun karta tal-identità ġdida b'funzjonalità ta' "identità diġitali".
- **Iċ-Ċekja** espandiet l-aċċess għall-bordijiet tal-bullettin diġitali tal-awtoritajiet reġjonali u muniċipali. Issa tirrikjedi l-pubblikazzjoni ta' metadata miftuħa tal-bordijiet tal-bullettin uffiċjali fi kważi 300 entità, inklużi gvernijiet lokali u muniċipalitajiet. Din tikkontribwixxi għat-titjib tal-Katalogu Nazzjonali tad-*Data* Miftuħa billi tippubblika listi ta' kodiċijiet tal-amministrazzjoni pubblika fil-bażijiet tad-*data* pubbliċi, u żżid l-għadd ta' produtturi tad-*data* miftuħa.
- Mill-anqas 3 500 unità domestika u negozju **fid-Danimarka** kisbu aċċess għal Internet b'veloċità għolja, li qabel ma kellhomx, permezz tal-espansjoni tal-iskema eżistenti tal-banda wiesgħa, *Bredbåndspuljen*. Din l-iskema wasslet aċċess għal Internet b'veloċità għolja għal żoni rurali tad-Danimarka li jbatu minn kopertura mhux adegwata minħabba inċentivi tas-suq insuffiċjenti, inklużi ġżejjer mingħajr konnessjoni ta' pont.
- **Fl-Italja**, intlaħqu tliet miri importanti marbuta mal-inkorporazzjoni ta' amministrazzjonijiet pubbliċi f'soluzzjonijiet tal-Gvern elettroniku: (i) 6 678 amministrazzjoni pubblika addizzjonali adottaw is-sistema ta' pagament diġitali ta' "*PagoPA*" (+71 % meta mqabbla mal-2021), (ii) 10 675 amministrazzjoni pubblika addizzjonali ngħaqdu u pprovdew servizzi permezz tal-punt ta' aċċess uniku tas-servizzi pubbliċi, imsejjaħ "app IO" (+251 % meta mqabbla mal-2021) u (iii) 1 798 Amministrazzjoni Pubblika Ċentrali u Muniċipalità abbonaw mal-"Pjattaforma ta' Notifika Diġitali" u bdew jibagħtu avviżi legalment vinkolanti liċ-ċittadini, lil entitajiet


legali, lil assoċjazzjonijiet u lil kwalunkwe entità pubblika jew pubblika oħra permezz tal-pjattaforma.

### Tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv

**L-RRPs jikkontribwixxu għal tkabbir intelliġenti, inklużiv u sostenibbli (jiġifieri l-pilastru 3) b'1 700 miżura u sottomiżura li jiswew aktar minn EUR 332 biljun[60].** Dawn il-miżuri jkopru firxa wiesgħa ta' oqsma, inklużi r-riformi u l-investimenti biex itejbu l-ambjent tan-negozju u l-kompetittività, l-appoġġ għall-SMEs, ir-riċerka u l-iżvilupp, l-innovazzjoni u s-settur kulturali.

**Kien hemm progress sinifikanti fl-implimentazzjoni ta' miżuri relatati mat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv**, b'40 % tal-objettivi intermedji u l-miri jikkontribwixxu għal dan l-objettiv tal-RRF irrapportati bħala li tlestew mill-Istati Membri jew ġew ivvalutati bħala li ntlaħqu b'mod sodisfaċenti mill-Kummissjoni. 1 346 mit-3 305 objettivi intermedji u miri li jikkontribwixxu għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv huma rrapportati bħala li tlestew mill-Istati Membri jew ġew ivvalutati bħala li ntlaħqu mill-Kummissjoni, li jikkorrispondu għal rata ta' progress ta' 41 % (inkluż 23 % vvalutati fit-talbiet għal pagament). 420 minn dawn l-objettivi intermedji u miri ġew ivvalutati mill-Kummissjoni bħala li ntlaħqu bejn l-1 ta' Settembru 2023 u l-31 ta' Awwissu 2024 (il-perjodu tar-rapportar). L-eżempji pprovduti fil-kaxxa ta' hawn taħt jenfasizzaw miżuri ewlenin b'objettivi intermedji u miri li tlestew matul il-perjodu tar-rapportar.

*Illustrazzjoni 19: Il-perċentwal tal-objettivi intermedji u l-miri li jikkontribwixxu għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv li ġew ivvalutati bħala li ntlaħqu jew li ġew irrapportati bħala li tlestew, għal kull RRP*




[60] Din l-illustrazzjoni turi l-kost stmat ibbażat fuq il-metodoloġija tal-ittaġġjar tal-pilastri għat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u r-Reżiljenza u tikkorrispondi għall-miżuri allokati għall-pilastru tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv bħala pilastru tal-politika primarju u/jew sekondarju.

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

**Eżempji ta' miżuri rilevanti b'objettivi intermedji u miri milħuqin taħt il-pilastru tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv**

Riformi:

- **Iċ-Ċekja** stabbiliet pjattaforma ta' ċertifikazzjoni għall-industriji tal-apparat mediku u tal-ajruspazju. Din il-pjattaforma tgħaqqad il-kumpaniji ma' korpi regolatorji biex jipprovdu informazzjoni, taħriġ u gwida essenzjali dwar il-kisba ta' ċertifikati għal prodotti u servizzi speċifiċi.
- **Malta** waqqfet kulleġġ elettroniku li joffri korsijiet online komprensivi bl-għan li jespandi l-opportunitajiet ta' titjib u tiġdid tal-ħiliet għall-adulti kollha irrispettivament mill-istatus ta' impjieg tagħhom. L-istudenti huma megħjuna permezz ta' unità ta' mentoraġġ u gwida kif ukoll ċentru online biex jipprovdi servizzi ta' gwida lil adulti li jkunu qegħdin ifittxu l-aħjar trajettorja edukattiva biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom ta' titjib u tiġdid tal-ħiliet kif ukoll konsulenza fil-benessri ġenerali. Il-kulleġġ elettroniku huwa kkomplementat ukoll minn faċilità ta' ċentru li jipprovdi spazju fiżiku b'tagħmir tekniku u kkowċjar wiċċ imb wiċċ għal adulti li ma jkollhomx ħiliet jew tagħmir diġitali biex jaċċessaw korsijiet online.
- **Il-Litwanja** ħolqot Kunsill ta' Riċerka ġdid li jgħin lin-negozji u lill-organizzazzjonijiet jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet internazzjonali ta' riċerka u innovazzjoni u jipprovdi appoġġ analitiku lill-gvern dwar il-politiki tal-innovazzjoni u tal-edukazzjoni għolja.

Investimenti:


- **Fl-Italja**, 25 kumpanija, inklużi SMEs, irċevew finanzjament għall-parteċipazzjoni fi Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni dwar it-teknoloġija u l-industrija tal-idroġenu; il-mikroelettronika u t-teknoloġiji tal-komunikazzjoni; u l-infrastruttura u s-servizzi tal-cloud tal-ġenerazzjoni li jmiss. Dawn il-proġetti jiffinanzjaw innovazzjoni rivoluzzjonarja li tikkontribwixxi għall-kompetittività, l-innovazzjoni u s-sostenibbiltà tal-Ewropa.
- **Fil-Kroazja**, ingħataw madwar EUR 18-il miljun għal proġetti ta' riċerka mwettqa minn universitajiet u istituti ta' riċerka li qablu li jiffokaw fuq ir-riżultati, filwaqt li biddlu l-mod kif ir-riċerka pubblika tiġi ffinanzjata biex jiġu ppremjati eżiti ta' suċċess.
- Fi **Spanja**, ingħataw EUR 897 miljun għal 3 463 proġett ta' riċerka u żvilupp marbuta ma': (i) prova tal-kunċett, (ii) teknoloġiji strateġiċi, (iii) tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, (iv) kollaborazzjoni fir-riċerka pubblika-privata, (v) riċerka u żvilupp għall-isfidi tas-soċjetà u (vi) għall-kollaborazzjoni internazzjonali fir-riċerka.

## Koeżjoni soċjali u territorjali

**L-Istati Membri inkludew għadd sinifikanti ta' miżuri biex jappoġġaw il-koeżjoni soċjali u territorjali, speċjalment billi jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.** Ħafna RRPs inkludew kapitoli ddedikati dwar opportunitajiet u aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u protezzjoni u inklużjoni soċjali. L-RRPs kollha jiffinanzjaw ukoll miżuri mmirati lejn it-titjib ta' tipi differenti ta' infrastruttura u servizzi territorjali, inklużi riformi u investimenti biex tingħata spinta lill-kompetittività, tittejjeb il-konnettività tat-trasport u tal-banda wiesgħa, jiġi żgurat l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali u jiġi ppreżervat l-ambjent, kif ukoll tittejjeb il-prestazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika fil-livell lokali u reġjonali. B'mod aktar preċiż, is-27 RRP adottati mill-Kunsill se jappoġġaw dan il-pilastru b'madwar EUR 261,2 biljun[61].

**Il-kopertura tal-RRPs tal-koeżjoni soċjali u territorjali hija aktar preżenti f'xi pjanijiet minn oħrajn, bi progress ġenerali tajjeb.** F'xi Stati Membri, il-koeżjoni soċjali u territorjali hija inkorporata f'diversi miżuri fil-komponenti kollha tal-RRP. 1 064 mill-2 888 objettiv intermedju u mira li jikkontribwixxu għall-koeżjoni soċjali u territorjali diġà huma rrapportati bħala li tlestew mill-Istati Membri jew ġew ivvalutati bħala li ntlaħqu mill-Kummissjoni, li jirrappreżentaw rata ta' progress ta' 37 % (inklużi 20 % vvalutati fit-talbiet għal pagament). 322 mill-objettivi intermedji u l-miri li jikkontribwixxu għall-koeżjoni soċjali u territorjali ġew ivvalutati mill-Kummissjoni bħala li ntlaħqu bejn l-1 ta' Settembru 2023 u l-31 ta' Awwissu 2024 (il-perjodu tar-rapportar). L-eżempji pprovduti fil-kaxxa ta' hawn taħt jenfasizzaw miżuri ewlenin b'objettivi intermedji u miri li tlestew matul il-perjodu tar-rapportar.

*Illustrazzjoni 20: Il-perċentwal tal-objettivi intermedji u l-miri li jikkontribwixxu għall-koeżjoni soċjali u territorjali vvalutati bħala li ntlaħqu jew irrapportati bħala li tlestew, għal kull RRP*




[61] Din l-illustrazzjoni turi l-kost stmat ibbażat fuq il-metodoloġija tal-ittaġġjar tal-pilastri għat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u r-Reżiljenza u tikkorrispondi għall-miżuri allokati għall-pilastru tal-koeżjoni soċjali u territorjali bħala pilastru tal-politika primarju u/jew sekondarju.

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

**Eżempji ta' miżuri rilevanti b'objettivi intermedji u miri milħuqin taħt il-pilastru tal-koeżjoni soċjali u territorjali**

Riformi:

- **L-Italja** adottat liġi qafas ġdida biex ittejjeb il-kundizzjonijiet tal-għajxien ta' persuni anzjani li ma humiex awtosuffiċjenti. B'mod partikolari, il-liġi għandha l-għan li tissimplifika u tipprovdi "Punti Uniċi ta' Kuntatt" għas-servizzi soċjali u tas-saħħa, tirrieżamina l-proċeduri għall-valutazzjoni tal-kundizzjoni ta' persuni anzjani dipendenti mill-kura u żżid is-sett ta' servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa li jistgħu jiġu pprovduti fid-dar.
- **Il-Greċja** ċċertifikat 150 000 ċittadin għat-tlestija b'suċċess ta' programmi ta' taħriġ dwar ħiliet diġitali, ekoloġiċi u tal-litteriżmu finanzjarju. Il-programmi għandhom l-għan li jtejbu l-opportunitajiet tas-suq tax-xogħol taż-żgħażagħ u tal-persuni qiegħda fit-tul, tal-impjegati teknoloġikament żvantaġġati, tal-impjegati b'riżorsi limitati ta' taħriġ u tal-impjegati tas-settur pubbliku bħall-għalliema.
- **Il-Polonja** stabbiliet l-Istrument ta' Trasformazzjoni Urbana Ekoloġika biex trawwem l-iżvilupp urban sostenibbli u biex tindirizza d-disparitajiet soċjoekonomiċi. Din l-inizjattiva għandha l-għan li ttejjeb l-infrastruttura urbana permezz ta' soluzzjonijiet effiċjenti fl-użu tal-enerġija (bħar-raggruppamenti tal-enerġija u l-użu ta' sorsi rinnovabbli); il-promozzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għat-trasformazzjoni ekoloġika (bħal infrastrutturi ekoloġiċi u blu għall-ġestjoni sostenibbli tal-ilma tax-xita); u l-appoġġ ta' sistemi tat-trasport b'emissjonijiet żero (billi tinkoraġġixxi l-mixi, iċ-ċikliżmu u t-trasport kollettiv, kif ukoll il-ħolqien ta' Żoni b'Emissjonijiet Baxxi).

Investimenti:

- **Franza** ssussidjat ir-rinnovazzjoni termali ta' 20 000 abitazzjoni soċjali addizzjonali kemm fi Franza kontinentali kif ukoll fit-territorji ekstra-Ewropej, u laħqet 40 000 abitazzjoni soċjali mill-2020. Permezz ta' rinnovazzjonijiet profondi tal-bini, l-ambizzjoni hija li jiġu eliminati progressivament l-għeriebel termali u li tinkiseb medja ta' mill-anqas 30 % ta' ffrankar tal-enerġija sal-aħħar tal-2026.
- **L-Italja** saħħet il-forza tax-xogħol tagħha billi attivat perkors ta' taħriġ biex ittejjeb il-ħiliet tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa Taljan. Billi jipprovdi l-ewwel 1 800 borża ta' studju, il-programm għandu l-għan li jtejjeb il-prattika medika ġenerali u s-sikurezza tal-infezzjonijiet fl-isptarijiet għall-membri tal-persunal.
- **Il-Latvja** rrinnovat jew bniet mill-ġdid 75 km ta' toroq reġjonali u lokali bl-għan li ttejjeb is-sikurezza fit-toroq, tiżgura l-konnettività u l-funzjonament tal-


muniċipalitajiet il-ġodda, kif ukoll li ttejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għall-impjiegi u s-servizzi.

### Reżiljenza tas-saħħa, ekonomika u istituzzjonali

**L-RRPs jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għas-saħħa u għar-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali, bil-għan li, *inter alia*, tiżdied it-tħejjija għall-kriżijiet u l-kapaċità ta' rispons għall-kriżijiet.** Aktar minn 1 200 miżura u sottomiżura għal madwar EUR 88,5 biljun[62], inklużi fl-RRPs, jikkontribwixxu għall-pilastru tal-politika tas-saħħa, u tar-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali. Dawn il-miżuri jkopru oqsma ta' politika li jvarjaw minn kura tas-saħħa u fit-tul għall-effettività tas-sistemi ġudizzjarji u miżuri kontra l-ħasil tal-flus.

**Il-pilastru tar-reżiljenza tas-saħħa, ekonomika u istituzzjonali huwa dak li fih inkiseb l-aktar progress s'issa**. 1 162 mill-2 503 objettiv intermedju u mira li jikkontribwixxu għas-saħħa, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali huma rrapportati bħala li tlestew mill-Istati Membri jew ġew ivvalutati bħala li ntlaħqu mill-Kummissjoni, li jikkorrispondu għal rata ta' progress ta' 46 % (inklużi 27 % vvalutati fit-talbiet għal pagament). 374 mill-objettivi intermedji u l-miri li jikkontribwixxu għar-reżiljenza tas-saħħa, ekonomika u istituzzjonali ġew ivvalutati mill-Kummissjoni bħala li ntlaħqu bejn l-1 ta' Settembru 2023 u l-31 ta' Awwissu 2024 (il-perjodu tar-rapportar). L-eżempji pprovduti fil-kaxxa ta' hawn taħt jenfasizzaw il-miżuri ewlenin b'objettivi intermedji u miri li tlestew matul il-perjodu tar-rapportar.

*Illustrazzjoni 21: Il-perċentwal tal-objettivi intermedji u l-miri li jikkontribwixxu għar-reżiljenza tas-saħħa, ekonomika u istituzzjonali li ġew ivvalutati bħala li ntlaħqu jew li ġew irrapportati bħala li tlestew, għal kull RRP*




[62] Din l-illustrazzjoni turi l-kost stmat ibbażat fuq il-metodoloġija tal-ittaġġjar tal-pilastri għat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u r-Reżiljenza u tikkorrispondi għall-miżuri allokati għall-pilastru tar-reżiljenza tas-saħħa, ekonomika u istituzzjonali bħala pilastru tal-politika primarju u/jew sekondarju.

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

**Eżempji ta' miżuri rilevanti b'objettivi intermedji u miri milħuqin taħt il-pilastru tar-reżiljenza tas-saħħa, ekonomika u istituzzjonali**

Riformi:

- **Il-Greċja** stabbiliet 48 unità tas-saħħa mentali, biex tappoġġa l-aċċess universali liberu għal servizzi tas-saħħa mentali ta' kwalità. Il-pazjenti ta' dawn l-unitajiet jinkludu tfal, adolexxenti u adulti żgħażagħ bi problemi ta' saħħa mentali, pazjenti bid-dimenzja, bil-marda ta' Alzheimer u bl-awtiżmu, kif ukoll persuni li jużaw sustanzi li jwasslu għal dipendenza u individwi dipendenti. Barra minn hekk, ir-riforma għandha l-għan li ċċaqlaq il-kura tas-saħħa mentali mill-istituzzjonijiet u toħloq servizzi bbażati fil-komunità li jaħdmu flimkien biex jissodisfaw il-ħtiġijiet kurrenti tas-saħħa mentali u jħejju għal sfidi futuri wara l-pandemija.
- **L-Estonja** emendat il-liġijiet rilevanti biex issaħħaħ il-kura tas-saħħa primarja. Il-bidliet leġiżlattivi tejbu l-ġestjoni tal-listi tal-pazjenti, u b'hekk għamluha aktar faċli għall-pazjenti biex ikomplu jirċievu kura primarja u estendew id-drittijiet tal-infermiera biex jippreskrivu mediċini lill-pazjenti. Il-pajjiż għamilha wkoll aktar attraenti għat-tobba u għall-ispiżjara li jaħdmu f'żoni remoti.
- **Fil-Kroazja**, ġiet implimentata riforma tal-iffissar tal-pagi. Minn April 2024, l-impjegati kollha taċ-ċivil u l-uffiċjali pubbliċi rċevew salarji skont is-sistema ta' remunerazzjoni l-ġdida u aktar trasparenti bbażata fuq il-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali.

Investimenti:

- **Il-Belġju** approva strateġija ta' deistituzzjonalizzazzjoni għall-kura fit-tul tar-Reġjun ta' Wallonia bħala parti minn investiment usa' li għandu l-għan li jżid il-provvista ta' akkomodazzjoni soċjali għal gruppi vulnerabbli permezz tal-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija ta' akkomodazzjoni b'kera baxxa, ta' akkomodazzjoni inklużiva u bbażata fuq is-solidarjetà, kif ukoll ta' postijiet ta' akkomodazzjoni għal persuni mingħajr dar.
- **Id-Danimarka** żviluppat soluzzjoni diġitali ġdida biex iċ-ċittadini u s-sistema tal-kura tas-saħħa jsiru aktar konnessi wara l-pandemija tal-COVID-19. Ġew żviluppati kwestjonarji diġitali ġodda, li jkopru l-pneumococcus, l-influwenza u t-tqala, biex jippermettu stratifikazzjoni rapida tal-pazjenti f'termini ta' ħtiġijiet ta' tilqim u kundizzjonijiet mediċi oħrajn.
- **L-Irlanda** tat kuntratti għall-akkwist ta' soluzzjoni diġitali li tappoġġa l-varar ta' sistema ta' Spiżerija elettronika fi sptarijiet fl-Irlanda. Din is-sistema tippermetti lill-awtoritajiet jimmonitorjaw aħjar l-użu u l-kostijiet tal-mediċini, u tappoġġa l-preskrizzjoni u l-amministrazzjoni elettronika tal-mediċini, u b'hekk ittejjeb it-twassil tal-kura u s-sikurezza tal-pazjenti. L-Irlanda lestiet ukoll it-tfassil, il-bini u l-


konfigurazzjoni ta' sistema ta' ġestjoni finanzjarja integrata biex l-akkwist u l-ġestjoni finanzjarja fi ħdan is-sistema tal-kura tas-saħħa jsiru aktar effiċjenti.

### Politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss

**Il-miżuri għall-ġenerazzjoni li jmiss, it-tfal u ż-żgħażagħ jiffokaw primarjament fuq l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, l-edukazzjoni u t-taħriġ kif ukoll miżuri li jappoġġaw l-impjieg taż-żgħażagħ.** L-RRPs adottati mill-Kunsill jappoġġaw dan il-pilastru b'madwar EUR 56,4 biljun[63], li minnhom madwar tliet kwarti jikkontribwixxu għall-edukazzjoni ġenerali, vokazzjonali u għolja. Il-kwart li jifdal huwa maqsum kważi b'mod ugwali bejn l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, u l-appoġġ għall-impjieg taż-żgħażagħ.

**Il-progress huwa tanġibbli wkoll għall-objettivi intermedji u għall-miri li jikkontribwixxu għall-politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss, għat-tfal u għaż-żgħażagħ, bħall-edukazzjoni u l-ħiliet.** S'issa, 259 minn 665 objettiv intermedju u mira diġà huma rrapportati bħala li tlestew mill-Istati Membri jew ġew ivvalutati bħala li ntlaħqu mill-Kummissjoni, li jikkorrispondu għal rata ta' progress ta' 39 % (inklużi 21 % vvalutati fit-talbiet għal pagament). 75 minn dawn l-objettivi intermedji u l-miri li jikkontribwixxu għall-politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss ġew ivvalutati mill-Kummissjoni bħala li ntlaħqu bejn l-1 ta' Settembru 2023 u l-31 ta' Awwissu 2024 (il-perjodu tar-rapportar). L-eżempji pprovduti fil-kaxxa ta' hawn taħt jenfasizzaw miżuri ewlenin b'objettivi intermedji u miri li tlestew matul il-perjodu tar-rapportar.

*Illustrazzjoni 22: Il-perċentwal tal-objettivi intermedji u l-miri li jikkontribwixxu għall-politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss li ġew ivvalutati bħala li ntlaħqu jew ġew irrapportati bħala li tlestew, għal kull RRP*




[63] Din l-illustrazzjoni turi l-kost stmat ibbażat fuq il-metodoloġija tal-ittaġġjar tal-pilastri għat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u r-Reżiljenza u tikkorrispondi għall-miżuri allokati għall-politiki għall-pilastru tal-ġenerazzjoni li jmiss bħala pilastru tal-politika primarju u/jew sekondarju.

Nota: L-RRP tad-Danimarka jinkludi bosta objettivi intermedji u miri li jikkontribwixxu għall-politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss, li għadhom ma ġewx ivvalutati mill-Kummissjoni bħala li ntlaħqu jew għadhom ma ġewx irrapportati mill-Istat Membru bħala li tlestew.
Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

**Eżempji ta' miżuri rilevanti b'objettivi intermedji u miri milħuqin taħt il-politiki għall-pilastru tal-ġenerazzjoni li jmiss**

Riformi:

- **Is-Slovakkja** introduċiet programm nazzjonali tal-edukazzjoni tal-istat għall-iskejjel tal-primarja u tal-ewwel livell tas-sekondarja, li se jwassal kurrikuli aġġornati fil-klassijiet. Il-kurrikulu l-ġdid se jitnieda fi tliet ċikli u għandu l-għan li jistabbilixxi standards ogħla u mmodernizzati għal għanijiet ewlenin ta' apprendiment.
- Ir-riforma tal-governanza tal-edukazzjoni għolja daħlet fis-seħħ **fil-Latvja**. Ir-riforma tinkludi (i) id-definizzjoni tat-tipoloġiji universitarji u l-ispeċjalizzazzjoni strateġika tal-universitajiet; (ii) il-proċedura għall-istabbiliment u l-approvazzjoni ta' kunsilli universitarji, il-kompetenza tal-kunsilli, filwaqt li tiċċara l-kompetenzi tas-Senat, tar-Rettur u tal-Assemblea Kostituzzjonali; u (iii) il-proċedura għall-għażla u l-approvazzjoni ta' retturi universitarji ġodda.
- **Il-Ġermanja** saħħet is-sistema edukattiva permezz ta' riforma biex tipprovdi korsijiet u mentoraġġ addizzjonali lill-istudenti li waqgħu lura fl-apprendiment, b'enfasi fuq is-suġġetti ewlenin u l-kompetenzi ewlenin biex jiġu indirizzati d-disparitajiet fl-apprendiment maħluqa mill-kriżi tal-COVID-19. Se jintefqu wkoll EUR 500 miljun biex jinħolqu 90 000 post addizzjonali għall-indukrar tat-tfal, billi jinbnew faċilitajiet ġodda għall-indukrar tat-tfal u jiġu rrestawrati dawk eżistenti.

Investimenti:


- **Il-Portugall** ipprovda 600 000 laptop lill-istudenti u lill-għalliema fl-iskejjel pubbliċi tal-primarja u s-sekondarja fuq bażi ta' self li jappoġġaw l-edukazzjoni u t-tagħlim diġitali.
- **L-Italja** offriet appoġġ edukattiv strutturat lil mill-anqas 20 000 minorenni ta' età sa 17-il sena, u b'hekk iġġieldet il-faqar edukattiv u appoġġat opportunitajiet indaqs għat-tfal kollha fin-Nofsinhar tal-Italja.
- **L-Irlanda** għaqqdet 750 skola primarja ma' network tal-banda wiesgħa b'veloċità għolja permezz tal-installazzjoni ta' routers, u b'hekk iffaċilitat l-edukazzjoni diġitali moderna. Dan jgħin ukoll biex jiġu indirizzati d-disparitajiet reġjonali u diġitali fl-Irlanda permezz ta' żieda fil-konnettività fi skejjel iżgħar u rurali, li storikament kellhom l-aktar klassifikazzjonijiet baxxi ta' konnettività.

## Ġeneru u tfal u żgħażagħ

**L-RRPs ikomplu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jiffokaw fuq it-tfal u ż-żgħażagħ**. L-RRPs tal-Istati Membri fihom 136 (sotto)miżura li flimkien jikkontribwixxu EUR 22,0 biljun[64] għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Dawn jinkludu wkoll 423 (sotto)miżura li jiffokaw fuq it-tfal u ż-żgħażagħ, li jikkontribwixxu EUR 66,6 biljun[65]. Dawn iċ-ċifri ma jinkludux il-kontribut ta' riformi u investimenti oħrajn li jistgħu ma jitqisux inizjalment bħala politiki li jikkontribwixxu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għat-tfal u ż-żgħażagħ iżda li l-implimentazzjoni tagħhom jista' jkollha impatt pożittiv sinifikanti.

**Kien hemm ukoll progress notevoli fl-implimentazzjoni ta' miżuri li jikkontribwixxu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u li jiffokaw fuq it-tfal u ż-żgħażagħ**. Mill-253 objettiv intermedju u mira b'enfasi fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fis-27 RRP, 102 diġà huma rrapportati mill-Istati Membri bħala li tlestew jew ġew ivvalutati mill-Kummissjoni bħala li ntlaħqu, li jirrappreżentaw rata ta' progress ta' 40 % (inklużi 22 % vvalutati b'mod pożittiv fit-talbiet għal pagament). Barra minn hekk, 288 mis-714-il objettiv intermedju u mira li jikkontribwixxu għat-tfal u għaż-żgħażagħ diġà huma rrapportati mill-Istati Membri bħala li tlestew jew ġew ivvalutati mill-Kummissjoni bħala li ntlaħqu, li jirrappreżentaw rata ta' progress ta' 40 % (inklużi 22 % vvalutati b'mod pożittiv fit-talbiet għal pagament). 33 mill-objettivi intermedji u l-miri li jikkontribwixxu għall-ġeneru u 79 minn dawk li jikkontribwixxu għat-tfal u ż-żgħażagħ ġew ivvalutati mill-Kummissjoni bħala li ntlaħqu bejn l-1 ta' Settembru 2023 u l-31 ta' Awwissu 2024 (il-perjodu tar-rapportar). L-eżempji pprovduti fil-kaxxa ta' hawn taħt jenfasizzaw miżuri ewlenin b'objettivi intermedji u miri li tlestew matul il-perjodu tar-rapportar.

*Illustrazzjoni 23: Il-perċentwal tal-objettivi intermedji u l-miri li jikkontribwixxu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri li ġew ivvalutati bħala li ntlaħqu jew ġew irrapportati bħala li tlestew, għal kull RRP*





[64] Din iċ-ċifra turi stimi tal-kostijiet ibbażati fuq il-metodoloġija tal-ittaggjar tal-pilastri għat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u r-Reżiljenza u tikkorrispondi għas-sehem ta' miżuri b'enfasi fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

[65] Din iċ-ċifra turi stimi tal-kostijiet ibbażati fuq il-metodoloġija tal-ittaggjar tal-pilastri għat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u r-Reżiljenza u tikkorrispondi għas-sehem ta' miżuri b'enfasi fuq it-tfal u ż-żgħażagħ.

**Nota:** L-RRPs tal-Belġju, tal-Latvja, tal-Litwanja u tal-Ungerija jinkludu bosta objettivi intermedji u miri li jikkontribwixxu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, li għadhom ma ġewx ivvalutati mill-Kummissjoni bħala li ntlaħqu jew għadhom ma ġewx irrapportati mill-Istat Membru bħala li tlestew.
**Sors:** Il-Kummissjoni Ewropea

*Illustrazzjoni 24: Il-perċentwal tal-objettivi intermedji u l-miri b'enfasi fuq it-tfal u ż-żgħażagħ li ġew ivvalutati bħala li ntlaħqu jew li ġew irrapportati bħala li tlestew, għal kull RRP*




**Nota:** L-RRP tad-Danimarka jinkludi bosta objettivi intermedji u miri b'enfasi fuq it-tfal u ż-żgħażagħ, li għadhom ma ġewx ivvalutati mill-Kummissjoni bħala li ntlaħqu jew għadhom ma ġewx irrapportati mill-Istat Membru bħala li tlestew.
**Sors:** Il-Kummissjoni Ewropea

**Matul il-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażagħ, il-Kummissjoni organizzat avveniment dwar l-impatt tal-RRF fuq iż-żgħażagħ.** Il-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażagħ, li hija organizzata mill-Kummissjoni Ewropea kull sentejn biex tippromwovi l-involviment taż-żgħażagħ, ġibdet aktar minn 900 attendent żagħżugħ f'April 2024. L-avveniment iffoka fuq tmien żgħażagħ li bbenefikaw minn miżuri tal-RRF b'diversi modi, flimkien ma' għarfien mill-korpi ta' implimentazzjoni nazzjonali u mill-Kummissjoni Ewropea. Pereżempju, għalliem żagħżugħ tal-IT mil-Latvja ddiskuta l-proġett "Kompjuter għal Kull Tifel u Tifla", li jipprovdi laptops lill-istudenti, b'mod partikolari dawk minn sfondi żvantaġġati. Barra minn hekk, disinjatur Sloven u maniġer tal-PR spjegaw kif ingħataw is-setgħa u kif tejbu s-sigurtà soċjali tagħhom bis-saħħa tal-inċentivi finanzjarji għall-impjegaturi biex jimpjegaw żgħażagħ b'kuntratti permanenti. Parteċipanti oħrajn qasmu l-esperjenzi tagħhom dwar il-modernizzazzjoni tal-programm universitarju fiċ-Ċekja, il-vawċers għat-tagħmir diġitali fil-Greċja, il-konsulenza għall-karriera fi Franza u l-apparat diġitali għall-istituzzjonijiet tat-taħriġ fi Spanja[66].

[66] Għal aktar informazzjoni, ara l-iskeda informattiva disponibbli fuq https://commission.europa.eu/document/download/c6550656-98f3-472d-a6d7-6ae2a0620de8_en?filename=240425-RRF_supporting_young_people-FACTSHEET_v6.pdf.



**Eżempji ta' miżuri rilevanti b'objettivi intermedji u miri milħuqin li jikkontribwixxu għall-ġeneru u għat-tfal u ż-żgħażagħ**

Riformi:

- **Il-Kroazja** introduċiet mudell ta' finanzjament biex tkopri l-kostijiet operattivi kemm taċ-ċentri tal-edukazzjoni u tal-kura bikrija tat-tfal eżistenti kif ukoll dawk li għadhom kif inbnew għall-bliet u għall-gvernijiet lokali b'baġits limitati. Dan jappoġġa opportunitajiet indaqs għat-tfal kollha u jgħin lill-persuni li jindukraw, ta' spiss nisa, isibu impjiegi full-time.
- **L-Estonja** żviluppat prototip ta' għodda diġitali tad-diskrepanza fil-pagi bejn il-ġeneri għall-impjegaturi. B'din l-għodda, l-impjegaturi jistgħu jiksbu l-informazzjoni meħtieġa dwar id-diskrepanza fil-pagi bejn il-ġeneri u l-kawżi possibbli tagħha fl-organizzazzjoni tagħhom, u jingħataw is-setgħa li jieħdu azzjoni biex inaqqsu d-diskrepanza fil-pagi bejn il-ġeneri.

Investimenti:

- **L-Italja** pprovdiet appoġġ finanzjarju għall-ħolqien u/jew għat-tkabbir ta' 700 intrapriża mmexxija min-nisa, li jappoġġa l-intraprenditorija tan-nisa u jsaħħaħ il-parteċipazzjoni tan-nisa f'attivitajiet ta' negozju.
- **Is-Slovenja** pprovdiet sussidji għall-impjieg ta' 700 persuna taħt l-età ta' 30 sena, u b'hekk żgurat id-dħul aktar mgħaġġel tagħhom fis-suq tax-xogħol, filwaqt li tagħti s-setgħa liż-żgħażagħ, ittejjeb is-sigurtà soċjali tagħhom u ttejjeb il-ħiliet tagħhom.
- **Ir-Rumanija** pprovdiet għotjiet lil 750 stabbiliment edukattiv l-aktar fil-bżonn, biex tappoġġa lill-istudenti bil-ħsieb li tnaqqas it-tluq bikri mill-iskola u tiffaċilita t-tranżizzjoni mill-edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell għal dik tat-tieni livell. L-

iskejjel intgħażlu abbażi ta' ħames indikaturi ddefiniti fil-Mekkaniżmu ta' Twissija Bikrija fl-Edukazzjoni.

- **Franza** ssussidjat 160 000 kuntratt addizzjonali ta' apprendistat, kif ukoll il-ħolqien ta' 2 200 impjieg għaż-żgħażagħ fis-settur tal-isport u bniet jew irrinnovat 1 500 post fi "skejjel ta' eċċellenza li jgħixu fihom l-istudenti".

## D. Politiki biex tittejjeb il-kompetittività tan-negozji tal-UE

*L-RRPs jikkontribwixxu għal kompetittività mtejba tan-negozji tal-UE, b'madwar tliet miljun intrapriża li diġà bbenefikaw mill-appoġġ tal-RRF*

**L-investimenti li jappoġġaw direttament lill-intrapriżi jammontaw għal aktar minn EUR 82 biljun, 13 % tan-nefqa totali stmata tal-RRF.** Minn dan l-ammont, madwar EUR 78 biljun huma allokati lill-SMEs fi 22 Stat Membru. Barra minn hekk, l-appoġġ lill-kumpaniji, inklużi l-għajnuna finanzjarja u d-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, jammonta għal mill-anqas EUR 164 biljun (25 % tan-nefqa totali stmata tal-RRF). L-investimenti tal-RRF li jtejbu l-kompetittività jkopru bosta setturi, inklużi l-manifattura, il-karozzi, l-enerġija, il-bejgħ bl-imnut, it-turiżmu u l-kultura, b'aktar minn EUR 110 biljun investiti fid-dekarbonizzazzjoni tal-industrija u t-teknoloġija nadifa, EUR 23 biljun fir-riċerka u l-iżvilupp ekoloġiċi, u aktar minn EUR 2 biljun f'ħiliet u impjiegi ekoloġiċi. L-investimenti tal-RRF irawmu wkoll it-tranżizzjoni diġitali, u jibbenefikaw lil kważi 600 000 kumpanija biex javvanzaw b'teknoloġiji bħall-IA u ċ-ċibersigurtà.


**Minbarra l-investimenti, l-RRPs fihom aktar minn 900 riforma, f'firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika[67] mmirati lejn it-tnaqqis tal-piżijiet regolatorji u amministrattivi u l-indirizzar tal-isfidi matul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tan-negozju, biex jiġi mmassimizzat l-impatt tal-investimenti u tingħata spinta lill-kompetittività tan-negozji tal-UE.** Dawn il-miżuri tal-RRP jiffokaw fuq is-simplifikazzjoni tar-regolamenti u t-tnaqqis tal-burokrazija li spiss ifixklu n-negozju, b'mod partikolari l-SMEs. Il-miżuri ta' kompettività jindirizzaw l-isfidi matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tan-negozju. L-RRF jgħin lill-Istati Membri jnaqqsu ż-żmien meħtieġ biex jibdew kumpanija, jissimplifikaw u jħaffu l-proċessi tal-liċenzjar u tal-permessi, inaqqsu r-restrizzjonijiet għall-aċċess ta' professjonijiet irregolati, u jiffaċilitaw u jiddiġitalizzaw l-inkorporazzjoni tan-negozji.

**Kien hemm progress sinifikanti fl-implimentazzjoni ta' miżuri relatati mal-kompetittività.** Mill-bidu tal-RRF, 1 856 mill-4 352 objettiv intermedju u mira li jikkontribwixxu direttament għat-tkabbir u għall-kompetittività tan-negozji diġà huma

[67] L-oqsma ta' politika tal-RRF li ġejjin huma meqjusin li jikkontribwixxu għall-kompetittività: L-Ambjent tan-Negozju/l-Intraprenditorija; L-Infrastruttura tan-Negozju; Il-Kompetittività; L-Effettività tas-Sistemi Ġudizzjarji; L-Effettività tal-Amministrazzjoni Pubblika u tas-Sistemi Nazzjonali, inkluża l-Minimizzazzjoni tal-Piż Amministrattiv; Il-Gvern Elettroniku, is-Servizzi Pubbliċi Diġitali (Inkluża d-Diġitalizzazzjoni tat-Trasport) u l-Ekosistemi Diġitali Lokali; Ir-Riformi fis-Settur Finanzjarju; Il-Politika Fiskali u l-Governanza Fiskali; Il-Prevenzjoni tal-Frodi; Il-Bidliet Regolatorji għal Tkabbir Intelliġenti, Sostenibbli u Inklużiv; Ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni; L-Appoġġ lil Intrapriżi Kbar; L-Appoġġ lil SMEs.

rrapportati mill-Istati Membri bħala li tlestew jew ġew ivvalutati mill-Kummissjoni bħala li ntlaħqu, li jirrappreżentaw rata ta' progress ta' kważi 43 % (inklużi 25 % vvalutati fit-talbiet għal pagament). 592 minn dawn l-objettivi intermedji u miri li jikkontribwixxu għat-tkabbir u l-kompetittività ġew ivvalutati mill-Kummissjoni bħala li ntlaħqu bejn l-1 ta' Settembru 2023 u l-31 ta' Awwissu 2024 (il-perjodu tar-rapportar). L-eżempji pprovduti fil-kaxxa ta' hawn taħt jenfasizzaw miżuri ewlenin b'objettivi intermedji u miri li tlestew matul il-perjodu tar-rapportar.

*Illustrazzjoni 25: Il-perċentwal tal-objettivi intermedji u l-miri li jikkontribwixxu għall-kompetittività li ġew ivvalutati bħala li ntlaħqu jew li ġew irrapportati bħala li tlestew, għal kull RRP*




**Sors:** Il-Kummissjoni Ewropea

**Eżempji ta' miżuri rilevanti b'objettivi intermedji u miri milħuqin li jikkontribwixxu għall-kompetittività**

**Riformi:**

- **Franza,** permezz tal-liġi dwar l-aċċellerazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-azzjoni pubblika, issimplifikat ir-regoli u l-proċeduri amministrattivi, inkluż fost l-oħrajn it-tqassir taż-żmien meħtieġ għar-rieżami tal-proġetti industrijali jew is-simplifikazzjoni tal-kumitati konsultattivi sabiex jiġu aċċellerati d-deċiżjonijiet amministrattivi.
- **Is-Slovenja**, permezz tal-"Att dwar it-Tnaqqis tal-Burokrazija", għenet biex jinħoloq ambjent tan-negozju li jiffavorixxi t-tkabbir għas-settur tan-negozju u għaċ-ċittadini billi ssimplifikat jew neħħiet proċeduri amministrattivi ta' piż. Dan irriżulta f'kostijiet amministrattivi aktar baxxi u żieda fil-kompetittività tan-negozji fis-Slovenja. Hija

ssimplifikat ukoll il-leġiżlazzjoni billi ħassret aktar minn 200 liġi u liġi sekondarja li kienu skaduti jew li ma kinux għadhom applikabbli.

- **Il-Kroazja** għamlitha aktar faċli għan-negozji biex jittrattaw ir-regolamenti billi ċaqalqet it-Test tal-Valutazzjoni tal-Impatt tal-SMEs online. Dan jinkludi pjattaforma diġitali li tgħin fit-traċċar ta' kif il-liġijiet il-ġodda jaffettwaw lill-SMEs u tippermetti lill-esperti minn madwar il-pajjiż jaħdmu flimkien u jaqsmu l-għarfien. Barra minn hekk, il-Kroazja nediet pjan ta' azzjoni ġdid biex tnaqqas it-tariffi u l-imposti addizzjonali li jiffaċċjaw in-negozji, minbarra t-taxxi.

**Investimenti:**

- **Franza** introduċiet skema ta' finanzjament għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija, li tammonta għal EUR 300 miljun. Din irriżultat f'appoġġ konkret lill-kumpaniji fil-perkors tad-dekarbonizzazzjoni tagħhom. Pereżempju, kumpanija tat-tessuti rċeviet EUR 917 000 biex tinvesti fi proċessi industrijali aktar effiċjenti f'waħda mill-fabbriki tagħha. Dan l-investiment se jnaqqas il-konsum tal-enerġija b'2 950 MWh/sena, filwaqt li jbaxxi l-emissjonijiet tas-$CO_2$ b'30 % kull sena u l-konsum tal-ilma b'50 % sal-2025. Kooperattiva Franċiża ewlenija fil-qasam tad-deidratazzjoni ssostitwiet apparat li jnixxef b'temperatura għolja (150 sa 600 C°), b'apparat li jnixxef b'temperatura baxxa (105 sa 70 C°), li jirkupra s-sħana mill-impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart tal-belt. Din il-miżura għandha l-għan li tnaqqas l-emissjonijiet tas-$CO_2$ fil-post b'40 % (7 680 tunnellata kull sena).
- **Spanja** għamlet progress fl-investimenti fi proġetti strateġiċi biex tittrasforma l-ktajjen tal-valur f'setturi ewlenin bħall-karozzi, l-ikel agrikolu, is-saħħa, is-settur navali u d-dekarbonizzazzjoni tal-industrija. Ingħataw mill-anqas EUR 1,2 biljun lil 925 proġett innovattiv li jiffokaw fuq l-effiċjenza enerġetika, is-sostenibbiltà u t-trasformazzjoni diġitali. Minnhom, 584 huma marbuta ma' vetturi elettriċi, is-saħħa u l-ikel agrikolu. B'mod partikolari, 266 proġett jappoġġaw l-iżvilupp ta' komponenti u pjattaformi għall-vetturi elettriċi, ibridi rikarikabbli u tal-idroġenu, kif ukoll ir-riċerka u l-iżvilupp tas-sewqan awtonomu u tal-mobbiltà konnessa.

# 3. REPowerEU

**L-RRF hija strument ewlieni għall-ilħuq tal-objettivi tal-Pjan REPowerEU, li huwa mmirat lejn it-tnaqqis tad-dipendenza tal-Ewropa fuq il-fjuwils fossili Russi billi jaċċellera t-tranżizzjoni tal-enerġija nadifa u jikseb sistema tal-enerġija aktar reżiljenti.** Ir-Regolament RRF ġie emendat fi Frar 2023 biex jipprovdi riżorsi finanzjarji addizzjonali lill-Istati Membri, jappoġġa riformi u investimenti ġodda jew estiżi ffokati fuq id-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija, iż-żieda fl-iffrankar tal-enerġija, iż-żieda fil-produzzjoni ta' enerġija nadifa u t-tisħiħ tar-reżiljenza, tas-sigurtà u tas-sostenibbiltà tas-sistema tal-enerġija tal-UE.

**Il-finanzjament ta' EUR 64,2 biljun għall-objettivi tar-REPowerEU ġej minn diversi sorsi**. EUR 20 biljun f'appoġġ finanzjarju addizzjonali mhux ripagabbli huma pprovduti taħt l-RRF, iġġenerati mill-irkant ta' kwoti taħt l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet. Dan l-appoġġ finanzjarju jitqassam fost l-Istati Membri abbażi ta' kjavi ta' allokazzjoni aġġornata fl-Anness IVa tar-Regolament RRF[68]. L-Istati Membri jistgħu jittrasferixxu wkoll l-allokazzjoni provviżorja kollha tagħhom jew parti minnha skont ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit ("BAR", Brexit Adjustment Reserve) lill-RRF għall-finanzjament tal-investimenti u r-riformi fil-kapitoli tagħhom tar-REPowerEU. 23 Stat Membru talbu trasferiment bħal dan, li jammonta għal EUR 2,1 biljun[69]. Sabiex jiffinanzjaw investimenti u riformi ġodda li jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-objettivi tar-REPowerEU, l-Istati Membri jistgħu jibbenefikaw ukoll mill-kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli ħafna tas-self tal-RRF. Sal-iskadenza tal-31 ta' Awwissu 2023, 10 Stati Membri talbu self addizzjonali li jammonta għal EUR 127,2 biljun[70], li minnhom EUR 40,5 biljun huma miżuri ddedikati tar-REPowerEU[71].

**Biex jaċċessaw dawn il-fondi addizzjonali, l-Istati Membri rrevedew l-RRPs tagħhom biex jinkludu riformi u investimenti ġodda jew estiżi f'"kapitolu tar-REPowerEU" ddedikat**. Sal-31 ta' Awwissu 2024, 26 Stat Membru[72] kienu ppreżentaw l-RRPs immodifikati tagħhom flimkien mal-kapitoli tar-REPowerEU, li minnhom 25 ġew adottati mill-Kunsill[73].

[68] Għall-appoġġ addizzjonali mhux ripagabbli disponibbli għal kull Stat Membru ara t-Tabella 11 tar-Rapport Annwali tal-RRF 2023 (COM(2023) 545 final/2).

[69] Għal aktar dettalji ara t-Tabella 12 tar-Rapport Annwali tal-RRF 2023 (COM(2023) 545 final/2).


[70] Dan jirrappreżenta 43,7 % tal-ammont totali tas-self (EUR 291 biljun) mitlub mill-Istati Membri għall-RRP nazzjonali tagħhom

[71] Għal aktar dettalji ara t-Tabella 7 tar-Rapport Annwali tal-RRF 2023 (COM(2023) 545 final/2).

[72] Fiż-żmien tal-kitba, il-Bulgarija kienet għadha ma ppreżentatx il-kapitolu tar-REPowerEU tagħha.

[73] Il-Lussemburgu ppreżenta l-kapitolu tar-REPowerEU tiegħu fis-16 ta' Mejju 2024. Il-Kummissjoni ħarġet valutazzjoni pożittiva tal-pjan rivedut tal-Lussemburgu inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU fit-23 ta' Lulju 2024 u l-pjan rivedut ġie adottat mill-Kunsill fit-23 ta' Settembru 2024.

*Illustrazzjoni 26: Il-kost stmat tal-kapitoli tar-REPowerEU skont l-Istat Membru, f'miljuni ta' EUR*




Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

**Il-miżuri fil-kapitoli tar-REPowerEU jridu jindirizzaw b'mod effettiv l-objettivi tal-pjan REPowerEU**. B'mod aktar speċifiku, ir-Regolament RRF jistabbilixxi sitt objettivi għar-riformi u l-investimenti fil-kapitolu tar-REPowerEU u jirrikjedi li kull miżura tikkontribwixxi għal mill-anqas wieħed minnhom[74]:

(1) it-titjib tal-infrastruttura tal-enerġija għas-sigurtà u d-diversifikazzjoni tal-provvista għall-gass;

(2) it-tisħiħ tal-effiċjenza enerġetika, id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija, il-varar tal-enerġija rinnovabbli;

(3) l-indirizzar tal-faqar enerġetiku;

(4) l-inċentivi għat-tnaqqis fid-domanda għall-enerġija;

(5) l-indirizzar tal-konġestjonijiet fit-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija, l-appoġġ għal trasport b'emissjonijiet żero;

(6) ir-rikwalifikazzjoni tal-forza tax-xogħol lejn ħiliet ekoloġiċi u diġitali, li tappoġġa l-ktajjen tal-valur marbuta mat-tranżizzjoni ekoloġika.

Il-Kummissjoni vvalutat bir-reqqa l-miżuri l-ġodda fil-kapitoli tar-REPowerEU, u pproponiet għall-adozzjoni mill-Kunsill biss dawk li kienu konformi b'mod sodisfaċenti mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V tar-Regolament RRF, inklużi l-kriterji addizzjonali rilevanti għall-kapitoli tar-REPowerEU: (i) kontribut għall-objettivi tar-REPowerEU u (ii) jekk il-miżuri għandhomx dimensjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali.

[74] L-Artikolu 24c(3) tar-Regolament RRF


Lil hinn mill-kapitoli tar-REPowerEU, miżuri oħrajn fl-RRPs huma relatati wkoll mal-enerġija, li jikkontribwixxu għall-objettivi tar-REPowerEU u jgħinu lill-Ewropa tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq il-fjuwils fossili Russi.

## A. Ħarsa ġenerali lejn il-miżuri fil-kapitoli tar-REPowerEU

*Ir-riformi u l-investimenti addizzjonali tar-REPowerEU jindirizzaw il-konġestjonijiet, jgħinu biex titħaffef it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u tissaħħaħ is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija*

Il-25 kapitolu tar-REPowerEU adottati mill-Kunsill sal-31 ta' Awwissu 2024 jinkludu 261 miżura ġdida: 89 riforma u 172 investiment, b'kost totali stmat ta' EUR 64 biljun. Dawn il-miżuri kollha jikkontribwixxu għal wieħed mill-objettivi tar-REPowerEU, b'enfasi prominenti fuq l-objettivi 2 u 5: il-miżuri li jammontaw għal aktar minn 80 % tal-kostijiet totali stmati jindirizzaw l-objettiv 2 "it-tisħiħ tal-effiċjenza enerġetika u l-aċċellerazzjoni tal-varar tal-enerġija rinnovabbli" (EUR 35,3 biljun) u l-objettiv 5 "l-indirizzar tal-konġestjonijiet fit-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija, u l-appoġġ għat-trasport b'emissjonijiet żero" (EUR 17,3-il biljun).

*Illustrazzjoni 27: L-allokazzjoni tar-REPowerEU għal kull objettiv tar-REPowerEU, diżaggregazzjoni skont il-qasam ta' politika primarju*




Sors: It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u r-Reżiljenza

**Id-distribuzzjoni tal-appoġġ fl-oqsma ta' politika kollha tirrifletti l-aktar ħtiġijiet urġenti tal-Istati Membri fit-tranżizzjoni tagħhom lejn enerġija nadifa.** Il-miżuri fil-kapitoli tar-REPowerEU jinfirxu fuq bosta oqsma ta' politika u l-kontribut tagħhom għall-objettivi tar-REPowerEU jiddependi fuq l-ambitu speċifiku tal-miżuri individwali. L-investimenti fl-enerġija rinnovabbli u fin-networks jammontaw għall-akbar sehem tal-

appoġġ tar-REPowerEU (47 %, jew madwar EUR 29,8 biljun). Dawn l-investimenti jinkludu kapaċità addizzjonali tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, l-iżviluppi fil-grilja tal-elettriku u l-kapaċità tal-ħżin. Il-miżuri għall-effiċjenza enerġetika (allokazzjoni ta' madwar EUR 8 biljun) jikkontribwixxu għal bosta objettivi tar-REPowerEU, bl-ogħla kontribut għall-objettiv 2 tar-REPowerEU "it-tisħiħ tal-effiċjenza enerġetika, id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija, il-varar tal-enerġija rinnovabbli". Il-miżuri li jiffokaw fuq it-titjib tal-infrastruttura u s-servizzi territorjali (allokazzjoni ta' madwar EUR 5,7 biljun) għandhom ambitu differenti iżda jiffokaw l-aktar fuq il-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-livell reġjonali u lokali, filwaqt li jispjegaw il-kontribut importanti tagħhom għall-objettiv 2 tar-REPowerEU "it-tisħiħ tal-effiċjenza enerġetika, id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija, il-varar tal-enerġija rinnovabbli". Il-miżuri marbuta maż-żieda fil-kompetittività (allokazzjoni ta' madwar EUR 5,2 biljun) għandhom l-għan li jnaqqsu l-konsum tal-enerġija tan-negozji u tal-kumpaniji permezz ta' interventi differenti (prinċipalment titjib fl-effiċjenza enerġetika u żviluppi fl-infrastruttura tal-enerġija) u jikkontribwixxu primarjament għall-objettiv 4 tar-REPowerEU "l-inċentivar tat-tnaqqis fid-domanda għall-enerġija". L-investimenti fil-mobbiltà sostenibbli (allokazzjoni ta' EUR 3,4 biljun) jikkontribwixxu għall-objettiv 5 tar-REPowerEU "network tal-enerġija u trasport b'emissjonijiet żero".


**Il-ħtiġijiet u l-isfidi tal-Istati Membri jvarjaw f'termini ta' volumi ta' investiment u oqsma speċifiċi li għandhom jiġu mmirati biex jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-ilħuq tal-objettivi tar-REPowerEU**. F'termini tal-volum finanzjarju tagħhom, il-miżuri fil-kapitoli tar-REPowerEU jiffokaw ħafna fuq iż-żieda fl-effiċjenza enerġetika u fuq il-varar u l-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fi kważi nofs l-Istati Membri (aktar minn 70 % tal-kost totali stmat tal-kapitoli tar-REPowerEU fil-Belġju, fil-Kroazja, fid-Danimarka, fil-Finlandja, fi Franza, fil-Ġermanja, fil-Greċja, fil-Litwanja, f'Malta, fin-Netherlands, fir-Rumanija, fi Spanja, fl-Iżvezja). Il-miżuri li jindirizzaw il-konġestjonijiet fit-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija u l-appoġġ għat-trasport b'emissjonijiet żero (l-objettiv 5) jirrappreżentaw ukoll sehem konsiderevoli mill-kost totali stmat tal-miżuri l-ġodda tar-REPowerEU f'sitt Stati Membri (aktar minn 40 % tal-kost totali stmat tal-kapitoli tar-REPowerEU fiċ-Ċekja, fl-Estonja, fil-Latvja, fil-Polonja, fis-Slovakkja u fis-Slovenja), bil-Latvja li ddedikat 99 % tal-kostijiet totali stmati għal dak l-objettiv.

**Tliet Stati Membri inkludew miżuri li jindirizzaw l-objettiv 1 tar-REPowerEU, "it-titjib tal-infrastruttura tal-enerġija għas-sigurtà u d-diversifikazzjoni tal-provvista għall-gass".** Il-kapitoli tar-REPowerEU jinkludu investimenti fil-kostruzzjoni, fl-estensjoni u fl-aġġornament tas-sistema eżistenti tad-distribuzzjoni tal-gass naturali (l-Italja, il-Polonja) u fiż-żieda tal-kapaċità tat-terminal tal-LNG (il-Kroazja) biex tiġi ddiversifikata l-provvista u tissaħħaħ is-sigurtà. Il-kost totali għal dawk l-erba' investimenti huwa stmat għal EUR 1,6 biljun[75].

[75] Fil-valutazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, il-Kummissjoni kkonkludiet li dawn il-miżuri ssodisfaw ir-rekwiżiti għad-deroga mill-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" f'konformità mal-Artikolu 21c(6) tar-Regolament 2021/241, biex tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà immedjata tal-enerġija tal-UE.

**Il-miżuri inklużi fil-kapitoli tar-REPowerEU jsaħħu b'mod sinifikanti l-kontribut tal-RRF għall-objettivi klimatiċi**. Aktar minn 74 % tal-kost totali stmat tal-miżuri tar-REPowerEU jirrappreżentaw nefqa klimatika, ferm ogħla mir-rekwiżit minimu ta' 37 %. Dan l-appoġġ addizzjonali taħt l-RRF għall-azzjoni klimatika jammonta għal EUR 47,8 biljun.

*Illustrazzjoni 28: Is-sehem tal-kost stmat tal-miżuri li jikkontribwixxu għall-objettivi tal-RRF tar-REPowerEU*




**Sors:** It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u r-Reżiljenza

**Sabiex jibbenefikaw mill-appoġġ finanzjarju disponibbli għall-kapitoli tar-REPowerEU, l-Istati Membri se jkollhom jilħqu 372 objettiv intermedju u 254 mira**. Fil-5 ta' Ġunju 2024, l-ewwel appoġġ mhux ripagabbli ġie żborżat lil Franza biex jintlaħqu 5 objettivi intermedji u miri taħt ir-REPowerEU[76]. Dawn koprew, fost l-oħrajn, l-għażla ta' proġetti għad-dekarbonizzazzjoni industrijali li se jiksbu tnaqqis mistenni fil-konsum tal-enerġija fossili ta' 250 GWh fis-sena u d-dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar l-aċċellerazzjoni tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli biex tħaffef il-proċeduri ta' permessi. Mill-31 ta' Awwissu 2024, 68 objettiv intermedju u mira (mit-total ta' 622) ġew irrapportati bħala li tlestew iżda għadhom ma ġewx ivvalutati formalment mill-Kummissjoni. Minħabba l-adozzjoni reċenti tal-kapitoli tar-REPowerEU, għadu kmieni wisq biex tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti l-ġodda inklużi fihom. Madankollu, sabiex

[76] L-Istati Membri jistgħu jitolbu prefinanzjament tal-allokazzjoni tar-REPowerEU sa tmiem l-2023, li jammonta għal 20 % tal-finanzjament addizzjonali. Sabiex jiġi anticipat l-appoġġ finanzjarju għall-miżuri tar-REPowerEU tagħhom, ġew żborżati EUR 10,4 biljun lill-21 Stat Membru li talbuh (l-Iżvezja u n-Netherlands ma talbux prefinanzjament).

jikkontribwixxu għall-objettivi tar-REPowerEU fil-ħin, l-Istati Membri ġew imħeġġa jinkludu proġetti maturi fil-kapitoli tar-REPowerEU tagħhom, filwaqt li jiżguraw implimentazzjoni aċċellerata.

**Eżempji ta' miżuri fil-kapitoli tar-REPowerEU:**

Riformi:

- **Spanja** se tintroduċi riforma ewlenija li ttejjeb il-permessi għal proġetti ta' produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u għall-infrastruttura tan-network tal-elettriku. Ir-riforma għandha l-għan li: (i) tiffaċilita l-varar ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli u (ii) tissimplifika l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-permessi.
- **Il-Polonja** se tiżgura varar aktar mgħaġġel ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, speċjalment installazzjonijiet tar-riħ fuq l-art, bis-saħħa ta' riformi estensivi biex tiffaċilita l-permessi, permezz tal-introduzzjoni ta' ġabra unika tar-regoli, li tippermetti applikazzjonijiet elettroniċi u l-iżgurar tat-trasparenza dwar il-kapaċitajiet ta' konnessjoni disponibbli. B'kollox, 30 gigawatt ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli huma mistennija li jiġu konnessi mal-grilja sal-2026.

Investimenti:

- **Il-Portugall** se jipprovdi appoġġ għall-kapaċità tal-manifattura għal teknoloġiji strateġiċi b'emissjonijiet żero netti, bħall-produzzjoni ta' pannelli solari fil-Portugall u fl-Ewropa, teknoloġiji rinnovabbli fuq l-art u lil hinn mill-kosta, elettrolizzaturi u bijometan sostenibbli.
- **Ir-Rumanija** se tipprovdi appoġġ lil aktar minn 120 000 sid tad-dar biex jinstallaw pannelli solari u lil aktar minn 30 000 sid tad-dar għal miżuri ta' effiċjenza enerġetika – minbarra appoġġ immirat għal investimenti simili lil 14 000 sid tad-dar li huma foqra fl-enerġija u konsumaturi tal-enerġija vulnerabbli.
- **Il-Belġju** se jiffaċilita l-integrazzjoni u l-importazzjoni ta' aktar enerġija rinnovabbli fil-Baħar tat-Tramuntana u madwaru, billi jappoġġa l-iżvilupp ta' ċentru tal-gżejjer tal-enerġija lil hinn mill-kosta fil-Baħar tat-Tramuntana. Dan se jippermetti l-konnessjoni ta' mill-anqas 3,15 gigawatt ta' elettriku eoliku lil hinn mill-kosta fil-futur mal-grilja tal-elettriku fuq l-art.

## B. Ħarsa ġenerali lejn il-miżuri li għandhom dimensjoni transfruntiera jew multinazzjonali inklużi fil-kapitoli kollha tar-REPowerEU

### *Il-miżuri tar-REPowerEU għandhom dimensjoni transfruntiera jew multinazzjonali qawwija*

**Il-proġetti transfruntieri u multinazzjonali huma kruċjali biex jintlaħqu l-objettivi tar-REPowerEU fit-terminu medju u huma mħeġġa taħt l-RRF**. Il-miżuri b'dimensjoni jew b'effett transfruntier jew multinazzjonali huma dawk li jikkontribwixxu biex tiġi żgurata l-provvista tal-enerġija tal-UE jew biex titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u/jew id-domanda għall-enerġija. Filwaqt li l-appoġġ tal-RRF għal infrastruttura transfruntiera ġenwina kien limitat, minħabba l-kumplessità u l-iskedi ta' żmien tal-eżekuzzjoni tagħhom, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri inkludew fil-kapitoli tar-REPowerEU tagħhom riformi u investimenti biex itejbu l-kapaċitajiet ta' ħżin tal-enerġija u l-grilji tal-enerġija tagħhom. Dawn ir-riformi huma mfassla biex jiffaċilitaw l-integrazzjoni tar-riżorsi tal-enerġija rinnovabbli u jtejbu l-flessibbiltà u l-effiċjenza tal-grilja, u b'hekk jappoġġaw infrastruttura tal-enerġija usa' fl-UE kollha. Il-25 kapitolu tar-REPowerEU kollha adottati sal-31 ta' Awwissu 2024 jinkludu miżuri b'dimensjoni multinazzjonali jew transfruntiera, b'kost totali stmat ta' EUR 48,7 biljun, li jirrappreżenta 76 % tal-kost totali tal-miżuri fil-kapitoli, ferm ogħla mill-minimu ta' 30 % meħtieġ mir-Regolament RRF. Xi wħud mid-dimensjonijiet u l-proġetti transfruntieri u multinazzjonali ewlenin huma:

- bosta Stati Membri inkludew proġetti ta' interkonnessjoni transfruntiera tal-elettriku fl-RRPs tagħhom. Pereżempju, il-Belġju qiegħed jibni gżira artifiċjali tal-enerġija fil-Baħar tat-Tramuntana, li se tgħaqqad mill-anqas 3 GW ta' enerġija eolika lil hinn mill-kosta futura mal-grilja tal-elettriku fuq l-art u se tiffaċilita l-importazzjoni ta' enerġija rinnovabbli minn pajjiżi ġirien. L-Italja qiegħda ttejjeb l-infrastruttura tal-enerġija interna tagħha billi tibni kejbils taħt il-baħar bejn Sqallija u Campania, u qiegħda ttejjeb ukoll l-interkonnetturi tat-trażmissjoni tal-elettriku mal-Awstrija u mas-Slovenja biex ittejjeb il-flussi transfruntieri tal-elettriku. Dan se jtejjeb ir-reżiljenza tal-enerġija u l-integrazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli,
- hemm investimenti fl-infrastruttura tal-gass immirati lejn it-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-gass Russu u l-iżgurar tas-sigurtà tal-enerġija fl-UE kollha. Pereżempju, il-Polonja qiegħda tespandi n-network tal-gass tagħha bejn Gdańsk u Gustorzyn; il-Kroazja qiegħda żżid il-kapaċità tat-terminal tal-LNG f'Krk, b'konnessjonijiet mal-Ungerija u s-Slovenja; u l-Italja qiegħda żżid il-konnessjoni mal-Awstrija u mal-Ewropa ċentrali.
- xi Stati Membri, bħal Franza u Spanja, qegħdin jiffokaw fuq investimenti konġunti fil-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli (Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni jew IPCEIs (Important Projects of Common European Interest)), li għandhom dimensjoni transfruntiera u għandhom l-għan li jsaħħu l-katina tal-valur tal-idroġenu

fl-UE kollha. Il-Kroazja qiegħda tiffinanzja proġetti tal-idroġenu rinnovabbli fil-kuntest tal-Wied tal-Idroġenu tal-Adrijatiku tat-Tramuntana, li jgħaqqad flimkien il-Kroazja, is-Slovenja u r-reġjun ta' Friuli Venezia Giulia fl-Italja.

Karatteristika komuni ta' dawn il-proġetti kollha hija li l-objettiv aħħari tagħhom huwa li jnaqqsu d-domanda għall-enerġija, inaqqsu l-użu tal-fjuwils fossili u jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, u b'hekk jagħtu kontribut kbir għall-objettivi tar-REPowerEU. Informazzjoni dwar il-kapitoli tar-REPowerEU tal-RRP hija disponibbli wkoll fuq it-taqsima tar-REPowerEU tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u r-Reżiljenza[77].

[77] Ara https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/rePowerEu.html.

# 4. Konklużjoni

**L-ilħuq tal-objettivi intermedji u l-miri u l-iżborżi tal-fondi tal-RRF aċċelleraw wara d-dewmien esperjenzat fl-2023.** Filwaqt li l-isforzi tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni fl-2023 kienu mmirati lejn ir-reviżjonijiet tal-RRPs b'reazzjoni għall-pjan tar-REPowerEU, il-pass tal-iżborż sussegwentement żdied. Sal-31 ta' Awwissu 2024, aktar minn 40 % tal-fondi disponibbli tal-RRF ġew żborżati, b'EUR 265,4 biljun żborżati lil 25 Stat Membru. Fil-perjodu tar-rapportar[78] waħdu, il-Kummissjoni vvalutat 908 objettiv intermedju u mira bħala li ntlaħqu b'mod sodisfaċenti f'27 talba għal pagament u sussegwentement żborżat EUR 112-il biljun lill-Istati Membri. Jekk jinżamm il-pass kurrenti, il-Kummissjoni tistenna li tkun ħallset aktar minn EUR 300 biljun sal-aħħar tal-2024. Barra minn hekk, 85 % tal-objettivi intermedji u l-miri dovuti sal-ewwel trimestru tal-2024 jew ġew ivvalutati mill-Kummissjoni bħala li ntlaħqu jew ġew awtorrapportati mill-Istati Membri bħala li tlestew.

**L-effikaċja tal-RRF u tal-approċċ tagħha bbażat fuq il-prestazzjoni ġiet ikkonfermata fl-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-RRF.** Ir-rapport, ippubblikat fi Frar 2024, issottolinja li kemm l-iżborż tal-fondi kontra l-progress fl-implimentazzjoni kif ukoll l-appoġġ ta' riformi u investimenti kkombinati kienu l-aktar karatteristiċi ta' suċċess tal-RRF, spiss b'impatti ta' tisħiħ reċiproku. L-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati esprimew appoġġ għan-natura tal-RRF li hija bbażata fuq il-prestazzjoni, bis-saħħa tal-prevedibbiltà u l-akkontabilità li tipprovdi. L-evalwazzjoni nnotat ukoll l-impatt ta' żborżi rapidi tal-fondi tal-RRF fl-appoġġ lill-Istati Membri fi żminijiet ta' kriżi u fiż-żamma tal-livell ta' investiment pubbliku, filwaqt li l-kombinazzjoni unika ta' investimenti u riformi tgħin lill-ekonomiji Ewropej isiru mgħammra aħjar għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u għall-futur.

**Wara l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-RRF, il-Kummissjoni intensifikat l-isforzi tagħha biex tissimplifika u taċċellera l-implimentazzjoni.** Fid-19 ta' Lulju 2024 il-Kummissjoni adottat Gwida aġġornata dwar l-RRPs, biex ittejjeb l-effiċjenza fl-implimentazzjoni tal-Faċilità u tissimplifika r-rekwiżiti ta' rapportar għall-Istati Membri. Il-gwida aġġornata tipprovdi aktar ċarezza dwar il-possibbiltà li jiġi emendat RRP skont ir-Regolament RRF u l-ambitu għall-emendi li jistgħu jsiru lil RRP f'każ ta' ċirkostanzi oġġettivi. Dan jipprovdi wkoll ċarezza akbar dwar il-kundizzjonijiet li taħthom l-appoġġ mill-RRF u minn fondi oħrajn tal-UE jista' jiġi kkombinat biex jittejbu s-sinerġiji.

**Bi ftit aktar minn sentejn biss li jifdal qabel l-iskadenza tal-RRF sal-aħħar tal-2026, l-isforzi kollha tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet għandhom jiffokaw fuq l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tal-Faċilità.** Iridu jiġu indirizzati konġestjonijiet possibbli fl-implimentazzjoni u l-RRPs għandhom jiġu adattati fejn rilevanti biex jindirizzaw l-isfidi emerġenti u li qegħdin jevolvu. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mal-Istati Membri u ma' sħab ewlenin biex tuża bis-sħiħ l-opportunitajiet ipprovduti mill-RRF biex twettaq malajr ir-riformi u l-investimenti li jindirizzaw l-isfidi ewlenin ta' żminijietna biex tavvanza t-

[78] Mill-1 ta' Settembru 2023 sal-31 ta' Awwissu 2024.

tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u biex tkompli ssaħħaħ ir-reżiljenza u l-kompetittività tal-Unjoni Ewropea.